L-GHID TA' L-ASSUNTA

ID-DISGHA U GHOXRIN SENA — 29 (1994)

Three destinations, two travellers, one bank.
Going abroad?
Mid-Med

L-GHID TA' L-ASSUNTA

29 (1994)
Stampata għall-ewwel darba
Awwissu 1965

Pjazza tal-Katidral,
Rabat, Għawdex.
VCT 103
Tel - 554101

Editur
Arċipriet Carmelo Scicluna

Setting
Joseph Refalo

Ritratt tal-Qoxra
Daniel Cilia

Stampata
BCD Graphics
Rabat, Gozo.

Mons. Carmelo Scicluna
Arċipriet

MESSAĠĠ TAL-ARĊIPRIET

Ninsabu fis-sena internazzjonali tal-Familja. Kulħadd jikteb dwar il-valuri tal-Familja. Iżda l-Verġni Mbierka Marija Mtellgħa fis-sema bir-ruħ u l-ġisem f'din is-sena aktar minn snin oħra tixtieq li fil-jiem tal-festa kull familja tal-parroċċa:

- ma tfittixx lil Binha Ġesù fost il-mejtin, imma fost il-ħajjin billi l-ewwel u qabel kollox il-membri kollha tal-familja jagħtu prijorita' liċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi u mhux liċ-ċelebrazzjonijiet esterni;
- ma tqegħdux idejhom fuq ir-radda tal-moħrit u mbagħad tħarsu lura, imma f'dawn il-granet il-membri tal-familja aktar għandhom jgħixu qrib Binha Ġesù u għal Binha Ġesù billi ma jonqsux li jirċievu s-sagramenti tal-Qrar u tat-Tqarbin;
- ma tixħetx inbid ġdid f'damiġġani qodma bil-konsegwenza li jitħassru t-tnejn. Imma trid li l-għajta ta' "Viva Santa Marija" u ċ-ċapċip ikun ifisser li f'dawn il-granet il-familji aktar jaħdmu biex isarrfu fl-iċken dettal il-Vanġelu ta' Ġesù, Binha;
- ma tistinkax biex l-ewwel tidfen lill-membri mejtin tagħha għax inkella l-festa tkun ġiet biss għal bluha, għall-insulti, għat-tgħajjir u biex tnaqqas il-kredibilità tal-Knisja;
- ma tikklassifikax lilha nnifisha fost dawk li jridu jħaġġru lill-Adultera, għax inkella l-festa tiddeġenera f'festa pagana bil-konsegwenza li nixħtu l-flixkien għal xulxin, nibbotjaw lil xulxin u nisfidaw lil xulxin;
- ma tistinkax li toqgħod fuq il-lemin ta' Kristu għax inkella l-festa tiġi biex aħna nuru li aħna gwappi aktar minn ħaddieħor fin-nar ta' l-ajru u ta' l-art, u mhux biex nikbru fil-maturita' nisranija;
- ma tistmax lilha nnifisha fost iż-żgħar tas-Saltna tas-smewwiet għax inkella l-festa tkun ġiet biex tkisser u tfarrak il-Kmandamenti t'Alla u mhux biex tgħixhom b'akbar intensita'.

Jalla l-festa ta' Santa Marija din is-sena tkun injezzjoni qawwija biex kull familja fil-parroċċa tissaħħaħ fil-prinċipji tal-morali nisranija.

IĊ-ĊIMITERJU TAL-MATRIĊI

kitba ta' DUN JOE BEZZINA
Kap tad-Dipartiment ta' l-Istorja tal-Knisja,
tal-Patroloġija, u ta' l-Arkejoloġija Kristjana fl-Università ta' Malta

Sa ħamsin sena ilu fil-wesgħa art li sa minn żminijiet l-iktar qodma issejħet *Fuq it-Tomba* kien hemm ċimiterju kbir magħruf minn kulħadd bħala ċ-Ċimiterju ta' Santu Wistin.

Nhar it-18 ta' Novembru li għadda, waqt il-programm televiżiv *Għawdex illum*, (ripetut fl-20 ta' Novembru) għamilt riferenza għal dan iċ-ċimiterju. Kont qiegħed ngħid li d-dfin kien isir l-iktar fil-knejjes jew fiz-zuntier tagħhom u komplejt preċiżament hekk: "Hawn ir-Rabat, Għawdex, kien hawn eċċezzjoni, kien hawn ċimiterju kbir, ċimiterju tal-Matriċi magħruf iktar komunement bħala ċ-Ċimiterju ta' Santu Wistin". Affermazzjoni simili ilni li għamiltha bil-miktub sa mill-1989.[1]

Iżda din id-darba l-asserzjoni tiegħi li dan kien iċ-ċimiterju tal-Matriċi ma kinitx kelma għax ftit ġranet wara bdiet il-kitba ta' sensiela sħiħa ta' ittra fuq kważi l-ġurnali lokali kollha biex jippruvaw jikkontradixxuni fi kliemi. Dan li ġej hu tagħrif fil-qosor dwar l-imsemmi ċimiterju, ċimiterju li kollox juri li kien jappartjieni lill-Knisja Matriċi ta' Għawdex.

It-tagħrif, fil-parti kbira tiegħu, hu meħud mir-rapporti tal-Viżti Pastorali, rapporti li minn żmien għal żmien l-Isqfijiet jew ir-rappreżentanti tagħhom kien jagħmlu fid-djoċesi, rapporti li minħabba n-natura uffiċċjali u formali tagħhom nistgħu noqogħdu fuqhom ħafna.

Iċ-ċimiterju l-kbir

L-ewwel riferenza lejn dan iċ-Ċimiterju tinstab fil-Viżta Appostolika ta' Monsinjur Pietro Dusina. Din saret f'Għawdex fi Frar 1575, ma' l-erba' mija u għoxrin sena ilu.

Waqt li qiegħed jirreġistra tagħrif dwar il-knisja ta' San Pietru fir-Rabat, Għawdex, jgħidilna li *penes quam Ecclesiam est magnum Coemeterium*,[2] jiġifieri l'hinn minn din il-knisja hemm ċimiterju kbir. F'din l-ewwel riferenza m'hemmx imniżżel li kien jissejjaħ ta' Santu Wistin. U fir-realtà, dan iċ-ċimiterju mal-Kunvent ta' Santu Wistin u mal-Patrijiet Agostinjani ma kellu x'jaqsam proprju xejn.

Hu dokumentat li l-Ordni Agostinjan hu l-ewwel ordni mendikanti li tefa' l-ankri f'Għawdex. Dan l-Ordni kien imwaqqaf mill-Papiet Innocenz IV u Alessandru IV u kien rikonoxxut bħala ordni mendikanti fl-1256. L-ewwel patri Agostinjan dokumentat f'dawn il-gżejjer kien Patri Guillelmus de Marino hawn Għawdex lejn l-1375.[3] Skond tradizzjoni qadima u kostanti, parzjalment ikkonfermata, jidher li l-Agostinjani kienu fil-bidu jgħamru fl-inħawi ta' Gajdoru, ix-Xagħra. Biż-żmien raw li jaqbel li jinżlu r-Rabat u bnew eżattament 'il barra mir-reċint taċ-ċimiterju l-kbir. Skond diversi storiċi Agostinjani dan ġara lejn is-sena 1453.[4]

Dik il-ħabta dan iċ-ċimiterju l-kbir, li biż-żmien minħabba l-binja Agostinjana sar

Front elevation tal-faċċata taċ-Ċimiterju tal-Matriċi minn naħa ta' Pjazza Santu Wistin (disinn ta' John Grima; ħajr: John Cremona)

magħruf bħala ta' Santu Wistin, kien ga jeżisti.

Ċimiterju qadim bil-ħosta

Meta nbeda dan iċ-ċimiterju ma hux magħruf. Iżda wieħed jista' loġikament jorbtu maż-żieda qawwija fil-popolazzjoni ta' Għawdex mis-seklu tlettax 'il quddiem. Fl-1127, fuq Malta u Għawdex bdiet il-ħakma ta' diversi nazzjonijiet Ewropej u magħhom bdiet ukoll żieda kważi kostanti fil-popolazzjoni. Fl-1282 bdiet il-ħakma twila ta' l-Aragoniżi; għal żminijiet twal il-gżejjer Maltin kienu mmexxija minn sidien fewdatarji li-tkattir fil-kummerċ tejbu l-qagħda ekonomika tal-gżejjer u l-importazzjoni tal-qamħ minn barra għamlitha possibli li numru dejjem ikbar ta' nies jibdew jgħixu fuq dawn il-gżejjer żgħar. Minkejja ħajja xejn faċli, għax il-poplu kien mgħakkes b'ħafna taxxi, kienu żdiedu l-flus fl-idejn. Li ntjib ekonomiku jirrifletti ruħu, biex insemmu eżempju wieħed, fiż-żieda tal-parroċċi u fil-bini ta' ħafna kappelli.

Dan it-titjib ġab ukoll żieda sustanzjali fil-popolazzjoni. Żdiedu n-nies u żdiedu l-imwiet u l-Knisja Matriċi li allura kienet ta' dimensjoni wisq iżgħar milli hi llum ma setgħetx taqta xewqet dawk kollha li xtaqu jindifnu hemm. Barra dan, minħabba li kienet tinsab fil-Kastell fortifikat fejn kull xiber art kien utilizzat, ma kellhiex żuntier quddiemha fejn seta' jsir iktar dfin. L-unika soluzzjoni kienet ta' ċimiterju fit-trufijiet tar-Rabat, is-subborg tal-Belt. U hekk, probabilment, beda dan iċ-ċimiterju li l-ewwel darba li hu registrat f'Viżta jingħad li hu kbir.

Dan kien fl-1575. Issa biex ċimiterju jikber b'mod konsiderevoli u saħansitra jinbnew fih diversi kappelli riedu jgħaddu numru sew ta' snin. Kemm ma nafux. Iżda meta wieħed jikkunsidra li l-popolazzjoni ta' Għawdex lejn il-bidu tas-seklu sittax kienet mal-ħamest elef ruħ u l-fatt li d-dfin kien isir ukoll fit-tliet parroċċi l-oħra li kien hemm ir-Rabat u anki 'l hawn u 'l hinn fil-kappelli tal-kampanja, wieħed jikkonkludi li riedu jgħaddu numru kbir sewwa ta' snin biex ċimiterju jikber.

B'dan u b'raġunamenti oħra, wieħed jista' jieħu ċ-ċimiterju mal-mitejn sena lura, lejn nofs is-seklu erbatax, lejn l-1350. Fis-7 ta' Ottubru, 1350, Malta u Għawdex kienu magħquda mar-Reġju Demanju bi tmexxija diretta minn Palermo u dan kien fisser, anki jekk għal ftit żmien, iktar stabilità, iktar prosperità, u allura anki iktar twelidijiet u ovvjament imwiet. L-Aragoniżi dak iż-żmien kien ilhom imexxu mas-sebgħin sena u l-ħajja f'Malta u Għawdex kienet ilha sew li qabdet ċertu ritmu. Fil-5 ta' Jannar, 1351, Għawdex ingħata eżenzjoni sħiħa mill-ħlasijiet tax-xiża

www.gozocathedral.org.mt

fuq il-ħwejjeġ importati u esportati, privileġġ konfermat fl-24 ta' Marzu, 1372.[5] Privileġġ dan li kompla jiġġenera iktar kummerċ. Prova ta' dan hi l-lista ta' *gabelle* u ħlasijiet oħra li kienu jitħallsu minn Għawdex fl-1373, lista li turi ċertu żvilupp ekonomiku u soċjali fil-gżira, inkluż servizz regulari tat-trasport bejn Malta u Għawdex.[6]

Barra ż-żieda fil-popolazzjoni, iktar imwiet, u allura iktar ħtieġa ta' oqbra, jista' jkun hemm raġuni oħra wara t-twaqqif ta' dan iċ-ċimiterju, raġuni li però wkoll turi s-sena 1350 bħala d-data probabbli tal-bidu tiegħu. Bejn l-1347 u l-1349, sewwa sew f'nofs is-seklu erbatax, l-Ewropa u l-Asja inħakkmu mill-flaġġell tal-pesta. **Il-Mewt is-Sewda,** kif inhi msejħa l-pesta bubonika ta' dik il-ħabta, tant ħakmet b'qawwa eċċezzjonali li minn terz sa nofs il-popolazzjoni ta' l-Ewropa kienet meqruda. Minħabba l-kummerċ lejn Malta hi ħaġa ċerta li l-pesta messet lil Malta u lil Għawdex u aktarx ma għamlitx eċċezzjoni. Biex jidfnu l-ħafna vittmi tal-pesta ħolqu ċimiterju għall-infettati li wara, biż-żieda fil-popolazzjoni, beda jintuża minn kulħadd. Din, iżda, mhix għajr teorija li ssuġġerihieli studjuż kbir ta' l-istorja lokali. Iktar studju fuq din il-pesta jista' forsi jwassalna għad-data tat-twaqqif taċ-ċimiterju. Din it-teorija wkoll twassal dan iċ-ċimiterju lejn l-1350.

Issa skond it-tradizzjoni dan iċ-ċimiterju kien ġa jeżisti fl-1270 meta kienu midfuna fih diversi nobbli. Jista' jkun ukoll! Fis-sajf tal-1270, waqt li r-Re Luigi IX kien sejjer flimkien

Dehra mill-għoli taċ-Ċimiterju tal-Matriċi kif kien jidher fis-snin tletin ta' dan is-seklu (ħajr: Francis Cremona)

ma' diversi nobbli u ħafna kavallieri lejn l-Art Imqaddsa ħa jagħti sehmu fid-disa' Kruċjata, kien hemm imxija tad-disenterija f'Tunis fejn allura kienu jinsabu. Mietu bosta fosthom ir-Re u ħafna nobbli. Lil dawn ta' l-aħħar, jingħad, ħadu l-katavri tagħhom fl-eqreb art Angojjina lejn l-Afrika ta' Fuq, il-gżira ta' Għawdex. Hemm ħjiel li kienu midfuna proprju f'dan iċ-ċimiterju. Uħud mill-ħaġar ta' tifkira li aktarx tqiegħdu fuq qabarhom għadhom ippreservati sal-lum.

Hekk tgħid tradizzjoni ripetuta minn bosta.[7] Iżda espert fl-arkejoloġija medjevali ikkonvinċieni li stilistikament diffiċli twassal dan il-ħaġar sas-seklu tlettax. Jidher li huma ta' stil sepulkari iktar tardiv. Nofs is-seklu erbatax, jiġifieri lejn l-1350, hi data iktar aċċettabli. Hu x'inhu dan iċ-ċimiterju l-kbir kien qadim mhux ħażin.

Il-kappella ta' San Mikiel (1575)

Meta kien miżjur fi Frar 1575, ma tantx instab li kien f'qagħda tajba. Mhix ħaġa kbira! Għawdex qajl kien għadu stejqer mill-Assedju l-Kbir ta' l-1551 meta parti kbira mill-popolazzjoni kienet meħuda fil-jasar.

Intant, tul il-Viżta, l-Isqof żar diversi kappelli li kien hemm. Ġa semmejna dik ta' San Pietru. Kappella oħra kienet ddedikata lil San Mikiel. Kien jieħu ħsiebha l-kappillan ta' San Ġorġ, Dun Lawrenz de Apapis. Fil-knisja kien hemm diversi piżijiet, iżda kienet bla bieb. Lir-Rettur, il-Viżitatur obbligah li jtemm il-piżijiet f'San Ġorġ, iżda fi żmien xahar kellu jwaħħal il-bieb u l-piżijiet marbuta mal-kappella jkomplihom ġo fiha u mhux f'San Ġorġ. Kien se jeħel multa jekk ma jtemmx din l-ordni.[8]

Il-kappella ta' San Ġwann (1575)

Kappella oħra miżjura mill-Viżitatur mibnija f'post solitarju f'tarf l-istess ċimiterju kienet dik ta' San Ġwann l-Evanġelista.[9] Maġenb din il-kappella kien hemm ossarju jew fossa biex tilqa' fiha l-għadam li jinqala' mill-oqbra.[10] Il-ħtieġa ta' fossa maċ-ċimiterju tkompli tikkonfermalna l-qedem tiegħu.

Intant din il-kappella ukoll kienet f'kundizzjoni ħażina. Ma tantx jidher li kien hemm ċans li tissewwa u l-Viżitatur ordna li l-beneficċji u l-obbligi marbuta magħha jkunu trasferiti *in Ecclesiam Parochialem intus Castrum,* fil-Knisja Parrokkjali ta' ġol-Kastell.[11]

Dan hi l-ewwel riferenza ċara ta' l-appartenza ta' dan iċ-ċimiterju. Il-beneficċji u obbligi oħra ta' kappella li kellha x'taqsam maċ-ċimiterju kellhom jiġu trasferiti fil-Knisja Matriċi u jibqgħu ikunu mitmuma hemm, ta' oħra kellhom ikunu mitmuma f'San Ġorġ għal xahar biss. La l-knisja Matriċi ngħatat dan id-dritt ifisser li fl-1575, dan iċ-ċimiterju kien ikkunsidrat proprjetà tagħha.

Il-Viżta ta' l-Isqof Tumas Gargallo (1587)

F'Settembru 1587, il-kappelli li kien hemm fiċ-Ċimiterju kienu miżjura mill-ġdid. Din id-darba iċ-ċimiterju hu msejjaħ ta' Santu Wistin, u kien, igħarrafna l-kittieb, *in Rabbato dicti Castri,*[12] fir-Rabat tal-Kastell; ir-Rabat, ismu miegħu, jeżisti għax hemm il-Kastell. Għal darba oħra nstabu li kienu fi stat ta' abbandun totali. Fejn kien hemm il-kappelli jew ħjiel tagħhom kellu jitqiegħed salib.

L-Isqof Gargallo imbagħad jordna li *omnes missae quae ibi celebrari debent in posterum celebrentur in Ecclesia parrochiali dicti Castri* — il-quddies kollu li suppost jiġi ċċelebrat f'dawk il-kappelli kellu minn dak inhar 'il quddiem jiġi ċċelebrat fil-Parroċċa tal-Kastell.[13]

Ir-risposta għad-domanda 'l għaliex hemm u mhux x'imkien ieħor hija ovvja.

www.obscathedral.org.mt

Il-Viżta ta' l-1592

Tagħrifa oħra interessanti dwar il-proprjetarji u l-benefatturi tal-kappelli u li tkompli tikkonferma dak li qegħdin ngħidu neħduha mill-Viżta Pastorali ta' l-1592.

Meta l-Viżitatur iżur il-kappella ta' Sant'Anton fl-imsemmi ċimiterju jgħarrafna li din il-kappella kien tħallilha legat mill-mejta Katerina mart Nazju Cauchi u li din kienet *habitatrice hujus Castri;* jiġifieri kienet toqgħod fil-Kastell u allura kienet parruċċana tal-Matriċi u mhux ta' xi parroċċa oħra.[14]

Veru li dan mhux għajr ħjiel, iżda la kellha interess f'kappella ta' ċimiterju juri li kellha xi qraba midfuna hemm. Mela kien ċimiterju jintuża mill-parruċċjani tal-Matriċi kif għidna fil-bidu.

Piżijiet fuq żewġ kappelli fl-1608

Fil-Viżta ta' l-1608, magħmula wkoll fi żmien l-Isqof Tumas Gargallo, jissemmew żewġ kappelli li għadhom relazzjoni ma' l-argument. Naqraw li l-piż tal-kappella ta' San Mikiel — quddiesa kull ħmistax li kellha titqaddes nhar ta' Tlieta — kien qiegħed jitwettaq fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex.[15]

Piż ieħor fuq il-kappella tal-Konverżjoni ta' San Pawl fl-istess ċimiterju wkoll kien qiegħed isir fil-Matriċi; iżda l-Isqof ordna li dan l-obbligu, li wkoll kien jikkonsisti f'quddies, kellu mill-ġdid jibda jsir fil-kappella taċ-ċimiterju.[16]

Titjib fiċ-ċimiterju

Din l-aħħar aħbar tikkonferma li, mal-

Il-kappella tad-Duluri fiċ-ċimiterju tal-Matriċi kif kienet fl-aħħar snin ta' l-eżistenza tagħha.
(ħajr: Francis Cremona)

www.gozochurches.org

bidu tas-seklu sbatax, fiċ-ċimiterju kien beda jsir xi titjib. Il-kappella ta' San Mikiel kienet ġiet restawrata. Dan hu konfermat mill-viżta ta' l-Isqof Baldassar Cagliares fl-1615. Diversi kappelli oħra fl-istess ċimiterju kien ġew irranġati, fosthom dawk ta' Sant'Anton u ta' San Ġwann l-Evanġelista, fejn kienet anke bdiet issir festa bil-kbir.

Xi kappelli oħra ma kinux għadhom restawrati. Nhar is-17 ta' Novembru, 1615, l-Isqof ordna li talinqas isirulhom il-bibien. **U l-ispiża kellha toħroġha l-Knisja Matriċi.**[17] Hi ħaġa ovvja li l-Knisja Matriċi kienet obbligata tħallas l-ispejjes għaliex kienet tipposidi l-imsemmi ċimiterju. Is-sens komun jegħlek taħseb li kieku dan iċ-ċimiterju kien jipposidih ħaddieħor allura kien ikun obbligat iħallashom hu l-ispejjes u mhux il-Knisja Matriċi.

Il-konfini tal-parroċċa tal-Matriċi (1623)

Fl-1623, l-Isqof Baldassar Cagliares qata' l-konfini tal-Parroċċi tal-Matriċi ta' Santa Marija u ta' dik ta' San Ġorġ, iż-żewġ parroċċi f'Għawdex ta' dik il-ħabta.

Iċ-ċimiterju ta' Santu Wistin tqiegħed b'mod l-iktar ċar mal-Parroċċa tal-Matriċi.[18] Mhux biss iċ-ċimiterju, iżda anki il-ġardinett ta' Santu Wistin, illum Pjazza Santu Wistin, u l-biċċa raba' ta' Santu Wistin imsejħa wkoll ta' Bieb il-Għajn. B'hekk żgur ma kellux jitħalla dubju dwar min kien jagħmel miċ-ċimiterju ta' Santu Wistin.

Il-konferma fil-Viżta Pastorali ta' l-1663

Jekk wieħed ikompli jqalleb il-Viżti Pastorali li ġew wara jkompli jikkonferma dak kollu li qegħdin ngħidu. Għalhekk biżżejjed insemmi Viżta Pastorali oħra biss, l-aħħar



Iċ-Ċimiterju hu propjetà tal-Knisja Matriċi ta' Għawdex — L-Isqof Mikiel Balaguer (1663).

www.gozocathedral.org.mt

TASIKA AUTO LTD
GOZO AGENT FOR:
MERCEDES
RENAULT
OPEL
SAAB
SUBARU
LADA
ELMO INSURANCE
Fortunato Mizzi Street, Victoria - Gozo. Tel: 553288

waħda ta' l-Isqof Mikiel Balaguer de Camarasa.

Fiċ-ċimiterju kien sar ċertu titjieb u l-Viżitatur iħeġġeġ lill-Arċipriet tal-Matriċi, Dun Anton Camilleri biex ma ikompli jieħu ħsieb dan iċ-ċimiterju. Il-għaliex lil dan l-Arċipriet u mhux lil xi ħadd ieħor. Jgħidilna ċar u tond 'l għaliex **Cemeterio pertinens ad Ecclesiam Matricem Gaulitanam — iċ-Ċimiterju hu proprjetà tal-Knisja Matriċi ta' Għawdex.**[19]

L-Arċipriet Alfons Marija Hili

Insemmu fl-aħħarnett Arċipriet ieħor ta' żminijet oħra, meta l-Matriċi kienet saret Katidral. Dan l-Arċipriet tal-Katidral, wieħed mill-benefatturi kbar tal-Parroċċa Bażilika ta' San Ġorġ, kien Alfons Marija Hili. Mhux ta' b'xejn li l-Kapitlu ta' San Ġorġ u l-Kumitat tal-Banda La Stella tħabtu ħalli jsemmulu triq fil-qalba tar-Rabat u iktar 'l quddiem din is-sena se jwaqqfu monument f'ġieħu f'San Ġorġ. Jixraqlu fuq li jixraqlu.

Intant l-Arċipriet Hili lanqas kellu dubju lil min jappartjeni dan iċ-ċimiterju. Meta l-qassis twajjeb u qaddis Dun Pawl Micallef issuġġerilu biex minflok iċ-ċimiterju jibni Oratorju, hu qabel ma' l-ideja, u ppreżenta rikors lill-Isqof. Qal ċar u tond li ċ-ċimiterju jappartjeni l-Katidral.

Ir-rikors kien diskuss mill-Kapitlu nhar it-30 ta' Mejju, 1939, u bħala proprjetarji taċ-ċimiterju taw il-kunsens tagħhom biex fuq proprjetà tagħhom jinbena l-Oratorju, illum imsemmi għal Don Bosco.[20]

Konklużżjoni

Forsi wieħed jistaqsi, u bir-raġun, issa b'daqshekk? Xejn xejn wieħed għandu joqgħod attent li jekk mhux ċert ikun wisq jaqbel li ma jħarbex xejn għax faċilment jiġrilu li jkun qiegħed imieri s-sewwa magħruf u jtellef il-kredibilità kollha tiegħu.

---

[1]Cf JOSEPH BEZZINA, *Sannat fi ġrajjet Għawdex*, Gozo 1989, 60.
[2]Cf A(rchivum) E(piscopale) G(audisiense), VA (1575) 201.
[3]Cf Palermo, ARCHIVIO DI STATO, *Real Canelleria*, vol 13, 150r-151r.
[4]Ara ĠULJU BONNICI, *Ġrajjiet Agostinjani f'Malta*, Malta 1990, 7.
[5]Cf Palermo, ARCHIVIO DI STATO, *Real Canelleria*, vol 5, 224v.
[6]Cf Palermo, ARCHIVIO DI STATO, *Real Canelleria*, vol 12, 203r-v.
[7]Cf G.P.F. AGIUS DE SOLDANIS, *Għawdex bil-ġrajja tiegħu*, II, Malta 1953, 116-121.
[8]Cf AEG, VA (1575) 203.
[9]Cf AEG, VA (1575) 201-202.
[10]Cf AEG, VP (1592) 7r.
11Cf AEG, VA (1575) 202.
[12]Cf AEG, VP (1587) 13r.
[13]Cf AEG, VP (1587) 13r-v.
[14]Cf AEG, VP (1592) 7v.
[15]Cf AEG, VP (1608) 8v.
[16]Cf AEG, VP (1608) 8v.
[17]Cf AEG, VP (1615) 15r.
[18]Cf AEG, VP (1623) 9r.
[19]Cf AEG, VP (1663) 11v.
[20]Cf ARCHIVUM CATHEDRALE GAUDISIENSE, *Acta Capitularia*, II, 26.

www.gozoathenaeum.org.mt

GOODYEAR

WEDGE and V-BELTS

Premium Quality Belts That Offer More Than Any Other Standard Belts Of Their Kind

MACHINERY V-BELTS

in all sections & size lenghts up to 590"

Sections Available:

★ 10Z/M ★ SPZ ★ 13A/SPA ★ 17B/SPB ★ 22C/SPC ★ SPC ★ 25M
★ 32D&E ★ Variable Speed Belts ★ Conveyor Belts ★ Timing Belts
★ Double Side Timing Belts ★ Office Machinery Belts
★ Double V-Belts ★ Multi VVV Belts

and all sorts of

WATER High Pressure and CHEMICAL HOSES

ALL BELTS Are Matched For Life. Oil Resisting & Static Conducting

A Good Job Requires The Best

Sole Distributors:

SCICLUNA ENTERPRISES LTD.

165, CONGRESS ROAD - MOSTA

Tel: 432992 / 432997 **Fax: 432899** **Tlx: MW 1582**

ABSOLUTELY NO CONNECTION WITH ANY OTHER FIRM

LINO - TA - RIU

www.gozocathedral.org.mt

IL-KNISJA TA' GHAWDEX TUL IŻ-ŻMINIJIET

minn ALEXANDER BONNICI ofm conv.

FIDI NISRANIJA: TNEMNIM TA' DAWL

Illum, hemm stil li jixxiebah fil-festi tal-parroċċi ta' Malta u Ghawdex. Il-poplu taż-żewġ gżejjer igawdi l-ġid u hu ġeneruż hafna mal-knejjes tiegħu. Fuq kollox, hafna ghadhom joffru x-xoghol ta' idejhom li minghajru l-festi jiftaqru hafna u ġie li ma jkunx possibli li jsiru.

F'Ghawdex, il-festi kif nafuhom illum żviluppaw iżjed tard minn Malta. Sakemm Ghawdex kien qisu post wiehed, il-kampanja ma setghetx tiehu r-ruh. Mhux biss ma stajniex nitkellmu fuq festi, imma lanqas fuq knejjes parrokkjali.

L-ewwel tlettax-il seklu ta' l-era nisranija huma mitlufin fid-dlam ta' l-istorja f'dak li ghandu x'jaqsam mal-Knisja. Il-gżira t'Ghawdex qatt ma setghet tiehu r-ruh. It-tnemnim ta' dawl ta' l-ewwel tmien sekli ntefa ghal kollox tul id-dominazzjoni twila ta' hakma Gharbija (870-1170). Ghandna fdalijiet ta' xi knejjes: kemm ta' xi tempju pagan kif ukoll ta' knejjes insara ċkejknin. Imma sinjali ta' xi festi ta' l-ewwel sekli ma jeżistux.

Żgur li kien hemm xi purċissjonijiet ċkejknin li, bhal dawk ta' Malta, kienu <u>votivi</u> (ghal xi grazzja maqlugha) jew <u>rogazzjonali</u> (biex tinqala' xi grazzja minghand Alla). Imma dwar dawk ta' l-ewwel żmien ma waslilna xejn. It-tifkiriet li setghu kienu jeżistu nqerdu fi żmien l-Gharab, meta maghhom ghal xi żmien it-twemmin nisrani spiċċa ghal kollox mill-gżira.

Fl-1127, man-Normanni, it-twemmin fi Kristu htieġlu jitwieled mill-ġdid. Beda żmien il-Hakkiema nsara. Imma, sa mitt sena wara, minn 366 familja, ghad hemm 155 ta' Misilmin u 8 ta' Lhud. Kien hemm 203 li kienu familji nsara. Imma dawn ma kienux hlief ftit iżjed min-nofs. Il-Misilmin baqghu b'sahhithom sal-1249, meta l-Islam safa kkundannat, u dawk li ntrabtu mieghu ġew eżiljati fl-Italja ta' Isfel. Imma l-knejjes kienu ghadhom ċkejknin u ta' faqar kbir. Hadd ma kien jissogra jghix fil-kampanja. Il-furbani, speċjalment mil-Libja u t-Tunizija, ta' sikwit qabżu fuq il-gżira t'Ghawdex, serqu kemm felhu, harqu li sabu, u tefghu 'l hafna minn missirijietna fil-jasar.

Il-gżira t'Ghawdex kienet imharsa inqas minn ta' Malta. Dawk li hakmu 'l Malta u Ghawdex telquhom f'idejn xi sidien fewdali. Il-gżejjer taghna saru xi "Kontea". Is-sid fewdali kien jixtri 'l gżejjer minghand ir-Re ta' Sqallija, u mbaghad jisloh lill-imsejkna Maltin u Ghawdxin halli jdahhal dak li jkun hareġ. Imma, tul is-seklu erbatax, ghandna sinjali ċari tal-preżenza nisranija f'Ghawdex. Xi qassisin kienu jgawdu minn benefizzji mwaqqfin f'dik il-gżira ċkejkna.

Fis-seklu ta' wara, tibda tinhass ahjar ir-Reliġjon ghax naraw is-sinjali ta' l-ewwel parroċċi: il-Matriċi ta' l-Assunta fiċ-Ċittadella, San Ġorġ, Santa Marija ta' Savina u San Ġakbu fir-Rabat. Il-hajja nisranija hadet r-ruh ghaliex, fi tmiem is-seklu hmistax, tinhass il-preżenza tal-Patrijiet Agostinjani, u tal-Franġiskani Konventwali, li hu l-Ordni tal-Minuri mwaqqaf direttament minn San Franġisk.

Fl-1426, il-Maltin u l-Ghawdxin fdew lilhom infushom, u tpoġġew taht Alfons I, re ta' Aragona u Sqallija. Fi żmien qasir, Ghawdex kellu l-Università' tieghu. Kienet grupp ta' persuni li ghenu fit-tmexxija tal-gżira. Bdew żminijiet ahjar. Imma ghadna ma nistghux nitkellmu dwar festi u purċissjonijiet. Madanakollu, kien żmien meta x'uhud bdew juru mhabba partikulari lejn din jew dik il-knisja. Mhux biss hallew quddies ghal ruhhom, imma wkoll riedu jindifnu fi knisja, jew fuq iz-zuntier jew iċ-ċimiterju ta' madwarha. Xhieda qadima tal-1435 hi dwar il-Matriċi ta' l-Assunta. L-eqdem dokumenti juru wkoll li anki kappelli ċkejknin kemm-il darba kellhom ċimiterju maghhom.

PARROĊĊI QODMA

Mal-bidu tat-tmexxija tal-Kavallieri, f'Ghawdex inhasset il-preżenza ta' familji nobbli li kienu ta' nisel barrani. Sa minn ġenerazzjonijiet diversi, kienu ilhom ighixu f'dik il-gżira. Dawn bdew jintrabtu mal-knejjes billi jibnu kappelli ċkejknin f'kull xaqliba tal-gżira, u jżommuhom bhala ġuspatronat taghhom. Hafna mill-knejjes ta' Ghawdex ghandhom rabta ma' xi familja kunjomha Navarro, Platamone, de Naso, de Federico, Rapa, de Manuele, de Sahona.

www.gozocathedral.org.mt

RAINDROPS

Tel: 554114 - 551254

Pet & Garden Centre

The Ideal Place to find
all pet and garden requisites including:

- A large selection of pesticides, herbicides and fertilizers;
- A range of sprayers from 1 to 16 litres including motorised ones;
- Artificial or fresh flower arrangements for any occasion;
- Seeds, bulbs and fruit trees;
- Indoor and exotic outdoor plants;
- Pots and decorative pot covers;
- Pets including pure breed rabbits;
- Pet foods.

- FREE EXPERT ADVICE ON PLANT DISEASES -

www.gozocathedral.org.mt

Oħrajn, illa ma jkunu nobbli, kienu propretarji ta' artijiet li jqabbluhom lill-bdiewa, u mbagħad f'testment iħallu minnhom lill-knejjes. Fost dawk li għanew lill-knejjes, insibu lil Bonnichi, de Theolbaldo, de Anastasio, Casaro, Saliba, Episcopo, Theuma, Miniut u Machnuc. Dan ta' l-aħħar kien minn familja ta' Misilmin li saret nisranija.

L-oriġini ta' l-ewwel parroċċi jibqa' diffiċli biex jiġi rrakkuntat għal Għawdex. Fis-seklu ħmistax, l-aktar importanti żgur li kienet il-Matriċi ta' l-Assunta.

Il-Matriċi ta' l-Assunta, li qegħda fiċ-Ċittadella, u li hi l-Katidral tal-lum għandha l-akbar u l-eqdem storja. L-eqdem dokument miktub, marbut magħha, jeħodna lura sas-sena 1435. Għalkemm dik li għandna f'idejna hi kopja, xejn ma hemm li jġegħilna niddubitaw mill-ġenwinità' tal-kontenut. Kemm kienet ilha qabel l-1435 bit-titlu ta' l-Assunta, aħna nibqgħu ma nafux.

Fir-Rabat, fil-qalba l-iżjed abitata, hemm il-parroċċa ta' San Ġorġ. Din ukoll hi parroċċa qadima. Żgur li kienet parroċċa qabel l-1506. Imma, meta nitkellmu dwar il-parroċċi tar-Rabat, ma nistgħux ma nsemmux tnejn oħra li llum m'għadhomx parrokkjali. M'għadx fadlilhom lanqas xi festa li hi ta' mportanza għal Għawdex. Dawn huma l-knejjes ta' Santa Marija ta' Savina u San Ġakbu. Dawn kienu parroċċi sal-1575; imma, mill-1551, kienu ta' l-isem biss. Ftit marbutin magħhom qatt ma kien hemm. San Ġakbu kellha mnejn kienet parroċċa lejn is-sena 1421. Santa Marija ta' Savina kienet parroċċa qabel is-sena 1479. Sa dak iż-żmien f'Għawdex ma kienx hemm ħlief xi purċissjoni devozzjonali.

Fil-limiti tal-parroċċa ta' San Ġakbu kien hemm il-knisja ta' San Mark li, fl-1535, il-Franġiskani Konventwali li kienu jmexxuha tawha l-isem ta' San Franġisk. Fil-limiti tal-parroċċa ta' San Ġorġ, kien hemm il-knisja ta' Santu Wistin.

Kull parroċċa għandha l-istorja tagħha. Imma l-festi esterni damu biex bdew. Ma kienx hemm festi ta' dimostrazzjonijiet ta' ferħ u kemm kien għad hemm il-parroċċi fir-Rabat biss. Imma l-piki u l-problemi kienu diġa' daħlu. Aktarx li kienu jkunu dwar ġurisdizzjoni u drittijiet ta' amministrazzjoni tas-sagramenti. Fi żmien meta, lejn il-bidu tas-seklu sittax, hemm diffikultajiet kbar dwar il-ħajja pastorali fil-qalba tar-Rabat, il-Kappillan ta' Santa Marija ta' Savina wasal biex saħansitra jipproponi lill-Isqof biex jissopprimi liż-żewġ parroċċi l-oħra (il-Matriċi u San Ġorġ) biex jibqa' fir-Rabat parroċċa waħda biss, li tkun ta' Savina. Naturalment, l-Isqof ma ħalliex li jitqies dik il-proposta.

PURĊISSJONI ROGAZZJONALI F'SAN GIRGOR

Qabel ma bdew il-parroċċi tal-kampanja, Għawdex ukoll kellu xi purċissjoni rogazzjonali. Jidher li l-eqdem waħda hi dik ta' San Girgor, fit-12 ta' Marzu. Għalkemm is-sena u r-raġuni ta' l-ewwel purċissjoni ilhom magħrufin mill-1974, bil-pubblikazzjoni ta' Patri Mikiel Fsadni, Dumnikan, xi kittieba baqgħu jgħidu li ma jafux meta l-purċissjoni bdiet.

Żgur li kienet issir purċissjoni qabel is-sena 1592. Jekk il-purċissjoni bdiet ma' ta' Malta, allura ngħidu li l-bidu kien fl-1543. Ċiet ordnata mill-Isqof Domenico Cubelles biex issir talb lil Alla biex jqanqal għall-paċi lis-Slaten ta' l-Ewropa li kienu miksurin bejniethom. F'Malta kienet toħroġ mill-Katidral, u tmur iż-Żejtun. F'Għawdex ukoll kienet toħroġ mill-knisja l-iżjed importanti. Kienet titlaq mill-Matriċi ta' l-Assunta. Ma nafux b'ċertezza fejn marret il-purċissjoni ta' l-ewwel snin; imma, imbagħad bdiet tmur lejn il-kontrada ta' Għar Gerduf fit-tarf tar-Rabat; iżjed tard, bdiet tmur lejn ta' Kerċem.

San Ġorġ — Parroċċa qabel l-1506.

Carmelo
Gauci Ltd.

Importers of all kind of timber,
plywood, blockboard, chipboard, hardboard,
laminated plastics, hardware, woodworking &
aluminium machines

"CARGA"
New Street, off Qormi Road,
St. Venera - Malta.

Tel: 445717 / 443861
Telex: 712ICUAG MW
Cables: ICUAG - MALTA

www.gozocathedral.org.mt

TLETTAX-IL PARROĊĊA 'L BARRA MIR-RABAT

Ma hemm l-ebda raħal f'Għawdex li għandu żewġ parroċċi. Imma, f'kull post, insibu xi kappelli filjali. L-istorja tal-parroċċi ta' l-irħula bdiet ma' l-erezzjoni tal-parroċċa tax-Xewkija, fl-1678. Malajr fl-1679 inqatgħet il-parroċċa ta' l-Għarb. L-erezzjoni ta' dawn il-parroċċi li ħarġu mill-Matriċi, kienet l-ewwel frott li ħareġ għall-knisja mill-fatt li n-nies, wara l-1637, setgħu jibdew igħixu 'l barra mis-swar taċ-Ċittadella. B'hekk, il-kampanja bdiet tiġi mgħammra.

B'ħarsa ħafifa lejn l-erezzjoni tal-parroċċi, nghidu li, fl-1688, ħarġu mill-Matriċi ta' l-Assunta l-parroċċi ta' Sannat, ix-Xagħra, in-Nadur u ż-Żebbuġ. Fl-istess sena, il-Matriċi u San Ġorġ tqegħdu taħt ragħaj wieħed: Arċipriet għall-Matriċi li jkun Kappillan għal San Ġorġ. Imbagħad, għal 167 sena, ma ħarġet l-ebda parroċċa ġdida. Imma, f'Forn il-Ġir, taħt is-swar taċ-Ċittadella, daħlu l-Kapuċċini.

Fl-1855, min-Nadur u x-Xewkija, inqatgħet il-parroċċa ta' Għajnsielem. Kienet l-aħħar parroċċa ta' Għawdex li ħarġet mid-djoċesi ta' Malta, għaliex fl-1864 il-Matriċi-Kolleġġjata t'Għawdex ġiet magħżula bħala l-Katidral tad-djoċesi ġdida li Piju IX qatagħha mid-djoċesi ta' Malta. F'Għajnsielem, iżjed tard, daħlu l-Franġiskani Minuri, li l-poplu jsejħilhom ta' Ġiezu, u nbniet il-knisja ta' Sant'Antnin.

Fl-1872, ħarġet l-ewwel parroċċa mid-djoċesi t'Għawdex. Kienet is-Santwarju ta' l-Immakulata Kunċizzjoni fil-Qala, u mbagħad is-sede tal-parroċċa għaddiet għall-knisja ġdida li nbniet f'gieħ San Ġużepp. Din il-parroċċa ħadet il-limiti minn tan-Nadur.

Fl-1885, mill-Katidral t'Għawdex, inqatgħet parroċċa għal ta' Kerċem. Ftit wara, mill-Għarb, fl-1893, ħarġet il-parroċċa ta' San Lawrenz. Dan hu l-post waħdieni ta' Għawdex fejn isem ir-raħal hu dak tal-qaddis titulari tal-parroċċa.

Beda s-seklu għoxrin u, fl-1911, mill-Katidral u minn San Ġorġ, ħarġet il-parroċċa tal-Fontana, li l-poplu jsejħilha t-Triq tal-Għajn. Wara għaxar snin, fl-1921, inqatgħet mill-Għarb, iż-Żebbuġ u l-Katidral il-parroċċa ta' l-Għasri. L-aħħar parroċċa hi dik tal-Munxar. Inqatgħet minn ta' Sannat fl-1957. Għawdex żdied ukoll b'żewġ komunitajiet oħrajn ta' reliġjużi rġiel. Fil-qrib tar-Rabat, f'limiti ta' San Ġorġ, daħlu l-Ġiżwiti (li kienu hemm żmien qabel, u mbagħad ħallew). Fiż-Żebbuġ, daħlet is-Soċjeta' Missjunarja ta' San Pawl. Għal xi żmien, fir-Rabat, kien hemm is-Sależjani wkoll.

FESTI TITULARI BLA STATWA

Meta fl-aħħar tas-seklu sbatax u fil-bidu tat-tmintax f'Malta nibdew insibu purċissjonijiet ta' festi titulari bl-istatwa, f'Għawdex kienu għadhom qatt ma ħasbu fihom. F'Malta naraw il-Bambina ta' l-Isla, San Pawl tal-Belt u San Nikola tas-Siġġiewi li kienu joħorġu proċessjonalment, aktar milli biex jifirħu bihom, għax fil-parroċċa kien hemm lejhom devozzjoni ġenwina. Imma l-purċissjonijiet kienu bdew f'Għawdex ukoll, għalkemm kien għad ma hemm l-ebda statwa partikulari. Ma kienx possibli f'Għawdex li tqum devozzjoni lejn l-istatwi titulari għas-sempliċi fatt li l-ebda parroċċa ma kellha statwa tal-Madonna jew Qaddis li kien il-protettur tal-parroċċa.

F'Għawdex, kienu bdew jiġu organizzati l-Fratellanzi, speċjalment tas-Sagrament u tar-Rużarju. Il-Fratelli kienu jieħdu ħsieb l-artali tagħhom u jorganizzaw xi purċissjonijiet devozzjonali fil-parroċċa. Imma Fratellanzi msemmija għat-titular tal-parroċċa kienu rari. L-eqdem fratellanza marbuta ma' titular ta' knisja parrokkjali hi dik ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur. Din bdiet fl-1763. Oħrajn huma ħafna iżjed reċenti. Insibu dawk ta' San Ġużepp fil-Qala, Santa Marija fil-Katidral, il-Qalb ta' Ġesù fil-Fontana u tas-Sagrament fl-Għasri. Fl-imgħoddi, il-Fratellanzi kienu ta' għajnuna kbira għall-Kappillan, anki fl-aspett finanzjarju.

Il-festa titulari kienet issir b'Għosrien kantati u b'quddiesa solenni. Kien ikun mistenni predikatur mill-aħjar. Meta, nhar il-festa titulari, bdiet toħroġ il-purċissjoni, kienet toħroġ filgħodu, u bla statwa. Iċ-ċelebrant kien iġorr relikwa f'idejh, u kien jimxi bejn żewġ ministri.

Sa minn qabel ma kien hemm l-istatwa titulari, kienu jsiru tiġrijiet tat-tfal, ta' l-irġiel u tal-bhejjem. Għandhom tradizzjoni qadima dawk tar-Rabat, ta' Sannat, Xewkija, Nadur u Xagħra. Dawk ta' postijiet fil-għoli kienu jqabbdu wkoll xi ħuġġiega kbira f'post li kien jintlemaħ minn irħula oħrajn ta' Għawdex. Il-ħuġġiega ma kenitx iġġib spejjeż kbar, bħalma jġibu l-bombi. Kienu jitfgħu fiha minn kollox. Sa ftit iżjed minn mitt sena ilu, baned filarmoniċi organizzati ma kienx hemm. Imma xejn ma kien rari li jingħaqdu flimkien xi erba' rġiel li jdoqqu xi trombun, vjolin jew tifra ħalli juru li dik ma kenitx ġurnata tas-soltu. Kienu jferrħu lir-raħal u jagħmlu ftit ħoss. Fin-Nadur, b'xebh ma' Malta, kellhom il-buskett tagħhom. Fih, kienu jingabru ħalli jiżfnu, ikantaw u jieklu. Xi postijiet,

Management Systems Ltd

J. F. Kennedy Square Victoria Gozo

Tel: 557462

Offers

PERSONAL COMPUTERS for your home

COMPUTER BUSINESS SOLUTIONS

SOFTWARE PACKAGES

AFTER SALES SERVICE and support

Plus

Regular Courses in Business Subjects

Computer Courses

Computer Appreciation

Management at all levels

The leading Computer Company in Gozo

www.gozocathedral.org.mt

bħar-Rabat, Nadur, Xewkija u Għajnsielem, kellhom rabtiet ma' Malta aktar minn oħrajn.

Il-Maltin kienu jiġu mistiedna biex jagħtu xi sehem fil-festa, u magħhom kienu jkaxkru oħrajn. Ma kenux jinkeddu wisq jekk ma jsibux fejn jorqdu. Bosta kienu jintefgħu fuq it-tarag taż-żuntier ta' xi knisja, jew f'xi biċċa għien, jew fuq xi bank. Kienu jinkwitaw iżjed meta ma jsibux x'jieklu lanqas bil-flus. Kienu għadhom żminijiet diffiċċli biex isibu mezz ħalli jaqsmu l-fliegu bejn Malta u Għawdex. Xi karrozzin jew karettun kienu jieħdu 'l Maltin u anki lill-Għawdxin lejn il-post fejn kienet tiġi ċelebrata l-festa. Imma, fl-imgħoddi, aktar milli fi żmienna, ma kenux isibuha bi tqila biex jimxu.

Missirijietna kienu jmorru anki għall-festa nterna biss. It-torċi miksijin biż-żift ħalli jaqbdu u jdawlu u ħafna fjakkli mixgħula biż-żejt jew bil-pitrolju kienu karatteristiċi taż-żmien. Kienu jġibu ħafna dħaħen u jikkagunaw nuqqas ta' arja tajba; imma kienu juru li jum il-festa ma kienx wieħed komuni. Huma kienu jiċċelebrawha wkoll b'sawm lejlietha, u bi frekwenza għas-sagramenti tal-qrar u t-tqarbin. Min-naħa l-oħra, jekk jum il-festa kien jaħbat f'ġurnata ta' sawm jew astinenza, l-Isqof kien jiġi mitlub biex jiddispensa mill-Penitenza lil kull min ikun f'dik il-parroċċa għall-festa ħalli l-qaddis patrun jiġi ċċelebrat b'ikla tajba wkoll. Niftakru li, fl-imgħoddi, ma kenux ftit il-festi li gew ċelebrati f'Għawdex fil-ġurnata liturġika tagħhom, li mhux dejjem kienet festa kmandata, bħalma kienu Santa Marija, San Ġwann Battista u l-Imnarja. Fil-ġurnata tagħhom, u għalhekk, anki fost il-ġimgħa, kienu jiġu ċċelebrati festi titulari ta' parroċċi bħalma kienu San Ġorġ (23 t'April) u San Girgor (12 ta' Marzu).

KULĦADD IRID STATWA TITULARI

Sal-bidu tas-seklu dsatax, ħadd f'Għawdex ma kien ħaseb fi statwa titulari. L-ewwel li ħasbu fiha u għamluha kienu dawk ta' San Ġorġ fir-Rabat. Huma fittxew skultur mill-aħjar ta' statwi ta' l-injam. Dan kien Paolo Azzopardi, mill-belt Valletta. Ġiet kummissjonata fl-1838, u aktarx li lestieha fl-1839. Malajr tħajru minnhom tax-Xewkija. Għalihom, l-istess skultur naqqax fl-injam l-istatwa ta' San Ġwann Battista, li mexxiet u ntgħogbot anki iżjed minn ta' San Ġorġ; tlestiet fl-1845. Azzopardi hu skultur kbir li kważi nsejnieh. Ninnotaw xebh bejn iż-żewġ statwi ta' Għawdex. It-tnejn, San Ġorġ u San Ġwann, qegħdin wieqfa fuq blata goffa u ħarxa. Iż-żewġ parroċċi qatt ma ħolmu li jibdluhom.

Malti ieħor, mill-belt Valletta wkoll, bl-isem ta' Ġużeppi Vella, fl-1853 lesta l-istatwa titulari tal-Viżitazzjoni tal-Madonna lil Santa Eliżabbetta għall-parroċċa kolleġġjata tal-Għarb. Din ukoll għadha tintuża.

Fl-1863, dawk tal-parroċċa ta' Sannat urikorrew għand statwarju fil-kartapesta, li kellu isem kbir fi żmienu. Dan kien is-Senglean Karlu Darmanin. Hu ħadmilhom statwa li turi lil Santa Margerita, Verġni u Martri, qed titkaxkar għall-martirju. Imma ma ntogħġbotx għall-mod kif il-qaddisa kienet liebsa. Raw li kellha tqaċċit wisq f'ilbiesha. Imma baqgħet tintuża sal-1890.

Il-Kappillan Dun Ġwann Camilleri, Naduri li kien qed imexxi 'l parroċċa taż-Żebbuġ, beda jisma' mingħand l-Għawdxin emigranti fi Franza li f'Marsilja kien hemm fabbrika magħrufa għall-istatwi artistiċi tal-kartapesta. Kienet bl-isem ta' Gillard et Fils. Għalhekk, miż-Żebbuġ ta' Għawdex giet kummissjonata l-ewwel statwa barra minn Malta. L-istatwa titulari ta' Santa Marija, jiġifieri l-Assunzjoni tal-Verġni Marija fis-sema, tlestiet fl-1863. B'din, bdiet is-sensiela ta' statwi li, għalkemm mhumiex qodma, ma nafux min ħaddimhom għax saru ġo fabbrika, u jkunu ntmissu minn artisti diversi.

L-istatwa taż-Żebbuġ intgħoġbot. Malajr tħajru oħrajn. Parroċċa gdida, dik ta' Għajnsielem, tefgħet għajnejha fuq l-istess fabbrika franċiża, u ġiet ordnata l-istatwa titulari tal-Madonna ta' Loretu. Waslet f'Għawdex fl-1865.

Sadanittant, il-Kappillan Camilleri għadda miż-Żebbuġ għax-Xagħra. Minn hemm ukoll, hu ħaseb għall-istatwa titulari ta' Marija Bambina. Inħadmet fl-istess fabbrika ta' Marsilja, u waslet f'Għawdex fis-sena 1878. Kellha tkun 'il quddiem (fl-1973) l-istatwa waħdanija ta' Għawdex li tiġi nkurunata b'xhieda ta' qima li kienet qed tqanqal lejha.

L-istess Camilleri għadda biex isir Kappillan tan-Nadur, il-parroċċa li kien twieled fiha. Hemm ukoll hu ħaseb għal statwa titulari ta' l-Appostli San Pietru u San Pawl, mill-istess fabbrika Gallard et Fils. Dan kien fl-1882.

F'dik il-furja ta' statwa titulari li kienet mixtieqa għal kull parroċċa, f'Għawdex donnhom f'ħadd ma kienu jaħsbu ħlief f'dik il-fabbrika ta' Franza. Fil-Qala, parroċċa oħra gdida, malli sar il-bdil tal-knisja parrokkjali mill-Immakulata Kunċizzjoni għall-knisja gdida ta' San Ġużepp, malajr ġiet ordnata statwa tal-qaddis patrun. Tlestiet f'Marsilja fl-1890. Barra minn

L-AQWA DETERĠENT FIS-SUQ

TEXOL *hu magħruf għall-qawwa tiegħu, kwalita' u tenerezza fuq il-ġilda, li jintuża wkoll għan-nappies tat-trabi u jibżagħlek għal idek. Jibżagħlek ukoll għal flusek għax tuża ftit b'effett kbir!*

TEXOL *jaħsel platti, dixxijiet u borom li jkunu mċappsin bi żjut u xaħmijiet. Jintuża wkoll mill-'Confectioneries' u l-'Mechanics'!*

TEXOL *jaħsel ukoll ħwejjeġ ta' kull materjal inklużi tas-suf!*

TISTA' TUŻA L-ILMA BAĦAR

TEXOL *jintuża xorta waħda jekk int qiegħed f'xatt il-baħar, fuq yacht, dgħajsa jew xi ħaġ'oħra tal-baħar! Ir-riżultat ikun daqs dak ta' l-ilma ħelu! Inaddaf ukoll in-nafta li taqbad mal-ġisem fi xtut il-baħar.*

Distributuri f'Malta u Għawdex iċemplu:

825933

F'Għawdex ċempel:

Tel: 553447 (A&G Hili — Mġarr)
Tel: 556098 (Victor Hili & Sons — Mġarr)
Tel: 551555 (Gelluxa Ltd — Mġarr)

www.gozocathedral.org.mt

bekk, malli fl-1890, f'ta' Sannat l-Isqof Pietru Pace pprojbielhom l-użu ta' l-istatwa li kien ħadmilhom Karlu Darmanin, ġiet ordnata waħda fil-fabbrika Gallard et Fils, u waslet fl-1891.

Fl-istess sena 1891, parroċċa ġdida f'Ta' Kerċem ħasbet għal statwa titulari tal-Madonna tas-Sokkors. Bħalma kienu għamlu ta' San Ġorġ u tax-Xewkija, dawn ukoll ixxennqu għal statwa ta' l-injam. Kien għadu żmien l-ewwel kappillan, li kien Dun Ġużepp Vella. Ġie nkarigat El Turco, statwarju sqalli, li naqax statwa sabiħa minn zokk ta' siġra. Imma sabuha tqila wisq għall-purċissjoni. Din hi t-tieni statwa titulari ta' Għawdex li ġiet mibdula. Huma wkoll irrikorrew għall-fabbrika ta' Marsilja, u fl-1897 tlestitilhom l-istatwa li għad hemm sal-lum.

Kienu seba' statwi titulari wara xulxin li nħadmu fl-istess fabbrika. Gallard et Fils ħadmet oħrajn ukoll għal Għawdex. Imma t-titulari nistgħu ngħidu li huma tmienja. Dan hu għaliex il-parroċċa ġdida ta' San Lawrenz diġa' kienet għamlet il-ftehim ma' dik il-fabbrika. Imbagħad il-Gallard et Fils inxtrat minn Ramat Statuaire. Għalhekk, dawk ta' San Lawrenz iffirmaw ftehim ġdid u saritilhom fl-1895 l-istatwa mistennija ta' San Lawrenz. Il-parroċċa kienet ilha sentejn biss.

Dawn li nħadmu fi Franza huma tmien statwi titulari li sal-lum baqgħu jissodisfaw lill-parroċċi. Mhux ilkoll għandhom l-istess gosti artistiċi. Mhux kollha tħallew bla ma ntmissew. L-iżjed li sar tibdil kien fuq in-naħa ta' wara ta' l-istatwa titulari tan-Nadur. Kollha ġew indurati u anki iżjed minn darba. Ġie li saret xi żieda fihom. Huma kollha tal-kartapesta. Xi waħda minnhom ġie li ġiet ikkritikata ħafna. Imma s'issa ma jidhirx li se jkun hemm min joħlom li jbiddilha.

Malli beda s-seklu għoxrin, anki knejjes li ma kenux parroċċi bdew jixtiequ li jkollhom statwa titulari. Hawn qed jinkiteb dwar il-parroċċi biss. Imma l-Għajn il-Kbira, f'tarf ir-Rabat, tat isem lil post li, fil-fatt, għalkemm dam biex jiżviluppa, kellu jsir parroċċa. Issejjaħ it-Triq tal-Għajn. Illum, fil-kitba biss, isejħulu "Fontana". Fil-bidu ta' dan is-seklu, knisja bdiet tinbena f'ġieħ il-Qalb ta' Ġesù. Għal darb'oħra, ma tfittixx statwarju Malti. L-istatwa ġiet ordnata lill-Fabbriche di Statue Religiose Francesco Rosa ta' Ruma. Waslet f'Għawdex fl-1907. Hu l-ewwel kaz ta' knisja li kellha ssir parroċċa, u li għamlet statwa qabel ma saret il-parroċċa. Imma, għat-tielet darba f'Għawdex, l-istatwa titulari ma ntgħoġbitx. L-erezzjoni ta' dik il-parroċċa saret fl-1911. Ftit snin wara, statwarju żejtuni li kien jgħix f'Għawdex tqabbad biex jaħdem statwa titulari ġdida. Dan kien il-magħruf Wistinu Camilleri. L-istatwa l-ġdida tal-Qalb ta' Ġesù tlestiet fl-1923. F'dak iż-żmien l-istatwarju kellu 38 sena. Minn dak iż-żmien 'il hawn l-istatwi titulari ma nbidlux iżjed.

Wistinu Camilleri kien sar popolari f'Għawdex. Ma kienx hemm għalfejn imorru 'l bogħod biex jordnaw l-istatwi. Għal darb'oħra, il-Munxar, raħal ċkejken qrib Ta' Sannat, ried li jkollu statwa ta' San Pawl Appostlu. Kien għad fadal sewwa biex il-knisja f'ġieħ l-Appostlu Missierna tinqata' f'parroċċa għaliha. Wistinu ħadmilhom l-istatwa fl-1933. Imma l-erezzjoni tal-parroċċa ma saritx qabel l-1957.

Proprju l-Katidral t'Għawdex, bi knisja li hi l-ewlenija u bl-akbar storja, kien għadu bla statwa titulari. Dan ħassewh kemm il-kleru kif ukoll il-lajċi, fi żmien meta l-festa esterna kienet kibret ħafna. Sa mil-1897, is-Soċjeta' Filarmonika Leone kellha statwa ta' Santa Marija li ssaħħar bi sbuħitha. Kienet inħadmet mill-fabbrika ta' Ruma Francesco Rosa. Fl-1956, dik l-istatwa ġiet regalata lill-Isqof għall-Katidral u minn dik is-sena bdiet il-purċissjoni.

SANTA MARIJA — 1897

SQUARE CELLAR

Widest Selection of:

- **Wines and Spirits**
- **American, English & French Cigarettes**
- **Finest Cigars**
- **Discounts on Larger Orders**

SQUARE CELLAR

Tel: 551845

Prop: Joseph Grech

St. Georges' Square, Victoria - Gozo

www.gozocathedral.org.mt

B'hekk, ma kienx fadal ħlief parroċċa waħda bla statwa titulari. Din kienet l-Għasri. Il-festa titulari kienet Korpus. Għalhekk, il-purċissjoni solenni kienet waħda bis-Sagrament. Imma l-ftit nies ta' dik il-parroċċa riedu li huma wkoll jkollhom statwa ħalli jifirħu biha. Ġiet maħduma fl-1982 fin-Nadur minn Michael Camilleri Cauchi, statwarju mir-Rabat Għawdex u iben il-magħruf Wistin.

B'hekk, f'Għawdex tal-lum, il-knejjes parrokkjali kollha għandhom statwa titulari li toħroġ f'purċissjoni. Minn ħmistax-il statwa, waħda hi ta' statwarju għawdxi, waħda hi ta' taljan, ħamsa ta' maltin u tmienja ġew minn Franza.

BAŻILIKI, SANTWARJI U ARĊIPRIETI

Għawdex, speċjalment sa ftit snin ilu, kellu 'l-nies marbutin ħafna mal-knejjes parrokkjali tiegħu. L-insara ta' kull post xtaqu dejjem l-aqwa u l-aħjar għall-knisja parrokkjali tagħhom. Ġie li waslu biex saħansitra jissospendu l-festi, li huma tant għal qalbhom, meta l-Awtoritajiet ma tawhomx dak li ħassew li kellhom id-dritt għalih.

Minn ħmistax-il parroċċa, f'popolazzjoni ta' ftit iżjed minn 20,000 ruħ, naraw waħda Katidrali (Santa Marija) u erbgħa Kolleġġjati (Għarb, Nadur, Xagħra u San Ġorġ tar-Rabat). Ħames knejjes huma Bażiliċi: San Ġorġ, Ta' Pinu, Nadur, Għarb u Xagħra. Tal-Patroċinju fl-Għasri titqies hi wkoll Bażilika. Seba' knejjes parrokkjali għandhom il-kwadru titulari jew l-istatwa nkurunati uffiċjalment b'mod li huma Santwarji. Dawn huma il-Katidral, l-Għarb, ix-Xagħra, iż-Żebbuġ, ta' Kerċem, il-Qala u l-Fontana. Magħhom iridu jiżdiedu kwadri inkurunati oħrajn: Ta' Pinu (Għarb), Immakulata Kunċizzjoni (Qala), tal-Grazzja u ta' Pompej (Rabat).

Kull parroċċa hi mxennqa li r-ragħaj tagħha ma jkunx sempliċi Kappillan, imma Arċipriet. Għalhekk, il-knejjes parrokkjali kollha li saru qabel l-1885 huma arċipretali. Dan ifisser li l-Arċiprieti huma 10, waqt li l-Kappillani huma 5 biss. Lill-Arċipriet jew kappillan tagħhom, huma jixtiequ jarawh b'muzzetta ħamra u b'xi salib fuq sidru. Għalhekk, jekk il-knisja ma tkunx kolleġġjata, diversi kappillani jkunu Kanonċi Onorarji ta' din jew dik il-Kolleġġjata. Arċipriet bit-titlu ta' Monsinjur mhux biss għall-Knisja Katidrali bħalma naraw f'Malta. Ġew akkwistati xi onorifiċenzi ħalli numru ta' Arċiprieti jkollhom it-titlu ta' Monsinjur u jilbsu wkoll il-mitra. Dan narawh f'San Ġorġ tar-Rabat, in-Nadur, l-Għarb, ix-Xagħra u x-Xewkija.

Dan kollu hu fi djoċesi ċkejkna li fiha daqs xi raħal wieħed ta' Malta. Għawdex kollu hu iżgħar minn Birkirkara jew Ħal Qormi jew tas-Sliema.

IS-SBUĦIJA ARTISTIKA TAL-KNEJJES PARROKKJALI

Fil-Katidral t'Għawdex, il-Papa Ġwanni Pawlu II qal li sama' bil-knejjes sbieħ t'Għawdex. Hu ma daħalx f'ħafna minnhom. Imma dak li qalulu hu minnu. Hu diffiċli li wieħed jagħmel għażla bejn post u ieħor. Ħadmu fil-kostruzzjoni tagħhom arkitetti magħrufin bħal Ġuże' Bonnici, Lorenzo Gafa', Antonio Sciortino u oħrajn.

Kull meta nħassew ċkejknin, il-knejjes tkabbru b'mod li, jekk wieħed iħalli barra ta' l-aħħar żmien, m'hemmx knisja parrokkjali li ma nbnietx darbtejn jew tlieta. Saħansitra l-knejjes ta' rħula ċkejknin għandhom l-eleganza artistika u l-għana ta' Katidrali ta' artijiet oħrajn.

Il-pittura żżejjen lil ħafna minnhom, mhux biss bis-saħħa tal-kwadri ta' l-artali, imma wkoll minn tarf għal ieħor tas-saqaf u l-kappelluni. Barra minn hekk, kollox jiddawwal b'tant irħamijiet, fided u dehbijiet speċjalment bl-indoratura.

Liema pittur kbir li ħadem f'Malta ma għandux xi xogħlijiet f'Għawdex? Insibu ta' barranin ukoll. It-taljani Amedeo Perugino (Ta' Pinu), Filippo Paladini (Santwarju tal-Qala), Mattia Preti, Giuseppe d'Arena u Giovanni Battista Conti (San Ġorġ), Pietro Gagliardi (Qala) u Virginio Monti (Xagħra). Insibu wkoll l-aħjar fost il-pitturi maltin: Stefano Erardi (Kapuċċini), Gian-Nikola Buhaġiar u Francesco-Vincenzo Zahra (San Ġorġ), Lazzaro Pisani (Nadur u Għasri), Mikiel Busuttil (Katidral u Għajnsielem), Ġuże' Calì (San Ġorġ u Xagħra), Ġanni Vella (Katidral u Nadur), Salvu Busuttil (Kerċem). Hemm pitturi oħrajn ukoll: Karlu Dimech (Nadur), Raffaele Ramiro Calì (Fontana), Ġużeppi Briffa (Kerċem, S. Wistin-Rabat, u Qalb ta' Ġesù-Nadur). Għawdex għandu wkoll xi pittur tiegħu: bħal Pawlu Camilleri Cauchi (Għarb, Xewkija u San Franġisk-Rabat). Ma' dawn iridu jiżdiedu ħafna oħrajn. Imma huma biżżejjed biex juruna kemm l-arti mhix nieqsa f'din il-gżira ċkejkna.

IL-FESTA TA' ĠEWWA

Dawn il-knejjes li ma jonqoshom xejn jilbsu libsa speċjali nhar il-festa titulari. Ma għadx hemm għalfejn iferrxu mal-knisja frieghi ċkejknin bil-weraq tar-rand, żebbuġ jew laring. Ħafna lil dawn il-weraq kienu

PARDI MOTORS LTD.

N.B. Republic Street,
Victoria, Gozo.

Telephone
556678 - 553744

- AUTO DEALERS
- AUTO SERVICE & SPARES
- PANEL BEATING
- SPRAY PAINTING
- TYRE & RADIATOR REPAIRS

www.gozocathedral.org.mt

jarawhom bhal parti mis-solennità tal-festa. Fil-fatt, kellhom ukoll l-iskop li jtaffu xi riħa li kienet toħroġ mill-oqbra tul il-korsija tal-knisja. Imma, minflok b'oqbra, illum il-knejjes jiżżejnu b'pavimenti prezzjużi, li l-frieghi jistgħu jikkaġunawlhom xi brix.

Madanakollu, illum ukoll, l-Għawdxin għadhom jixtiequ li l-knisja parrokkjali tagħhom nhar il-festa tilbes l-ilbies ta' l-okkażżjoni. L-istatwa mqiegħda f'post prominenti fil-knisja tkun b'kotra ta' bukketti ddisinjati u b'ħafna xemgħat impittra quddiemha. L-artali jiżżejnu kollha kemm huma, u b'mod speċjali l-artal maġġur. Statwetti, fided, fjuretti u ornamenti oħrajn prezzjużi jitqiegħdu fuq kull artal.

Id-dwalijiet ma jonqsux. Sakemm ma daħalx id-dawl elettriku f'Għawdex kollu, għall-festa kien jinkera ġeneratur biex id-dawl elettriku jintuża kemm għal ġewwa kif ukoll għal barra. Fl-imgħoddi, fi żmien il-fjakkli u l-imsiebaħ biż-żejt, kien wisq iżjed diffiċli biex il-knisja tiżżejjen bid-dawl. Lampi kuluriti u b'mod li jkollhom x'jilqgħalhom għar-riħ u l-maltemp kienu jżejnu t-toroq. Imma ġie li l-ħsarat kienu kbar speċjalment mit-tvenvin ta' riħ qawwi.

Għawdex, speċjalment fl-imgħoddi, kellu kważi 'l niesu kollha li jaqilgħu l-għajxien bħala sajjieda, raħħala u bdiewa. Bħal f'Malta, kienu jmorru l-knisja bl-ilbies ta' kuljum u anki ħafjin. Imma, għall-festa, fl-imgħoddi ukoll, kulħadd kien ixidd fuqu l-aħjar ilbies. Id-dar ukoll kienet tiżżejjen. Il-knisja kienet tkun mimlija bin-nies għall-funzjonijiet.

F'Għawdex, aktar milli f'Malta, jiħdu gost jaraw xi Isqof jew xi Kardinal li jmur imexxi l-festa titulari tagħhom. Ma jimpurtax jekk ma jifhmuhx meta jitkellem. Imma huma jitgħaxxqu bl-ilbies itellex, bil-mitra fuq rasu u bil-baklu f'idejh. Festi Ċentinarji jikbru ħafna jekk imexxihom Kardinal. Dan għadna narawh sal-lum. Jekk, imbagħad, il-Kardinal jew l-Isqof ikun minn art ta' missjoni, huma jużaw miegħu ġenerożità' mill-iżjed kbira. Għall-mużika wkoll, huma jistiednu surmastrijiet mill-aħjar. Imma, illum, f'Għawdex ukoll, hemm maestri di cappella li m'għandhom xejn x'jgħiru għal dawk ta' Malta. Għadd ta' parroċċi għandhom ukoll il-korijiet tagħhom li, mhux biss jagħtu servizzi imprezzabli fil-funzjonijiet liturġiċi, imma għandhom ukoll min imexxihom tajjeb ħalli jkantaw f'akkademji mużiko-letterarji f'okkażżjonijiet speċjali tal-parroċċi kollha t'Għawdex. Fost dawn, insemmu l-"Chorus Urbanus" u "Laudate Pueri" tal-Bażilika ta' San Ġorġ u l-ieħor "Maria Assunta" tal-Katidral.

IL-FERH TAL-FESTA TA' BARRA

Mhux dejjem tista' tifred minn xulxin il-festi li jsiru fil-knisja minn dawk li jsiru barra. Id-daqq tal-qniepen li jinstema' b'solennita' mhux komuni ħalli jsejjaħ il-poplu nisrani lejn il-knisja jew biex jakkumpanja l-purċissjoni hu parti mill-festa ta' ġewwa u ta' barra. L-istess ngħidu għat-translazzjoni solenni bir-relikwa lejliet il-festa li, kważi dejjem, toħroġ barra mill-knisja. Dan igħodd ukoll għall-purċissjoni. L-aqwa mumenti ta' briju hu malli l-istatwa titulari, nhar il-festa wara nofs in-nhar, titfaċċa fil-bieb tal-knisja. Ċapċip, kant, daqq tal-banda, tfigħ tal-karti, tfaqqigħ ta' musketterija, sparar ta' bombi li jtarrxu 'l widnejn huma parti biss minn dak li jsir. Fil-festi ewlenin, il-pjazza ta' quddiem il-knisja tkun maħnuqa bin-nies.

Il-purċissjoni titulari m'għadhiex waħda devozzjonali. Hi bħal dimostrazzjoni ta' ferħ bl-istatwa. F'ħafna postijiet, fl-aħħar parti tal-purċissjoni, tidħol il-banda quddiem l-istatwa. Jinxtegħlu wkoll bosta gassijiet, li ġie li ġew pprojbiti minħabba l-periklu li fihom. In-nar f'Għawdex ukoll ma hux nieqes. Parroċċi relattivament ċkejknin, bħal Fontana u Għajnsielem, ikollhom nar ħafna iżjed minn oħrajn akbar minnhom.

Sa minn ħafna snin, l-Għawdxin ukoll m'għadhomx jikkuntentaw iżjed b'xi żewġ daqqaqa għall-festa. Minbarra ż-żewġ baned tar-Rabat, Leone u La Stella, l-irħula wkoll bdew jiffurmaw il-baned tagħhom. Hemm Il-Prekursur tax-Xewkija, Mnarja tan-Nadur, Vittoria tax-Xagħra u San Ġużepp t'Għajnsielem. Imma l-parroċċi l-kbar t'Għawdex ma jikkuntentawx bil-baned tagħhom. Huma jistiednu xi baned minn Malta wkoll. Jistiednu saħansitra lil dawk li jqumu l-iżjed flus, bħalma huma La Vallette u King's Own tal-belt Valletta. Narawhom lil dawn għall-festi ta' Santa Marija, San Ġorġ u n-Nadur. L-organizzatur irid jaħseb ukoll biex isibilhom fejn jieklu. Fl-imgħoddi, il-bandisti kienu jorqdu f'Għawdex. Illum, bil-vjaġġi tard tal-vapur, dan jista' jiġi evitat.

Karatteristika tal-festa titulari hi wkoll il-logħob tan-nar li jsir tard lejliet il-festa. F'xi post, narawh ukoll nhar il-festa u fid-dimostrazzjoni ta' l-aħħar tat-tridu. Fil-ħinijiet tal-purċissjonijiet ewlenin, il-murtali tal-ftuħ, minn postijiet maqtugħin miċ-ċentru ħalli jiġi evitat il-periklu, ma jaqtgħu xejn. Inżidu ma' dan li t-toroq jimpikaw bejniethom ħalli t-tiżjin ta' waħda jkun aħjar minn ta' oħra. L-irġiel jaħdmu ħalli jarmaw fit-toroq, waqt li n-nisa minn ġo djarhom iħitu bandalori, bnadar u pavaljuni. Il-festa tkun tassew ta' kulħadd.

DewFresh®

Super Grade COOKED HAM

FOR THE HAMBITIOUS!

When the best ham does not meet your taste...
Dew Fresh Super Grade cooked ham excels.

Available smoked, boneless, cooked gammons.
Sandwich size square ham. Also round ham. (Perżut tond)
Continental specialities: Pork and Ham Loaf,
Garlic Sausage, Porkloaf, Lyoner Salami.

available at all leading stores

Exclusive wholesale distribution:

ALBERTOWN COLD STORES (J & C Pisani Limited)
Prince Albert Street, Albertown, Marsa. Tel: 229612, 621891

DewFresh® DewFresh® DewFresh®

Kulħadd jifrah biha. L-istess pika ta' bejn post u ieħor jew ta' parroċċa u oħra hi r-ruħ ta' l-entużjażmu. Imma tkun ta' min jikkundannaha jekk il-pika tiddeġenera ruħha f'fanatiżmu jew f'mibegħda ta' partit tal-festa kontra ieħor. Dan ġie li kien ta' ħsara għal xi festi ta' Għawdex ukoll.

BEJN IL-BIERAĦ U LLUM

Il-festa tal-lum għandha bosta affarijiet li jagħżluha minn dik ta' l-imgħoddi. Fl-imgħoddi, fi żmien ta' faqar, x'uħud kienu jħallu xi renti ħalli, bis-saħħa tagħhom, il-foqra wkoll jifirħu xi ftit nhar il-festa. F'Għawdex ukoll, f'xi postijiet, bħalma kienu r-Rabat u x-Xagħra, lil dawk li kienu jieħdu sehem fil-quddiesa ta' nhar il-festa kienu joffrulhom l-inbid u l-ħobż.

Semmejna li, flok murtali, kienet titqabbad xi ħuġġiega kbira. Il-gvern ukoll kien jikkollabora f'xi festi li tqiesu mportanti għal Għawdex kollu. Kien isir sparar minn xi kanun u kien jingħata s-salut bħalma kien isir nhar Santa Marija mill-kanuni ta' fuq is-sur. Kien isir sparar mill-maskli wkoll. Fi żmien ta' faqar, il-Gvern ikkollabora għat-tiġrijiet, u baqa' jagħti s-sehem tiegħu llum ukoll. Għal Santa Marija, il-Gvern igħin iżjed għaliex hi l-festa ewlenija ta' Għawdex. Imma fl-imgħoddi kien hemm ukoll it-tiġrijiet li kienu popolari aktar milli fi żmienna. Tan-Nadur daħħluhom ħalli ma jkollhom xejn anqas minn tax-Xewkija, u nsiab ukoll mezz kif jiffinanzjawhom. Għall-ewwel, fin-Nadur, kienu jiġu ffinanzjati mill-parroċċa. Imbagħad, l-Ordni ta' San Ġwann għen fihom minn dħul fuq artijiet f'Daħlet Qorrot. Huma qodma anki f'Ta' Sannat. Fl-aħħar żmien daħlu f'Għajnsielem ukoll.

Il-faqar u n-nuqqas ta' xogħol kienu l-kawża li Għawdex tbattal mill-aħjar elementi tiegħu. Iż-żgħażagħ u ħafna rġiel tas-sengħa bdew jemigraw. Għall-ewwel kien hemm dik l-emigrazzjoni lejn pajjiżi fl-Afrika ta' Fuq li ma gabitx magħha l-ġid mistenni. Oħrajn emigraw lejn l-Ingilterra, u xi drabi lejn gżejjer tal-Greċja u lejn it-Turkija. Imma l-vera emigrazzjoni qawwija kienet lejn l-Awstralja, il-Kanada u l-Amerika. Fin-Nadur, fl-ewwel snin ta' wara t-tieni gwerra dinjija, l-emigrazzjoni ħalliet il-konsegwenzi tagħha aktar milli f'postijiet oħrajn. Imma, biż-żmien, l-istess emigrazzjoni kellha effetti tajbin, li laqtu 'l festi wkoll. Għadna fl-aħħar snin tas-seklu dsatax meta naraw kappillani ta' Għawdex ifittxu l-għajnuna ta' emigranti ħalli jkabbru xi knisja jew jorganizzaw xi Ċentinarju. Fl-aħħar żmien, l-għajnuna nħasset aktar. Ġie li xi raħal f'Għawdex jagħmel ġemellaġġ ma' post fl-Awstralja fejn ikun hemm ħafna emigranti ħalli tikber l-għaqda u l-ħbiberija ta' bejniethom. Ħafna mill-emigranti saru wkoll għonja. Huma bdew iħallu l-vaganzi tagħhom għal żmien il-festa titulari tal-parroċċa tagħhom f'Għawdex. Il-parroċċi l-iżjed organizzati ta' Għawdex iħossuhom fid-dmir li, għal żmien il-festa, jiddedikaw ġurnata partikulari għall-emigranti li jkunu marru jżuruhom. Mhix l-ewwel darba li opri kbar fil-knejjes parrokkjali saru b'kontribut ta' emigranti. Ġie li emigrant wieħed ħallas waħdu għal xi opra kbira fil-knejjes. Oħrajn reggħu lura lejn art twelidhom u bil-ġid li ġiehom mill-emigrazzjoni bnew vilel mill-isbaħ ma' Għawdex kollu, u b'hekk għollew ħafna l-livell soċjali.

Il-festa titulari ma tintesiex minn dawk li jħallu 'l art twelidhom. Fix-xewqa li jibqgħu marbutin ma' arthom, lill-emigranti għawdxin narawhom jibqgħu jiċċelebraw il-festa tal-qaddis patrun, b'mod speċjali fl-Awstralja. Huma jinqdew bl-istatwarji ta' Għawdex, bħalma hu Michael Camilleri Cauchi ħalli ssirilhom xi statwa li tkun tixbah perfettament lil dik tal-parroċċa tagħhom. Fost dawn, insibu fl-Awstralja statwi ta' San Pietru u San Pawl mill-emigranti Nadurin, ta' San Ġwann Battista minn tax-Xewkija u San Ġorġ minn tar-Rabat.

Fl-imgħoddi, Malta kienet tħossha ħafna aħjar minn Għawdex. Illum, din id-differenza spiċċat jekk inħarsu lejn il-festi tal-parroċċi. F'Għawdex ulied il-parroċċa jħobbu ċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa li jsiru fil-knisja iżjed mill-Maltin. L-Isqof djoċesan ta' kull sena jipparteċipa fil-festi tal-parroċċi kollha. Dan f'Malta ma tistax timmaġinah.

B'ġieħ għalihom, ħafna mill-parroċċi ta' Għawdex, anki fost dawk li huma ċkejknin, ħasbu biex tinkiteb storja ċkejkna jew kbira, tal-grajjiet tal-parroċċa. Għalhekk, insemmu b'tifħir lill-parroċċi tal-Katidral, in-Nadur, Ta' Sannat, ix-Xagħra, iż-Żebbuġ, il-Qala, San Lawrenz, ta' Kerċem, il-Munxar u l-Fontana. Dawn il-kotba jagħtuna ħafna dettalji dwar il-festa titulari ta' kull żmien. Il-ħarġiet li joħorġu minn kull parroċċa fi żmien il-festa titulari jgħinu biex lill-istorja tal-parroċċa nsiru nafuha aħjar. Imma, bejn il-ħarġiet ta' parroċċa u ta' oħra, hemm differenzi kbar.

Xi periklu ta' partiġjaniżmu żejjed li jwassal għall-fanatiżmu għad hemm f'Għawdex ukoll. Dan jinħass l-iżjed fir-Rabat bejn il-partitarji ta' Santa Marija u ta' San Ġorġ. Għalhekk, hu mpenn taż-żewġ parroċċi li, mhux biss ma jagħmlu xejn min-naħa tagħhom li jista'

THE BEST
FROM THE BEST

smeg

Built-In and Free Standing Fridges, Fridge / Freezers,
Gas & Electrical Cookers, Washing Machines, Dishwashers and Minibars.

Miele

Washing Machines, Tumble Dryers, Spin Dryers,
Dishwashers, Built-In Electric Hob and Ovens, Built-In Fridge / Freezers

Creda

Electric Cookers, Built-In Electric Hobs and Ovens,
Microwave Ovens, Washing Machines, Tumble Dryers & Spin Dryers.

NEW WORLD

Gas Cookers and Built-In Hobs and Ovens

EDESA

Washing Machines and Refrigerators

iar

Fridge / Freezers, Chest and Upright Freezers

Forestals

Pope John Paul II Street, Victoria, Gozo. *(On the Way to Ta' Pinu)*
Tel: 551234

www.gozocathedral.org.mt

jaqla' l-inkwiet minhabba xi kelma żejda jew xi dikjarazzjoni bla bżonn, imma wkoll li jikkontrollaw bil-prudenza lil dawk li jafu li huma ta' min jibża' minnhom. Ġie li xi pika tkun bejn parroċċa u oħra billi knisja parrokkjali tagħmel minn kollox biex xi opra ma jkollha xejn aħjar minnha. Aktarx li dan ma jaqlax inkwiet. Ġie li xi ġrajja ta' l-istorja li mhux kulħadd jagħtiha l-istess tifsira tqajjem xi ftit diskors żejjed. Ġie li xi parroċċa tibqa' tħoss xi ftit kontra oħra għaliex fl-imgħoddi jew fil-qrib kien hemm min għamel minn kollox biex il-parroċċa l-ġdida ma tinqatax mill-oħra.

F'Għawdex ukoll, f'kull post, għad hemm elementi tajbin li jqanqluna għal tama f'ġejjieni li jagħmlilna kuraġġ. Ħafna tradizzjonijiet qodma għadhom ħajjin. Sal-lum, il-festa parrokkjali għadha tgħaqqad 'l ulied il-parroċċa. Dan hu mportanti li jinżamm meta nafu li hemm ideali oħrajn li jaqsmu l-parroċċa fi tnejn.

Illum, is-sehem tal-lajċi hu wisq iżjed kbir milli fl-imgħoddi għall-festa parrokkjali. Mingħajrhom, il-festa ta' barra ma ssirx, u ħafna drabi lanqas ta' ġewwa. Għal barra, il-lajċi, organizzati f'kumitati, huma kapaċi jagħmlu kollox waħidhom. Imma l-preżenza ta' l-Arċipriet u l-Prokuratur tal-festa li jkun qassis għadha mportanti ħafna biex ikun hemm ftehim bejn il-festi nterni u esterni. Illum, il-lajċi m'għadhomx nies bla skola li jitmexxew mill-qassisin f'kollox f'dak li għandu x'jaqsam mal-festa. Huma għandhom l-ideat tagħhom u kapaċi jorganizzaw oħrajn. Il-parroċċi jafu tajjeb lil xulxin. Il-festa m'għadhiex għall-knisja parrokkjali biss. B'mod speċjali f'Għawdex, ilkoll imorru f'ta' xulxin. Huma josservaw, jikkritikaw dak li ma jogħġobhomx, u jimitaw dak li jarawh sabiħ.

Wieħed mill-perikli tal-lum, li fl-imgħoddi ma konniex nimmaġinawh, hu li min jgħin fil-festa ta' barra jista' ma jkun jimpurtah xejn f'dik ta' ġewwa li suppost li mingħajra l-festa ma tfisser xejn. Dan ġie li jiġri minn x'uħud li jkunu mitfugħin b'ruħhom u ġisimhom fuq ix-xogħol tan-nar.

Fl-aħħarnett, intennu li festa bla mħabba vera lejn il-patrun tal-parroċċa jkun aħjar li ma teżistix. Tkun biss għajn ta' nkwiet dik il-festa titulari li ma tressaqx lejn Alla u lejn xulxin. Illum, festa titulari ta' Għawdex qed tfisser infiq ta' eluf ta' liri biex issir. Il-poplu għadu jkun ġeneruż ħafna ma' dawk li jorganizzaw. Imma festa li ssir sempliċiment biex inkunu aħjar mill-oħrajn, jew biex ninku u ngħajru lill-oħrajn hi bla sens u jkun aħjar jekk ma ssirx.

Il-Marċ Brijuż ta' Santa Marija

AGIUS DE SOLDANIS G.P., Għawdex bil-Ġrajja tiegħu, miġjub bil-Malti b'mod imqassar minn Mons. D. Ġużepp Farrugia, Stamperija tal-Gvern, vol. II (1953), 172p.

BEZZINA Joseph, Parish Titular Statues in Gozo, Bugelli, 1987, 36p.

BONNICI Alexander, Il-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta u l-Ewwel Parroċċi ta' Għawdex, Katidral ta' l-Assunta, 1975, 136p.

BUHAGIAR Mari, "Paintings in Gozo: A Concise Analytical History", in Gozo: The Roots of an Island (Ed. by Charles Cini), Said, 1990, pp. 83-119.

DE LUCA Denis, "The Built Environment in Gozo: A Historical Review", Ibid., pp.121-159.

FSADNI M., Id-Dumnikani fir-Rabat u l-Birgu sa l-1620, Il-Hajja, 1974, fejn f'p. 258 insibu dwar l-oriġini tal-purċissjoni ta' San Girgor b'dokumentazzjoni mill-Atti Notarili tal-Belt Valletta: R. 206/7: l-Att tat-12-3-1543, f.74r-v.

MIFSUD-CHIRCOP Marlene, "Folklore of Gozo: A Description" in Gozo: The Roots of an Island, pp.161-193.

WETTINGER Godfrey, "The History of Gozo from Early Middle Ages to Modern Time", in Gozo: The Roots of an Island, pp. 47-81.

BRITANNIA SERVICES LTD.

173, MELITA STREET, VALLETTA.

Tel: 238039 / 245418

LOURDES

Il-kumpanija tagħna hija Aġenzija ta' l-ivvjaġġar.

L-Aġenzija tagħna għandha programm sħiħ ta' ġita għal Lourdes fuq titjiriet diretti ta' l-Air Malta bi prezzijiet tajbin u lukandi mill-aqwa fuq basi ta' FULL BOARD.

DIRECTORS: E. PACE BONELLO, L.L. BONELLO, N. FARRUGIA, A. TABONE.

www.gozocathedral.org.mt

TAGHRIF STORIKU DWAR L-PITTURA TAL-KOPPLETTA TA' SANT ORSLA

- F'Jannar tas-sena 1991 ġie stabbilit is-suġġett li għandu jitpitter f'din il-koppletta. Is-suġġett kellu jirrigwarda l-ġrajja storika meta l-Gvernatur ta' Għawdex irregala il-bust-relikwja ta' S. Orsla lill-Matriċi tal-Gżira. Barra dan l-avveniment bħala *item* dominanti tiġi murija wkoll l-purċissjoni votiva bl-istatwa (Il-bust-relikwja) tal-Qaddisa għall-Knisja tal-Patrijiet Kapuċċini.
- Ix-xogħol kollu tal-pasta, bl-induratura tagħha, kien afdat f'idejn l-aħwa Alfred u Mario Camilleri Cauchi; il-pittura kienet ta' ħuhom l-ieħor Pawlu li diġà kien pitter il-koppletta l-oħra ta' San Ġużepp.
- Il-Pittur Pawlu Camilleri Cauchi lesta x-xogħol tiegħu fix-xahar ta' Diċembru (1993) u ftit taż-żmien wara tneħħa l-armar biex tista' tidher din l-opra kollha kemm hi tal-aħwa Camilleri Cauchi.
- Iċ-ċirkonferenza tal-koppletta hija ta' 45 pied u għolja 9 piedi, flimkien mal-lunetti (pennacchi) li fihom medda ta' 8 piedi u jinżlu għall-ponta f'għoli ta' 7 piedi neqsin.
- Il-lunetti jirrappreżentaw lil S. Luċija, S. Margarita, S. Katarina u S. Agata. Ftit jew wisq dawn l-erba' Verġni Qaddisin għandhom konnesjoni mal-Knisja t'Għawdex.
- L-ispiża kollha tal-koppletta laħqet 'l fuq minn Lm3,000.
- Din l-istatwa kienet regalata lill-Katidral ta' Għawdex mill-Gvernatur Maldonato fl-1614.
- Din il-koppletta ħallas għaliha ir-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral.

L-Għotja ta' Sant'Orsla mill-Gvernatur Maldonato

www.gozocathedral.org.mt

LLADRO

Il-Figurini

li

l-aktar jinxtraw fid-dinja

Issibhom għand:

PRESTIGE

GIFTS OF QUALITY

2, Sir Adrian Dingli Street,

Victoria, Gozo.

(Fejn it-Tokk)

www.gozocathedral.org.mt

L-OPRA TAL-PJANETI

Din is-sena sa tiżżanżan l-opra ta' tnejn u tletin pjaneta ġdida għall-konċelebrazzjoni tal-Festa ta' Santa Marija. Din l-opra nbdiet is-sena l-oħra.

Id-drapp ġie mixtri mid-Ditta E Thewma Co. Ltd. ta' Triq San Pawl, il-Belt, Valletta. Id-disinn ta' l-istoli sar minn Mons. Mikelanġ Apap mix-Xagħra. Għal din l-opra nteressa ruħu ħafna Mons Joseph Curmi li saħansitra kien ifassal hu stess dawn il-pjaneti.

Il-Kapitlu ħallas il-materjal kollu ta' din l-opra filwaqt li l-Parroċċa tal-Katidral offriet tliet parruċċani tagħha għall-ħjata tagħhom kollha u dawn huma Marija Caruana, Ġuża Cilia, Benna Grech u Alda Portelli. Dawn offrew ix-xogħol kollu bla ħlas.

l-ritratt juri waħda minn dawn il-pjaneti mill-faċċata ta' quddiem u pjaneta oħra mill-faċċata ta' wara biex jidher id-disinn tar-rakkmu.

www.gozocathedral.org.mt

L-Isqof Ġwanni Marija Camilleri imexxi l-funeral ta' l-Arċisqof Pietru Pace; fin-nofs tar-ritratt bil-virga jidher il-Kantur Monsinjur Salv Grech.

Il-funeral ta' l-Arċisqof Pietru Pace qabel iddaħħal mill-mina fiċ-Ċittadella għall quddiesa u d-difna fil-Katidral. Minkejja li kien fl-eqqel tas-sajf, in-nies huma kollha b'ilbies tal-viztu.

TIFKIRA

Tmenin sena ilu miet l-E.T. Monsinjur

PIETRO PACE

Isqof ta' Għawdex (1877-1889)
Isqof ta' Malta • Arċisqof ta' Rodi (1889-1914)

kitba Dun Joe Bezzina

Tmenin sena ilu, nhar id-29 ta' Lulju, 1914, fil-ħamsa u nofs ta' fil-għodu miet fir-residenza tal-familja tiegħu fir-Rabat, Għawdex, l-E.T. Monsinjur Arċisqof Pietru Pace. Kellu 83 sena — snin li fil-parti kbira tagħhom kienu ddedikati biex iġib 'l quddiem il-gżira ta' Għawdex li nisslitu u lid-djoċesi ta' Malta li hu mexxa bħala kap spiritwali għal kwart ta' seklu.

Benefattur kbir ta' Għawdex

L-Isqof Pietru Pace kien wieħed mill-ikbar benefatturi li qatt kellu Għawdex, qatt ma nesa 'l gżira li nisslitu. Lanqas seta'! Hu kien tħabat biex nhar is-16 ta' Settembru, 1864, il-Papa Piju IX qata' lil Għawdex djoċesi għal rasha u l-Knisja Matriċi saret il-Katidral tad-Djoċesi l-ġdida. Hu kien stinka biex għolla l-livell ta' l-edukazzjoni meta f'qasir żmien, fl-4 ta' Novembru, 1866, irnexxielu jiftaħ is-Seminarju u poġġieh fuq saqajh. Hu kien sena wara l-oħra iseffaq wiċċu mal-Gvern Kolonjali biex jiżgura ruħu li l-progress f'diversi setturi tal-ħajja jasal fil-gżira Għawdxija wkoll.

It-tielet Isqof ta' Għawdex

Il-jum minn żmien twil mistenni feġġ nhar it-12 ta' Marzu, 1877, meta l-Papa Piju IX, li kien jafu personalment, ħatru t-tielet isqof ta' Għawdex. Kien ikkonsagrat fil-Knisja ta' *San Carlo al Corso*, Ruma, nhar it-8 ta' April, 1877. Iċ-ċerimonja tmexxiet mill-Kardinal Edward Howard, megħjun minn William McCloskey, Isqof ta' Louisville, l-Istati Uniti, u Francesco Folicaldi, Isqof Titulari ta' Efesu. Għamel l-ingress solenni tiegħu fil-Knisja Katidrali ta' Santa Marija, Għawdex, nhar it-2 ta' Lulju, 1877.

Il-ħidma u l-interess tiegħu bħala Isqof ma kinux ristretti biss għal qasam pastorali, iżda wkoll għal dak soċjali u ċivili. Pietru Pace kellu sehem mill-iktar ċentrali fit-twaqqif taż-żewġ Kongregazzjonijiet: is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù li bdew nhar il-15 ta' Awwissu, 1980 u s-Sorijiet Dumnikani li bdew nhar is-6 ta' Ottubru, 1889. Is-sehem tiegħu fit-twaqqif ta' din it-tieni Kongregazzjoni kien kbir ħafna. Kien ukoll bil-ħidma sfieqa tiegħu li nhar it-13 ta' Ġunju, 1885, il-Gvern issudja l-bidu ta' servizz regulari b'vapur bl-istim bejn l-Imġarr Għawdex u l-Port il-Kbir. Għen kemm felaħ jippromovi l-emanċipazzjoni tal-mara fil-gżira Għawdxija b'diversi modi.

Tmenin sena ilu

Fil-bidu ta' Lulju 1914, ġie Għawdex maħsus bi bronko-pulmonite. Hu mar jistrieħ fid-dar tal-familja, numru 70 Triq il-Konservatorju, illum imsemmija għalih, fl-inħawi ta' wara San Franġisk, ir-Rabat, bit-tama li l-arja sajfija ta' Għawdex tgħinu jirpilja. Iżda saħħtu bdiet tnin jum wara l-ieħor u għal darba tnejn, permezz ta' telegramm, intalbet għalih il-barka tal-Papa. Tard filgħaxija tat-28 ta' Lulju taħ attakk qawwi tal-qalb. Il-qniepen tal-knejjes kollha tar-Rabat dlonk ħabbru l-agunija u l-Katidral naqqar għall-vjatku. Lejn il-ħdax ta' bil-lejl wassallu l-Vjatku Imqaddes Monsinjur Ġużeppi Grima, qarib tiegħu. Kompla qaleb għall-agħar, u fil-ħamsa u nofs ta' fil-għodu tad-29 ta' Lulju mar għall-mistrieħ ta' dejjem. Kellu 83 sena.

Hu mifhum li iktar 'l quddiem din is-sena, bl-interess tal-Ministeru għal Għawdex, sejra titwaħħal lapida fejn miet dan il-benefattur kbir tad-Djoċesi u tal-gżira ta' Għawdex.

Ingħad dak iż-żmien: *Morto Pace, fini la pace*, mal-mewt ta' Pace, intemmet il-paċi. Ħamest ijiem wara mewtu, nhar l-4 ta' Awwissu, 1914, l-Ingilterra daħlet fil-Gwerra l-Kbira, magħrufa llum bħala l-Ewwel Gwerra Dinjija.

BRONZSONS AUTO PARTS LTD.

28/12, Brared Street, B'Kara, Malta
Tel: 442119 - 446646 - 442212
Fax: 441921

SANTA MARIJA
fil-Katidral ta' Għawdex

minn Anton Scicluna

Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II fiż-żjara Pastorali li għamel fil-Katidral t'Għawdex fis-26 ta' Mejju 1990, bir-raġun kollu sejjaħ il-Katidral bħal Omm il-Knejjes l-oħra ta' gżiritna. Din hija terminoloġija ġuridika li sa mill-ibgħad żminijiet kienet miżmuma fil-Knisja Universali. Kien, għalhekk għal kollox korrett il-poeta Għawdxi Ġorġ Pisani fil-poeżija tiegħu "NIFIRĦU" stqarr:

"U l-ewwel tron sbejjaħ li waqqaf fil-gżira
Kien tron lill-Assunta biex fuqu titgħollha,
U biex jibqa' bħal dejjem mafkar ta' mħabba,
Il-Knisja Ewlenija u Omm l-oħrajn kollha."[1]

ŻMIEN BIKRI

Ġirja ħafifa dwar ġrajjiet din il-Knisja Ewlenija jurina dokument awtentiku li fit-12 ta' Ottubru 1435, kienet ġa tissejjaħ, 'il-Knisja Matriċi ta' Santa Marija'. Din xhieda qawwija li f'dawk is-snin kienet ġa magħrufa bħala l-"Knisja Omm" u anki ddedikata lill-Assunta. Sewwa li ngħidu li f'dawk is-snin ebda knisja oħra f'Malta jew Għawdex ma kienu magħrufin bħala 'matriċi'.[2] Dokumenti eqdem minn din id-data aktarx li nqerdu fil-ħerba li kienu għamlu l-Mori f'Għawdex fis-sena 1429.

Insibuha mniżżla bħala 'matriċi' f'testmenti li saru fi Frar 1445, f'Mejju 1489 u f'Lulju 1490 - isem li ma ngħata qatt f'dawk iż-żminijiet. Għax kienet il-knisja l-iżjed magħrufa f'Għawdex, xi nies għonja bħal ta' Navarra, Pontremoli, Mompalao u Castelletta bnew kappelli annessi ma' din il-knisja biex iżjed igħollu ġieħha. Benefatturi oħra bħal Nuncio de episcopo (1435), u Andrea de Theoboldo (1489) għanewha b'renti biex iżjed tkun tista' taqdi l-missjoni pastorali. U dan l-għarfien baqa' sejjer bla jaqta' tul is-sekli ta' wara sa żmienna.

Il-popolarita' tal-Matriċi ġej ukoll mill-fatt li meta fir-Rabat Għawdex kien hemm erba' parroċċi - San Ġorġ, Savina, San Ġakbu u l-Matriċi, dik ta' l-Assunta dejjem issemmiet qabel l-oħrajn.[3] L-għarfien tal-Matriċi kompla ssaħħaħ bl-editt ta' l-Isqof ta' Malta, Mons. Baldassare Cagliares fl-1623 li jwaqqaf Kolleġġjata f'din il-Knisja Matriċi bl-approvazzjoni tal-Papa Girgor XV.

Dan il-ġieħ ġie uffiċċjalment magħruf mill-Papa Alessandru VII bil-Bolla "Superna Dispositione" ta' l-20 ta' Ottubru 1663. Il-Papa Piju IX għaraf is-siwi ta' din il-Kolleġġjata meta fis-16 ta' Settembru 1864 għolliha għad-DINJITA' ta' KATIDRAL, fejn ħatar lill-Mons. Mikiel Buttiġieġ bħala l-ewwel Isqof.

Ma nsibu ebda dokument meta l-Knisja Matriċi nbniet l-ewwel darba. Nafu żgur li reggħet inbniet fis-sena 1553 u l-istess ġara fis-sena 1698 fuq pjanta ta' Lorenzo Gafà- il-Knisja Ġawhra u Kapulavur li naraw illum. Tradizzjoni qadima li għadha tissemma' tgħid li l-ewwel knisja nbniet fi żmien li San Pawl ħalla l-gżejjer Maltin fuq Maqdes ta' l-alla pagan Gunone. Anqas nafu meta ġiet iddedikata lill-Assunta. Dan seta' ġara fil-bidu tas-Seklu Tmienja meta l-Papa Serġju (687-710) amar li l-Assunzjoni għandha tkun waħda mill-festi ewlenin tal-Madonna.

Il-festa ta' l-Assunta fil-Matriċi ma hix festa tal-lum jew ta' mitt sena ilu. Fil-fatt naqraw li fis-sena 1647, l-Arċipriet Pontremoli kellu l-obbligu li jqassam il-ħobż lill-foqra fil-Festa ta' Santa Marija. Il-kwantita' kienet ta' madwar 25 libbra (11.1kg). L-Arċipriet kellu f'idejh tliet biċċiet art li minnhom kien idaħħal xi renti biex jagħmlu tajjeb għal din l-ispiża.[4]

IS-SEHEM TA' L-ISQOF

Mons. Isqof Mikiel Buttiġieġ ma bediex jieħu sehem fil-festa ta' Santa Marija fl-1865 l-għaliex saħħtu ma kenitx tippermettilu. Fil-fatt hu miet fit-12 ta' Lulju 1866. U skond l-Atti Kapitulari l-ewwel darba li ħa sehem l-Isqof t'Għawdex fis-Solennità Liturġika ta' Santa Marija kien fl-1868. Minn dawn l-atti jirriżulta li f'din il-knisja ma kienx hemm il-paramenti meħtieġa biex l-Isqof jieħu sehem f'din is-Solennità.[5]

Iżda l-istess Kapitlu, fil-5 ta' Lulju 1869, kien ħa

www.gozoathletal.org.mt

7UP ®

www.gozocathedral.org.mt

deċiżjoni li f'Santa Marija, minn dik is-sena, ma jibqax issir it-tbewwis tar-Relikwija tal-Madonna waqt il-quddiesa solenni bil-mużika. U dan għaliex, għall-ewwel darba din il-quddiesa kien sa jibda jiċċelebraha Mons. Isqof, li f'dan iż-żmien kien Mons. Grech Delicata. U għalhekk fl-istess laqgħa Kapitulari ttieħdet deċiżjoni li l-bews tar-relikwija tal-Madonna jibda jsir fil-festa tat-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Marija.[6]

ASPETT LITURĠIKU

L-aspett liturġiku fil-Knisja Kattolika kiseb dimensjoni ġdida bis-saħħa tal-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija tal-Konċilju Vatikan II u anki bis-sehem tal-quddiesa vespertina. Tibdil bħal dan ma setax ma jġibx miegħu ħwejjeġ ġodda fis-Solennita' Liturġika tal-Assunta. Il-Kwindiċina mill-1958 'il quddiem ma baqgħetx issir filgħodu. Bdiet issir filgħaxija bil-priedka dwar il-Madonna. Hekk għadha ssir illum, funzjoni purament parrokkjali. Saret popolari ħafna. Ir-raġuni prinċipali hi, li kull ġurnata tal-kwindiċina tiġi ddedikata għal xi waħda mill-kategoriji tal-kommunita' parrokkjali. Fil-qosor il-programm ikun imfassal b'mod li l-parruċċani kollha f'jum jew ieħor jieħdu sehem. Jingħata wkoll aspett missjunarju, billi f'waħda mill-ġranet tal-kwindiċina fil-quddiesa ta' filgħaxija jqaddes xi missjunarju Għawdxi li jkun għall-btajjel. Tinżamm ġabra għall-Missjoni.

Il-qofol uffiċċjali tal-festi huwa l-ħruġ imponenti ta' l-Istatwa ta' Santa Marija min-niċċa, żewġt ijiem qabel il-15 ta' Awissu. Hija okkażżjoni ta' devozzjoni kbira li tiġġeġ lid-devoti għall-Għid Kbir ta' l-Assunta. Il-poplu juri l-ferħ tiegħu b'donazzjonijiet kbar u b'għelm ta' ħajr għall-grazzji li jkun qala' bl-interċessjoni ta' l-Assunta.

L-INNU TAT-TRIDU

Fl-1956, it-Tridu ta' Santa Marija beda jsir għall-ewwel darba bħalma jsir f'parroċċi oħra. F'dik is-sena Mons. Tarċisju Gatt kien inkariga lil Mro. Ġanni Vella biex jikkomponi Innu bil-Mużika għat-Tridu. Minħabba xi ntoppi li kienu nqalgħu, dan l-Innu baqa' fuq l-ixkaffa. Iżda għadda ż-żmien u dawn l-intoppi dehru li għebu għal kollox. Għalhekk, hija l-Arċipriet preżenti u jiena mexxielna ndaħħluh u ndaqq għall-ewwel darba fis-sena 1976. Illum dan l-Innu beda jindaqq waqt il-Quddiesa Vespertina tat-Tridu bis-sehem ta' l-Orkestra, kantanti u l-Kor "Marija Assunta" tal-parroċċa mmexxija mill-Mro. tal-Kappella l-Kan. Dun Martin Portalli. L-Għasar qabel il-quddiesa jsir

MRO ĠANNI VELLA

bil-Malti bis-sehem attiv tal-Kor imsemmi u l-kongregazzjoni fil-knisja. Il-Kor twaqqaf fis-sena 1968 u jieħu sehem attiv fil-festa u matul is-sena kollha.

LEJLET IL-FESTA

Lejlet il-Festa ħa xejra ġdida mill-Konċilju Vatikan II 'l hawn. L-aħħar quddiesa tal-Kwindiċina bit-'Te Deum' għadha ssir filgħodu sal-lum. Filgħaxija mbagħad issir it-Translazzjoni tar-Relikwija mill-Artal tar-Relikwiji qaddisa għall-Artal Maġġur. Matul il-purċissjoni qasira, li toħroġ barra l-knisja u tgħaddi minn taħt l-arkati taċ-Ċittadella, fil-knisja titkanta l-"Ave Maris Stella" ta' M. Ferraris u l-Antifona tal-Madonna ta' C. Vassallo. Minnufih wara jibda l-Għasar Pontifikali bil-mużika taħt id-direzzjoni tas-Surmast tal-Kappella. Wara l-Barka Sagramentali llum qed tiġi ċelebrata quddiesa li tgħodd għall-preċett festiv. Din il-quddiesa tiqaddes minn Mons. Arċipriet u li għaliha jattendu ħafna nies. Il-knisja tibqa' miftuħa għal ħafna sigħat wara, biex id-devoti ta' l-Assunta minn kull rokna f'Għawdex ma' eluf ta' Maltin, jistgħu jżuru dan is-Santwarju Marjan.

JUM IS-SOLENNITÀ LITURĠIKA

Jum is-Solennità Liturġika ta' l-Assunta wkoll tbiddel fit-tagħlim Liturġiku tal-Konċilju Vatikan II. Kellu raġun Patri Barnard jistqarr: "li kieku l-Knisja

GĦALL-INDURATURI

Deheb ta' l-induratura,
silver leaf, aluminium leaf,
kolla tal-fniek, u l-artikli
kollha għall-induratura

mingħand:

E. THEUMA & CO. LTD.

E. Theuma & Co. Ltd., Theuma House, 302, St. Paul Street, Valletta. Tel. 234075, 236605. Fax 244201

www.gozocathedral.org.mt

ma wettqitx ir-riforma liturgika, kieku l-knejjes taghna thallu mill-Insara".

F'dan l-Ghid ta' Festa l-quddies jibda fl-4.30a.m. u jibqa' sejjer sas-1.00p.m. Sat-8.30a.m. il-quddies isir wahda kull nofs siegha. Folol kbar mill-parrocci kollha t'Ghawdex jigu biex f'dan il-jum ghaziz jiehdu sehem f'quddiesa f'dan is-Santwarju Marjan. Illum ukoll flok Quddiesa Kantata celebrata minn Mons. Isqof tinzamm Koncelebrazzjoni Pontifikali mmexxija minn Mons. Isqof imsiehba bil-kant u d-daqq tal-muzika. Ma' Mons. Isqof jikkoncelebraw il-Monsinjuri u bosta sacerdoti ohra. L-Omelija ssir mill-istess Isqof li ghandu s-sede tieghu minn fejn iwassal il-messagg tal-Bxara t-Tajba. Ta' min jinnota li f'din il-funzjoni jingabru nies mhux biss mill-parrocca tal-Katidral, izda anki minn diversi parrocci ohra t'Ghawdex. Tabilhaqq f'din ic-cirkustanza, fil-knisja ma jkunx hemm fejn taqa' labra.

Qabel l-Ghasar ta' Jum il-Festa filghaxija tigi celebrata quddiesa mill-Arcipriet tal-Bazilika ta' San Gorg.

Qabel l-1956, il-Purcissjoni Pontifikali kienet issir filghodu, naturalment minghajr statwa, bis-sehem tal-Kapitlu Katidrali u tal-Patrijiet tal-Kunventi li jinsabu fir-Rabat. Mill-Katidral kienet tidhol fil-Bazilika ta' San Gorg, fejn titkanta l-Antifona tal-Madonna. Qabel terga' tidhol il-Katidral, kienet tghaddi minn Triq San Gorg, Triq il-Librerija u Triq il-Karita'. Wara din is-sena, l-istess purcissjoni, bis-sehem ukoll tal-Fratellanza ta' Santa Marija, bdiet issir filghaxija mat-toroq ewlenin tar-Rabat, wara li fil-Knisja, ikun sar il-kant ta' l-Ghasar u tinghata l-Barka Sagramentali. Bdiet ukoll tingarr l-istatwa devota u popolari ta' l-Assunta, li naraw illum. Bdiet ukoll tiehu sehem il-Banda 'Leone' li ddoqq innijiet religjuzi. Hija dimostrazzjoni ta' fidi, ta' devozzjoni u fuq kollox turi fejn ihabbat il-polz tal-poplu Ghawdxi u Malti.

Ghall-gich ta' l-istorja nghidu:

1. li l-purcissjoni ta' Santa Marija ilha ssir sa mill-1726. Insibu 'MALTA HISTORICA' li "nel 1726 i nostri francescani furono invitati dal Provicario e Arciprete della Matrice (oggi Catedrale) ad intervenire alla processione dell'Assunta, in quel anno introdotta." [7]

2. Fil-Festa ta' Santa Marija jitpoggew sett ta' tnax-il gandlier u salib ta' fidda mastizz. Ta' min jinnota li dawn il-gandlieri nqabdu fid-dwana ta' Trieste fl-1914, zmien il-Gwerra l-Kbira. Waslu Ghawdex fis-sena 1920 u zzanznu ghall-festa ta' Santa Marija ta' dik is-sena.

3. Fil-festa ta' l-1962, l-istatwa ta' Santa Marija tpoggiet fuq pedistall tal-fidda, wahdieni fil-gzira Ghawdxija, fuq disinn tas-Sur Samwel Bugeja. Gie mahdum Ruma ghand id-Ditta 'Francesco Rosa'.

4. Ghall-festa ta' l-1965 il-Knisja zanznett sett ta' tminn linef tal-kristall, rigal tal-benefattur Vitor Gatt.

5. Nhar il-15 t'Awissu 1975, Ghid l-Assunta, il-kwadru titulari ta' l-Assunta xoghol tal-pittur Mikiel Busuttil, gie nkurunat mill-Kardinal Francesco Seper fi Pjazza Savina. Din l-okkazzjoni kienet manifestazzjoni ta' fidi kbira.

6. Nhar it-8 t'Awissu 1981 tqieghed stellarju ta' hagar prezzjuz madwar ras l-istatwa ta' l-Assunta minn Mons. Isqof Nikol Cauchi. Din l-attivita' saret fi Pjazza Savina u kienet bhala parti ghall-festi organizzati ghal dik is-sena. Folol kbar ta' nies attendew.

FESTI ESTERNI

Il-festi esterni ta' Santa Marija f'Ghawdex imorru 'l boghod fis-snin. Qabel bdew isiru kif nafuhom fi zminijietna, kienu jsiru forma ohra.

Irid jinghad li peress il-Festa ta' Santa Marija kienet dejjem il-festa ewlenija u l-festa wahdanija b'festa kmandata, bilfors li dawn kienu jinghazlu minn festi ohrajn. Hija festa anki folkloristika b'hafna drawwiet qodma marbutin maghha. Hija l-festa li turi li s-sena tal-biedja giet fi tmiemha. Terga' zewg parrocci f'Ghawdex u seba' parrocci f'Malta huma ddedikati lill-Assunta. Anki s-santwarju popolarissimu "Ta' Pinu" huwa ddedikat Lilha. Dan l-isfond huwa xhieda tal-popolarita' li tgawdi din il-festa tant mistennija mill-poplu ta' dawn il-gzejjer.

F'Ghawdex din il-festa tiehu prominenza, ghax il-Knisja Ewlenija, il-Katidral ilu jqim it-Tlugh fis-Sema tal-Madonna bir-Ruh u l-Gisem is-snin kif fissirna. Nafu wkoll li mijiet ta' snin ilu f'Ghawdex bosta kappelli kienu ddedikati lill-Assunta. [8]

IL-BIDU

L-Istoriku Ghawdxi Agius de Soldanis halla miktub li fis-sena 1598, il-festa ta' Santa Marija kienet ga tigi ccelebrata. Fil-fatt naraw li meta griet l-ahbar li t-Torok kienu sa jattakkaw lil Ghawdex, il-festi ta' Santa Marija sfrattaw. Kienet tiehu sehem l-orkestra li kienet tingab minn Malta, peress li aktarx f'Ghawdex ma kienx hawn nies imharrga f'din l-arti. Izjed 'il quddiem insibu li fl-1755 u fl-1756 kienu jingabu daqqaqa minn Malta biex iferrhu lill-poplu fil-jiem tal-festa. [9] Fis-sena 1770 xi daqqaqa tat-tnabar u l-fifra kienu jigu

With
the
compliments
of

FIBERMAR CO. LTD.

KW6, CORRADINO IND., ESTATE,
PAOLA - MALTA TEL: 673237

ID-DITTA LI QIEGHDA
TAGHMEL RESTAWR TAS-SAQAF
TAL-KNISJA KATIDRALI

www.gozocathedral.org.mt

minn Malta għall-festi esterni ta' Santa Marija. [10]

Wara s-snin imsemmija, il-festa ta' Santa Marija saret tant popolari li t-trasport bejn Malta u Għawdex kien qed ikollu jiżdied fil-jiem tal-festa. Numru kbir ta' Maltin kienu jaqsmu għal Għawdex biex igawdu dawn iċ-ċelebrazzjonijiet. Nafu li ħafna kienu jorqdu barra fit-Telgħa li tieħu għaċ-Ċittadella, fejn tinsab il-Knisja Katidrali. Fis-sena 1856, il-lanec 'Dragon' u 'Sovereign' ġarrew iżjed minn 2000 passiġġier. Fl-1859 qasmu 8000.

Ma nafux preċiż meta bdiet issir it-Tiġrija tal-Bhejjem, nhar Santa Marija. Aktarx li daħlet f'Għawdex xi snin wara l-1593 - is-sena li fiha bdiet issir f'Malta. It-Tiġrija kienet issir fil-15 t'Awissu bil-ħsieb li iżjed tikabbar il-Festa ta' l-Assunta. Din tiġi organizzata mill-Matriċi u l-Gvern. Fil-fatt fl-1747, il-Gran Mastru Manwel Pinto qassam il-palijiet minn fuq il-Barrakka, fost l-entużjażmu tal-folla. Anki l-Gvern ta' dak iż-żmien kien jieħu ħsieb jixgħel il-Barca Giuratale bil-lampi kuluriti taż-żejt.

Għax il-jiem ta' Santa Marija huma l-jiem l-iżjed popolari tas-sena, il-Gvernatur William Reid, għażel l-14 u l-15 t'Awissu tas-sena 1855 biex jorganizzaw għall-ewwel darba Wirja Agrarja u Industrijali f'Għawdex. Din għadha ssir sal-lum fil-jiem tal-festa. [11]

L-Amministrazzjoni t'Għawdex, imsejħa l-Università, kienet toħroġ il-flus biex fil-festa ta' Santa Marija kienu jiġu sparati 63 tir ta' maskli mill-Gran Kastell. Fl-Arkivju tal-Katidral naqraw li l-Knisja Matriċi ħallset għad-daqqaqa li ħadu sehem fil-purċissjoni ta' Santa Marija. [12]

IL-FESTA TA' SANTA MARIJA U L-BANDA 'LEONE'

Il-Banda 'Leone' tar-Rabat, Għawdex, ilha sa mis-sena 1882 tieħu sehem fil-festi esterni ta' Santa Marija. Nafu li f'din is-sena daqqet programm mużikali t-Tokk, illum Pjazza Indipendenza, taħt it-tmexxija tas-Surmast Direttur tagħha, Mro. Achille Lanzon. [13] Fil-ħarġa 'Fede ed Azione' tat-30 t'Awissu 1884, meta titkellem dwar il-festi esterni ta' Santa Marija nkiteb: "La Banda Leone eseguiscono nel loro casino bellisime concerte." Dawn huma xhieda awtentiċi li l-Banda 'Leone' ilha tieħu sehem sa minn dawn is-snin. Nafu wkoll li fl-1886, il-Banda 'Leone' taħt it-tmexxija ta' Mro. Antonio Buhagiar daqqet programm mużikali t-Tokk fl-14 t'Awissu. [14] Fis-sena 1889 ħadet sehem

MRO ORLANO CRESCIMANNO

kemm f'lejlet kif ukoll f'Għid il-festa. [15] L-istess jingħad għas-sena 1893. Dak-in-nhar qasmu minn Malta għal Għawdex mat-12,000 ruħ fuq il-vapuri 'Gleneagles' u 'Lady Dawnshire'. [16]

Bejn is-snin 1882 u l-1897 kienu saru taħditiet u rikorsi mill-Kumitat tal-Banda 'Leone' ma' l-Isqfijiet t'Għawdex, Mons. Pietru Pace u Mons. Giov. Marija Camilleri, fejn kienu talbu li jieħdu sehem fil-festi esterni ta' San Ġorġ [17] peress li l-membri tal-Banda kienu Rabtin daqs il-membri tas-Soċjetà' Filarmonika 'La Stella'. Kienu nqalgħu ħosta problemi u diffikultajiet, fil-fatt il-Banda 'La Stella' u l-Banda 'Leone' ħadu sehem fil-festi esterni ta' San Ġorġ fis-sena 1896. [18]

Il-problemi dwar il-festi esterni bejn iż-żewġ baned baqgħu sakemm l-Isqof t'Għawdex Mons. Giov. Camilleri fl-1896/97 iddeċieda li l-Banda 'Leone' għandha tieħu ħsieb uffiċċjalment il-festi esterni ta' Santa Marija.

IS-SENA 1897

Is-sena ta' hawn fuq tat spinta kbira lill-festi esterni ta' Santa Marija. Il-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika 'Il Leone', bit-tħabrik ta' l-Onor. Dr. Pawlu Sammut (1844-1916) u s-Sur Pawlu Pisani (1873-1969) ġabu minn Ruma statwa ta' l-Assunta, il-ġmiel tagħha, fl-aħħar ta' Lulju, 1897. [19] Dan kien ifisser li l-festi esterni

Odyssey

Bar - Restaurant - Pizzeria

GEORGE SACCO

Proprieter

Menqa Marsalforn, Gozo, Malta. *Tel: 551002, 556728*

www.gozocathedral.org.mt

bdew jigu organizzati madwar din l-istatwa bejn it-13 u l-15 t'Awissu ta' kull sena. Sa minn dik is-sena kienu saru festi kbar, fejn l-istatwa ġdida tpoġġiet fuq pedistall fit-Tokk. Ġie mzanzan ukoll Innu 'A Maria Assunta' tas-Surmast Kavallier V. Carabott, li kien Surmast Direttur tal-Banda 'Leone'.

Fis-sena 1913 dan l-Innu ġie mibdul ma' ieħor kompożizzjoni tas-Surmast Orlando Crescimanno, anki dan kien Surmast Direttur tal-Banda 'Leone'. (20) Id-daqq ta' l-Innu l-Kbir kif kulħadd jirrileri għalih għadu llum wieħed mill-isbaħ avvenimenti tal-festi esterni. Għall-ġieh l-istorja sewwa li nghidu li fis-snin tal-gwerra 1941/42, il-festa ma saritx. Fl-1943 il-festa ġiet organizzata iżda ħarġet ordni li l-Innu ma setax jinkanta bit-taljan. Il-partitarji kienu sfidaw din l-ordni u xorta kantawh bit-taljan għalkemm ma telgħux fuq il-palk.

Sa mis-sena 1898 kienu ġa jiżżejnu triqat ewlenin bi trofej, piramidi, illuminazzjoni ta' dawl fit-tazzi kuluriti biż-żejt. Matul is-snin żdied it-tiżjin ta' statwi, ħafna minnhom xogħol ta' l-istatwarju Għawdxi il-Kav. Wistin Camilleri, anki żewġ palkijiet għall-baned. Sa żmienna l-pavaljuni taċ-ċaruta saru ta' dawl elettriku kulurit bid-disinn. Żdied sew it-tiżjin, speċjalment fit-Telgħa taċ-Ċittadella li tieħu għall-Katidral u fil-Pjazza tal-Katidral. Tkabbar il-ħruq tan-nar sew ta' l-art kemm ta' l-ajru. Hija drawwa li ta' kull sena ssir xi opra ġdida, bħal pavaljuni tad-dawl, statwi, bandalori, induratura ta' pedistalli u dehra ġdida lil xi trofej. Hija drawwa wkoll li barra l-banda 'Leone' jiġu mistiedna baned Għawdxin u anki oħrajn minn Malta. Fl-1934 ġew mistiedna 'Prekursur' tax-Xewkija, Għawdex, 'San Ġużepp' tal-Ħamrun u 'La Vittoria' tal-Mellieħa.[21]

DATI SPEĊJALI

Saru festi speċjali f'Mejju 1947 biex ifakkru l-Ħamsin Anniversarju kemm kien ilha l-Banda 'Leone' tieħu sehem uffiċjalment fil-festi ta' Santa Marija u egħluq il-ħamsin sena li l-istatwa ta' l-Assunta kienet ingabet Għawdex.

F'Ottubru u Novembru 1950, festi oħra kbar biex ifakkru l-okkażżjoni tal-proklamazzjoni tad-Domma ta' l-Assunzjoni. Din il-ġrajja għadha sal-lum tiġi mfakkra mill-Banda 'Leone' kull Novembru bi programm mużikali fi Pjazza Indipendenza.

IS-SENA 1956

Imma żgur li l-ewwel ġrajja marbuta mas-Soċjeta Filarmonika 'Il Leone' ma tisboq il-ġrajja tad-29 ta' April, 1956 - id-data memorabli li fiha s-Soċjeta 'Leone' rregalat l-istatwa ta' l-Assunta lill-Katidral t'Għawdex. Din il-ġrajja tinsab irreġistrata fir-rikors ta' l-20 t'April, 1956 iffirmat mill-Avukat Francesco Masini bi tweġiba fl-affermattiv mill-Isqof t'Għawdex, Mons. Ġużeppi Pace fis-27 t'April, 1956.

DR. FRANCESCO MASINI

Ir-rikors kien jorbot li l-istatwa ta' l-Assunta toħroġ proċessjonalment filgħaxija mat-toroq ewlenin tar-Rabat bid-daqq ta' marċi reliġjużi u innijiet Marjani mill-Banda 'Leone'. U dan għadu jsir b'sodisfazzjon kbir għall-partitarji tas-Soċjeta. Irħama kommemorattiva fil-Katidral tixhed din il-ġrajja.

Biex seħħ dan, Mons. Isqof Ġużeppi Pace kellu sehem kbir. Isem dan l-Isqof kien, għadu u jibqa' għażiż għall-Banda 'Leone'. Kellha raġun is-Soċjetà ssemmi Sala fil-każin tagħha u anki tpoġġi bust tal-bronz ta' dan l-Isqof.

Bit-tlugħ ta' l-istatwa, il-Katidral tbiddel bħal-lejl min-nhar fl-oqsma kollha tiegħu. Il-festi esterni ta' Santa Marija ħadu dimensjoni aktar kbira u wiesa'. Żdied it-tiżjin, kiber in-numru ta' partitarji u l-briju tal-festa ħa dehra ġdida. Il-logħob tan-nar beda jinħaraq b'organizzazzjoni aħjar. Saret statwa oħra ta' Santa Marija mill-Istatwarju Għawdxi, Wistin Camilleri, biex tieħu post ta' qabilha f'dimostrazzjoni brijuża mat-toroq ewlenin tar-Rabat fit-13 t'Awissu. Is-servizzi tal-Banda 'Leone' żdiedu. Baqgħu, bħal dejjem, iżanżnu sett ta' marċi ġodda. Waqt il-marċijiet jintelgħu

ID-DITTA ANTIKA

GEORGE ZAMMIT & SONS

(TA' ĦAŻ-ŻEBBUĠ)

Jagħti kull garanzija lil min irid jagħmel id-Damask tal-Knisja; għax huwa PALMA, minsuġ bl-idejn, magħmul minn Ħarir Pur, maħdum fi Franza, Lyon bħal ma huma d-Damaski antiki ta' 300 sena ilu u li għadhom iservu sal-lum għall-kwalità tajba tagħhom.

Għalhekk id-Ditta ġiet ippreferuta billi ksejna l-ħitan tal-Parlament fil-Palazz, l-Uffiċċju tal-Prim Ministru u s-sala tar-Riċevimenti b'Damask Aħmar u minn lewn id-deheb kif ukoll bil-Purtieri.

Il-Kappella tas-Sagrament tal-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt, Il-Kolleġġjata tal-Birgu, l-Isla, Ħaż-Żabbar, Marsaxlokk, il-Knisja kollha tal-Qrendi, il-Knisja tan-Nazzarenu x-Xagħra Għawdex u ħafna knejjes oħra b'dak li jkun jonqoshom u Pavaljuni.

Irrikorru għalhekk, qabel ma tiddeċiedu

71, Old Mint Street, Valletta.
Tel. 640902

karti kuluriti u smontor. Kultant anki karti kuluriti b'kitbiet ta' poeżija dwar il-Madonna u l-festa. Dawn ikomplu joħolqu iżjed briju. Il-marċ ta' Jum Santa Marija filgħodu, magħruf bħala l-MARĊ TA' FILGHODU li jsir fil-qalba tar-Rabat huwa marċ grandjuż bil-briju li joffri. Fi tmiem il-festa jsir il-Marċ tal-Aħħar. Jista' jissejjaħ marċ folkloristiku għall-mod ta' briju li joħloq. Tant kien minn dejjem popolari li l-Jum il-Marċ ta' l-Aħħar jiġi organizzat fil-festi kollha ta' l-irħula t'Għawdex. Il-fatt hekk ġara kif rajna iżjed 'il fuq.

Irid jingħad għall-ġieh l-istorja, li l-festi esterni ta' Santa Marija fis-sena 1955 ma sarux bi protesta. Il-Kumitat tas-Soċjetà 'Il Leone' kien qed iħaqqaqha ma' Mons. Isqof Ġużeppi Pace, għax peress li kien neħħa s-sehem tal-Banda 'Leone' minn xi festi sekondarji li kienu joħorġu mill-Bażilika ta' San Ġorġ, kellu jordna biex il-purċissjoni ta' Santa Marija ssir filgħaxija bl-akkumpanjament tal-Banda 'Leone'.

Il-festi esterni ta' Santa Marija jisbqu kull festa oħra f'Għawdex. Nies minn kull rokna t'Għawdex izuru r-Rabat mhux biss biex iqimu lill-Assunta fil-Maqdes tagħha, iżda biex igawdu l-marċijiet grandjużi tal-baned, il-ħruq tan-nar, id-divertiment u l-briju. Huma l-uniku tlett ijiem tas-sena li kull lukanda, dar, flat jew imkien ieħor f'kull rokna t'Għawdex jinkrew minn sena għall-oħra minn Maltin li jaqsmu għal Għawdex fit-tliet ijiem tal-festa. Biżżejjed ngħidu li għall-festa ta' Santa Marija fis-sena 1990 qasmu għal Għawdex minn Malta 90,000 u eluf kbar ta' vetturi. Huma l-iżjed tlett ijiem fis-sena li fihom isir kummerċ.

Kellu raġun il-poeta Ġanni Cremona, ex-president tal-Banda 'Leone' jiftaħ il-versi ta' l-Innu Marċa, kompożizzjoni tas-Surmast Vincenzo Ciappara b'din l-kwartina:

"Għawdex kollu tbiddel f'ġenna,
Festa u ferħ ma' kullimkien,
L-art u s-sema qed isellmu
Lis-Sultana tal-Ħolqien."

KAV. WISTIN CAMILLERI

REFERENZI

1. Rivista" 'Il-Malti' - Ottubru 1950 p.111
2. '350 Sena Kolleġġjata' - 1623-1973 - G. Wettinger, p.19
3. 'Il-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta u l-Ewwel Parroċċi ta' Għawdex' - 1975, p. 17, Alexander Bonnici.
4. Arkivju Arċiveskovili ta' Malta - Visti Pastorali - Balaguer 1644, Vol. X, p.224v.
5. Atti Kapitulari Katidral Għawdex Vol. 1. p. 272.
6. Atti Kapitulari Katidral Għawdex Vol. 1. 5 -7/1868, p.324
7. - 'I Francescani al Gozo' - 'Melita Historica', Vol 3 No. 4, p. 50 - Patri Bonaventura Fiorini.
8. 'Għid ta' l-Assunta' 1972, p.6-7; 1973, p.12 - John Bezzina.
9. Arkivju Katidral Għawdex, Lib.Esito della festività titolare, Awissu 1755/1756, p.54-55.
10. Arkivju Katidral Għawdex. Lib.Esito festività dell'Assunta, 1771 - 1773, p.123.
11. Il-Ġurnal 'L'Ordine' (19-8-1850) p.155, (9-9-1859) p.168.
12. Arkivju Katidral Għawdex, Lib. Spettanti alla Matrice ed Insigne Chiesa del Gozo, 1811-1824.
13. 'Corriere Mercantile Maltese', 23-8-1882.
14. 'Malta' - 13-8-1886; 'Ġrajjiet il-Banda Leone' - 1967 p.23 - Grech Grazio A.
15. 'Malta' - 13-8-1889, 'Fjur u Rand' Jannar/Frar 1974, No. 8, p.5, 'Dati Storici', Grech Grazio A.
16. 'Risorgimento' - 18-8-1893 u 'Public Opinion' 17-8-1893.
17. Rikors lill-Isqof G.M. Camilleri mis-Soċjetà il-'Leone' 27-5-1895.
18. 'Id-Devot ta' Marija' 1896 u Storiku - 'Il-Festi Esterni ta' San Ġorġ fl-'In- ... Tagħna' 16-8-1982.
19. 'Id-Devot ta' Marija' - Awissu 1897.
20. 'Id-Devot ta' Marija' - Settembru 1913 u Grech Grazio A. 'Il-Banda Leone, Ġrajja ta' Ħames Anniversarji' - Programm Santa Marija, 1983, p.13.
21. 'Il-Berqa', p.11-12 - 22-8-1934.

ARTISTIKA ENTERPRISES

l-unika fabbrika f'Malta li tipproduċi souvenirs tal-plastic, key chains u affarijiet tal-ġilda

JEKK TRID SOUVENIR TA' KLASSI
JEW SE TIRREKLAMA
IL-PARIR TAGĦNA HU ĊEMPEL

Artistika Enterprises

10A/B/11, CRAFTS VILLAGE, TA' QALI, RBT 13, MALTA
TEL: 41 48 13 - 22 09 96 - 37 42 01 FAX: 43 49 89

u ara x'għandhom x'joffrulek

www.gozocathedral.org.mt

SANTA MARIJA FIL-LETTERATURA MALTIJA

kitba ta' Geoffrey G. Attard

Il-Maltin u l-Għawdxin minn dejjem kellhom imħabba speċjali lejn il-Verġni Marija Omm Alla u Ommna u kienet il-Madonna li tatna l-għajnuna tagħha u waqfet magħna kull meta kellna bżonn. Anke l-poeti tagħna kemm dawk ta' dari kif ukoll dawk tal-lum nisgulHa poeżiji mill-iktar sbieħ fil-letteratura Maltija. Insibu numru kbir ta' innijiet u kanzunetti li jfaħħru u jgħollu lill-Madonna u bosta minn dawn jitkantaw fi knejjes tagħna. Fost dawn insemmu "Infaħħru lil Marija", "Fil-Ħlewwa ta' Mejju", "Ismagħha l-Għanja" u bosta oħrajn li jkun impossibli li nsemmuhom kollha.

Nibda biex insemmi l-poeżija ħelwa tal-Poeta nazzjonali tagħna Dun Karm Psaila li ġġib l-isem "Innu lil Marija Tielgħa s-Sema". Insibu bosta poeżiji fil-letteratura Maltija li għandhom għamla ta' innu u fost dawn hemm l-Innu Malti. Fuq kollox poeżija ma hija xejn għajr damma jew għanja li toħroġ mill-qalb tal-poeta. Din il-poeżija ta' Dun Karm hija innu lill-Madonna taħt it-titlu illustri ta' l-Assunta. Waħda mill-istrofi tal-poeżija li żgur jolqtu lill-qarrej tgħid hekk:

"Intom, anġli, qaddejja tal-ġenna,
Inżlu, inżlu mill-ogħla smewwiet;
U ma' l-ilħna ta' l-arpi tal-fidda
Ta' mħabbitkom semmgħuna l-ħlewwiet."

Din il-poeżija hija magħmula minn ħames strofi u t-tieni vers jaqbel mar-raba'. Dun Karm isejjaħ lill-Madonna "Omm u Xebba" u jsejjaħ lill-misteru ta' l-Assunzjoni "L-akbar għaġeb li qatt raw is-snin". Il-poeta jqabbel lil Marija tiela' s-sema ma' Ġesu` meta jgħid:

"Tielgħa s-sema; bħal binha rebbieħa,
Qamet ħielsa mill-ħdan tal-imwiet."

Il-poeta Għawdxi Anton Farruġia wkoll kiteb poeżija mill-isbaħ lill-Assunta. Din il-poeżija hija innu għaliex kienet immużikata minn Mro. Alfred Arnold u tkantat għall-ewwel darba mill-Kor "Maria Assunta" tul il-Festival ta' Korijiet li sar fis-Santwarju Ta' Pinu fl-okkażżjoni tal-Festi Ċentinarji, nhar il-15 ta' Settembru 1983. Il-poeżija jisimha "Egħluq il-Mitt Sena tal-Ġrajja Ta' Pinu". Il-poeżija nkitbet fl-10 t'Awissu 1983 u hija sabiħa ħafna. Il-poeta juri mħabbtu lejn l-Assunta filwaqt li jirrakkonta l-ġrajja ta' Karmni Grima u l-Madonna Ta' Pinu. F'waħda mill-istrofi sbieħ tiegħu l-poeta juri s-sehem li l-Madonna kellha fil-Pjan tas-Salvazzjoni:

"Imma żgur li fil-Fidwa
tat sehemHa l-Madonna,
bħal Binha Hi kienet
mudell tal-virtù."

Il-poeta Għawdxi mill-Belt Victoria Ġanni Cremona wkoll kiteb numru sabiħ ta' poeżiji f'gieħ il-Madonna. Fost dawn insemmu "Il-Ġrajja tal-Madonna Ta' Pinu", u l-poeżija sabiħa "Lil Santa Marija Assunta". Din ta' l-aħħar hija l-Innu Popolari u kienet immużikata minn Mro. Vincenzo Ciappara. Il-poeżija hija magħmula minn sitt strofi. Cremona qisu qiegħed jimmaġina lill-Madonna bil-mod kollu possibli. Il-poeta jiddeskrivi l-għaqda kbira bejn il-Madonna u l-Ġens Għawdxi:

"Għawdex kollu tbiddel f'Ġenna.
Festa u ferħ ma' kullimkien.
L-art u s-sema qed isellmu
Lis-Sultana tal-Ħolqien."

Ġanni Cremona jxebbah lill-Madonna ma' "Xemx ġdida", "Il-glorja t'Alla nniffsu", "Regina ta' Re qawwi" u mara "sbejħa". Hija poeżija mill-aktar sbieħ jekk mhux l-isbaħ waħda tal-Madonna.

Is-saċerdot Għawdxi Dun Ġorġ Mercieca ma baqax lura milli jinseg xi poeżija lil Marija Assunta. Ma nistax ma nsemmix il-poeżija ħelwa "Santa Marija 1989" fejn Mercieca jiddeskrivi l-festa ta' l-Assunta bħala waħda kbira u popolari. Huwa jdaħħal ukoll l-istorja meta jirreferi għall-Konvoj ta' Santa Marija:

"..........met'iġfna kollha ġid daħlu ġo xtutna
fil-jum għażiż ta' btala, nhar l-Assunta
għodwa ta' swied il-qalb li nbidlet f'ġenna!"

Dun Ġorġ Mercieca għandu poeżija ħelwa oħra li ġġib l-isem "Santa Marija" u li huwa kiteb ftit tas-snin ilu. Din il-poeżija hija Sunett. L-ewwel vers jaqbel mat-tielet u t-tieni mar-raba'. Il-poeta jiddeskrivi l-kobor u l-glorja u l-maesta ta' Marija, Reġina tas-sema u ta' l-art:

"X'inhu tas-sema blu tal-gżira Għawdxija
għalfejn għajnejk ħelwin, ġawhriet kaħlana?"

Ma nistgħux ninsew il-poeżija "Il-Ġrajja ta' l-Assunta Ta' Pinu" tal-poeta imsemmi Anton F. Attard li huwa wkoll studjuż ta' l-istorja u l-folklore u anke kittieb. Din il-poeżija żgħira iżda sabiħa hija magħmula minn erba' strofi u hija Sunett. Għalhekk il-poeżija għandha erbatax-il vers. F'din il-poeżija, Attard jagħmel referenza għall-Assunta meta jiddeskrivi l-kelmiet li ħija lissnet lil Karmni Grima.

L-Isqof t'Għawdex Mons. Nikol Ġ. Cauchi, devot kbir ta' Santa Marija Assunta wkoll kiteb poeżija mill-isbaħ lill-Madonna. Hija poeżija twila ferm imsejħa "L-Apoteosi ta' l-Assunta". Hija Oratorio f'żewġ taqsimiet: Il-Mewt u d-Difna ta' Marija u Marija fil-Glorja. Din il-poeżija li għandha l-għamla ta' ballata kienet immużikata minn Mro. Joseph Sammut u nkitbet mill-Isqof tad-Djoċesi fl-1988. Saret għall-ewwel darba fil-Knisja Katidrali nhar il-Ġimgħa 29 ta' Lulju, 1988.

Santa Marija Assunta hija l-Padruna Prinċipali u Ewlenija tal-Gżejjer Maltin u qatt ma nsietna fil-ħtiġijiet tagħna. Jixraq għalhekk li nagħlaq bl-istrofa sabiħa meħuda mill-poeżija ta' Dun Karm:

"Tielgħa s-sema! Wiċċha jiddi
Bħaż-żerniq ta' jum sabiħ,
Dawl ix-xemx il-libsa tagħha,
Fuq is-sħab b'sieqha tistrieħ."

FRANCESCO COSSIGA
EX-PRESIDENT TA' L-ITALJA IŻUR IL-KATIDRAL

12 ta' April 1994

L-Ex-President Francesco Cossiga jiffirma l-ktieb tal-viżitaturi flimkien Fr Joe Bezzina u s-Sur Lawrence Galea, segretarju tal-Ministru għal Għawdex, li dawruh mal-Katidral.

DJARJU TAL-PARROĊĊA

1-8-93: Ħrug ta' l-għarwa ta' l-Assunta fost il-kant ta' l-innijiet marjani. Inġabret is-somma ta' Lm2969.

11-8-93: Beda l-priedki tat-Tridu, Dun Alfred Xuereb.

15-8-93: Inżammet bl-akbar solennità l-festa ta' Santa Marija fil-Katidral.

14-9-93: Inżammet ħarġa rikreattiva għall-parruċċani f'Malta fejn żaru ħafna postijiet ta' interess storiku.

26-9-93: Il-Membri tal-Kunsill Parrokkjali tal-Katidral ħadu sehem fir-Rally ta' l-Għajdien.

29-9-93: Saret il-festa ta' San Mikiel Arkanġlu.

30-9-93: Sar 'Coffee Morning' f'Lourdes Home, Għajnsielem, għall-parruċċani.

1-10-93: Beda l-tagħlim tal-Katekiżmu fiċ-Ċentru Parrokkjali.

3-10-93: Ħarġet il-Purċissjoni tal-Madonna tar-Rużarju, immexxija mill-[illegible].

10-10-93: Beda għall-ewwel darba s-servizz ta' Mini-Bus [illegible] li jġorr il-familji tal-periferija għaċ-Ċentru Parrokkjali għall-quddiesa tagħhom kull Ħadd. Dan is-servizz għadu mexxi [illegible].

17-10-93: Mons. Isqof mexxa Konċelebrazzjoni fl-okkażjoni ta' egħluq il-15-il sena minn meta l-Papa bħala Kap Suprem tal-Knisja Kattolika.

31-10-93: Saret il-festa ta' San [illegible]. Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni ta' din il-festa.

24-10-93: Inżammet [illegible] Missjunarja. Inġabret is-somma ta' Lm[illegible] mill-Knisja biss.

3-11-93: Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni tal-Qaddisin Kollha.

5-11-93: Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni ta' [illegible].

7-11-93: [illegible] l-[illegible] ta' l-[illegible] f'Għawdex. Mons. Mikiel [illegible]. [illegible] Mons. Isqof mexxa Konċelebrazzjoni li fiha ħadu sehem [illegible] tal-Qala, [illegible].

7-11-93: Mons. Arcipriet qaddes il-Media Centre. Din il-quddiesa ġiet trasmessa għal Malta u Għawdex. [illegible] il-Kor 'Marija Assunta'. Bdiet il-[illegible] Missjoni fil-Parroċċa. [illegible] konferenzi għal kull kategorija ta' parruċċani.

18-11-93: Saret [illegible] għal Malta taħt it-tmexxija tal-Viċi Parroku Dun Ġorġ Grech.

21-11-93: Saret il-[illegible] tal-Preżentazzjoni tal-Madonna.

25-11-93: [illegible] Ċentru Parrokkjali.

28-11-93: [illegible] ta' l-Avvent f'quddiesa mill-Arċidjaknu Mons. Carmelo Scicluna.

8-12-93: [illegible] Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni tal-[illegible].

[illegible] bdiet in-Novena tal-Milied fiċ-Ċentru Parrokkjali u fil-Knisja Katidrali.

[illegible]-12-93: Ġiet [illegible] quddiesa mill-Knisja Katidrali. Qaddes Mons. Arcipriet.

21-12-93: Ħarġa għal Malta għall-parruċċani taħt it-tmexxija tal-Viċi Parroku Dun Ġorġ Grech.

23-12-93: It-tfal ħadu sehem f'quddiesa speċjali għalihom.

24/25-12-93: Mons. Isqof mexxa l-funzjonijiet kollha tal-Milied.

31-12-93: Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr fl-aħħar jum tas-sena.

1-1-94: Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni ta' Jum il-Paċi.

2-1-94: Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni ta' l-Epifanija tal-Mulej.

6-1-94: Saret l-[illegible] tal-Milied [illegible] Margerita għall-parruċċani. [illegible] speċjali [illegible] Mons. Isqof [illegible] Lm100 għal [illegible] Mons. Arcipriet [illegible] il-Parroċċa tal-Katidral.

11-1-94: [illegible] mal-Katidral għas-[illegible] tal-Madonna tal-[illegible]

www.gozocathedral.org.mt

(Kapuċċini) biex ifakkar għeluq it-300 sena minn meta l-Knisja tal-Katidral kienet kważi ġiet mġarrfa b'terrimot fl-1693. Dan il-pellegrinaġġ ma sarx minħabba x-xita u l-maltemp.

30-1-94: Mons. Arċipriet qaddes fiċ-Ċentru Parrokkjali fil-11.15a.m. fl-okkażżjoni tal-Ġimgħa taċ-Ċentru Parrokkjali.

2-2-94: Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni tal-Preżentazzjoni tal-Mulej. U bdew ukoll funzjonijiet speċjali bibliċi fl-okkażżjoni tal-Ġimgħa Bibblika Djoċesana.

19-2-94: Bdiet il-Ġimgħa tal-Parroċċa li matulha saru bosta attivitajiet li kienu jgħoddu għad-diversi kategoriji tal-Kommunità Parrokkjali.

26-2-94: Għalqet il-Ġimgħa tal-Parroċċa b'Konċelebrazzjoni li kienet immexxija minn Mons. Arċipriet.

27-2-94: Bdew l-eżerċizzi b'quddiesa. Fil-5.15p.m. kien ikun hemm priedka għal kulħadd u fis-6.30p.m. kien ikun hemm priedka għall-koppji. Il-Predikatur kien Fr John Curmi MSSP.

3-3-94: Inżamm 'Coffee Morning' b'risq iċ-Ċentru Parrokkjali.

Mark Gauci, parruċċan tal-Katidral u bandist tas-Soc. Fil. Leone rebaħ l-Ewwel Premju bħala l-aħjar bandist fost il-bandisti kollha tal-gżejjer maltin. Mark għad għandu 15-il sena. Nawgurawlu suċċessi akbar.

7-3-94: Bdew l-Eżerċizzi taż-Żgħażagħ fiċ-Ċentru Parrokkjali fit-8.00p.m. Attendew għalihom bosta żgħażagħ.

13-3-94: Inżammet fil-Katidral t'Għawdex l-Acies annwali tal-Leġjun ta' Marija. Għal din iċ-ċirkustanza Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni.

19-3-94: Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni tal-festa ta' San Ġużepp.

25-3-94: Sar Pellegrinaġġ Penitenzjali fl-okkażżjoni tal-festa tal-Madonna tad-Duluri.

27-3-94: Mons. Isqof mexxa l-funzjoni ta' Ħadd il-Palm.

31-3-94: Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni li fiha tbierku ż-Żjut kif ukoll il-Konċelebrazzjoni ta' l-Ikla tal-Mulej.

1-4-94: Mons. Isqof mexxa l-funzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

2-4-94: Mons. Isqof mexxa l-funzjoni tat-tberik tal-Blandun.

3-4-94: Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni ta' l-Għid il-Kbir. Beda t-tberik tal-familji.

7-4-94: Bdiet it-tielet parti ta' kors ta' tagħlim (a) għall-għarajjes (b) għall-koppji ġa 'going steady' u (c) għall-koppji miżżewġin reċentament.

29-4-94: Saret it-tifkira ta' meta s-Soċ. Fil. Leone rregalat lill-parroċċa l-istatwa ta' l-Assunta fid-29-4-1956. Mons. Arċipriet qaddes u għamel l-omelija ta' l-okkażżjoni.

1-5-94: Saret il-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem. Tbierku wkoll l-għodod fil-quddiesa tal-5.00p.m. minn Mons. Ġ. Tabone.

8-5-94: Fetħet il-Ġimgħa tal-Parroċċa u saret il-vestizzjoni ta' żewġ abbatini ġodda.

10-5-94: Inżamm 'Coffee Morning' b'risq iċ-Ċentru Parrokkjali fl-okkażżjoni ta' JUM L-OMM.

11-5-94: Saret l-Ewwel Tqarbina tat-tfal minn Mons. Isqof.

12-5-94: Mons. Isqof N. Cauchi amministra s-Sagrament tal-Konfirmazzjoni lit-tfal tal-Parroċċa.

14-5-94: Mons. Isqof N. Cauchi fl-okkażżjoni tal-Jum Dinji tal-Familja mexxa Konċelebrazzjoni li fiha għamel omelija mportanti dwar id-difiża tal-ħajja umana sa mill-bidu tat-tnissil tagħha.

15-5-94: Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni ta' Egħluq il-Ġimgħa Ewkaristika-Liturġika fil-Katidral.

22-5-94: Mons. Isqof mexxa l-Koncelebrazzjoni ta' l-Għid il-Ħamsin fil-preżenza ta' bosta lajċi mpenjati fl-Għaqdiet.

31-5-94: Mons. Arċipriet qaddes għat-tfal tal-Parroċċa u wara tnejn mit-tfal inkurunaw statwa tal-Madonna.

5-6-94: Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni tas-Solennitàtal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu kif ukoll il-purċissjoni ta' din l-okkażżjoni.

10-6-94: Saret ġurnata adorazzjoni Ewkaristika fis-Solennità Liturġika tal-Qalb ta' Ġesù.

RAPPORTI TA ENTITAJIET TAL-PARROĊĊA

IL-'CATHOLIC BOOKSHOP' TAL-PARROĊĊA

1. Fis-sena 1993, mill-Bookshop tal-Katidral inbiegħu madwar 620 ktieb ta' ispirazzjoni kattolika. Evidenti m'aħnix nitkellmu minn kotba ta' ftit ċenteżmi.

2. L-office hours huma mit-8.30 sal-11.30a.m. u mill-4.30 sas-6.00p.m. Is-Sibt filgħaxija u l-jum tal-Ħadd ikun magħluq.

3. Il-bookshop iforni wkoll lill-Knisja Parrokkjali b'kotba liturġiċi bħalma huma: ir-Rit il-Ġdid taż-Żwieġ, ir-rit tal-funeral b'format ckejken, il-Kalendarju tad-Djoċesi t'Għawdex u ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta.

4. Fis-sena li għaddiet kellna wkoll assortiment kbir ta' statwetti tal-qaddisin li kollha ġew mibjugħa.

RAPPORT TAL-KUNSILL PARROKKJALI 1992-1993

1. Is-sena Katekerika bdiet f'Ottubru 1992. L-ewwel laqgħa tal-Kunsill saret fit-13 t'Ottubru, 1992.

2. Saru seba' laqgħat oħra li fihom ġew studjati bosta suġġetti ta' interess pastorali.

3. Matul din is-sena wkoll saru żewġ laqgħat oħra ta' spiritwalità. Iż-żewġ laqgħat saru f'Manresa waħda f'Marzu u l-oħra f'Lulju.

4. Il-Kunsill studja wkoll flimkien mal-Presbiterju Parrokkjali s-suġġett tar-rally tad-Dirġenti ta' l-Għaqdiet li nżamm f'Ottubru li għadda. Is-suġġett kien: "Ir-Rinnovament tal-Parroċċa fid-dawl tat-Tieni Sinodu Djoċesan t'Għawdex, 1992".

5. Il-membri ta' dan il-Kunsill dejjem offrew l-aħjar servizzi tagħhom għat-twettiq tagħhom.

IL-KOR MARIJA ASSUNTA

Il-Kor Marija Assunta hu magħmul minn 14-il membru nisa regolari iżda jitla' għal 20 membru u 11 kantanti rġiel f'okkażżjonijiet speċjali.

Il-membri tal-Kor jiltaqgħu b'mod regolari għal provi li jsiru bejn wieħed u ieħor darba f'ġimgħa. Biss ġie li ċ-ċirkostanzi jitolbu aktar u b'hekk in-numru ta' provi ġie li jitla' anki tlett darbiet f'ġimgħa.

Bħas-snin ta' qabel il-Kor ħa sehem fil-Funzjonijiet ewlenin li jsiru fil-Knisja Katidrali bħalma huma l-Ewwel tas-Sena, il-Preżentazzjoni tal-Mulej, Ras ir-Randan, Ħadd il-Palm, Ħamis ix-Xirka, il-Ġimgħa l-Kbira, Sibt il-Għid, Kwaranturi, Santa Marija u l-Milied.

Barra minn hekk, il-Kor jieħu sehem f'okkażżjonijiet oħra bħal fil-Ġimgħa tal-Parroċċa, f'tiġijiet li jsiru kemm fil-Parroċċa kif ukoll barra mill-Parroċċa tal-Katidral, f'Festivals tal-Korijiet organizzati mill-Kurja kif ukoll bħas-soltu l-Kor ta concert ta' carols lejlet il-Milied fil-Katidral.

Din is-sena l-kor reġa' ħa sehem f'quddiesa mxandra fuq ir-Radju fil-Festa ta' Santa Marija u f'quddiesa mxandra mill-Media Centre għall-RTK.

Bħalma ġara f'dawn l-aħħar snin l-kor beda jiġi offrut is-servizz tal-kant f'diversi knejjes bħal fl-Oratorju Don Bosco. Fil-Kappuċċini konna mqabbda biex nieħdu ħsieb iż-żewġ festi (Madonna tal-Grazzja u San Franġisk) kif ukoll fil-Knisja ta' Savina u f'San Lawrenz (Festi Ċentinarji).

Din is-sena l-Kor kellu żewġ okkażżjonijiet speċjali li kienu: l-Ordinazzjoni ta' żewġ qassisin mill-istess parroċċa, iż-żewġ Primi Messi ta' dawn iż-żewġ qassisin (Dun Vince Pavia u Dun Franz Refalo) u Kunċert li fih ġie mfakkar il-25 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kor bħalma kien imħabbar fir-rapport tas sena l-oħra. Ta' min igħid li f'dawn l-okkażżjonijiet speċjali il-Kor kellu verament kliem ta' tifħir għal-livell milħuq

www.gozocathedral.org.mt

u dan iservi ta' nkoraġġiment biex b'hekk nibqgħu nimxu 'l quddiem.

KUMMISSJONI TAD-DUTTRINA

1. Din il-Kummissjoni tiltaqa' darba f'Settembru qabel tibda s-Sena Katekeika.
2. Tiltaqa' ukoll fi Frar qabel il-Parents' Day.
3. Tieħu ħsieb teżamina r-rapporti ta' kull xahrejn tal-Katekisti tad-duttrina. Tagħmel ukoll xi korrezzjonijiet lill-ġenituri li uliedhom ikunu qegħdin jonqsu ħafna mil-lezzjonijiet tad-duttrina.
4. Tiltaqa' wkoll din il-Kummissjoni qabel il-Prize Day li fiha jkunu sa jingħataw premju lill-aħjar żewġ studenti ta' kull Ċentru Parrokkjali tar-Rabat.
5. Tieħu ħsieb twettaq ħafna paper-work fi żmien l-Ewwel Tqarbina u l-amministrazzjoni tas-sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof. L-istess Kummissjoni tieħu ħsieb ukoll tqassam u tiġbor il-libsa ta' l-Ewwel Tqarbina lill-bniet.

RAPPORT TAD-DUTTRINA "ĊENTRU PASTORALI RAGHAJ IT-TAJJEB"

Fiċ-Ċentru Pastorali r-Ragħaj it-Tajjeb jattendu 180 tifel u tifla mqassmin f'disa' klassijiet. Il-lezzjonijiet isiru fit-3.30p.m., l-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa. Fl-4.00p.m. toħroġ il-quddiesa li għaliha jattendu ħafna ommijiet.

Darba kull ħmistax isir filmin fuq il-ħajja ta' xi qaddis jew xi storja mill-Bibbja. Kull nhar ta' Ġimgħa ssir laqgħa għall-ommijiet tat-tfal minn soru jew qassis ta' l-istess Ċentru.

Nibgħatu rapport ta' kull tifel jew tifla lill-ġenituri kull xahrejn. Bejn Frar u Marzu ssir il-Parents' Day u fl-aħħar tas-sena jkollna Prize Day u Sports Day.

It-tfal jattendu kważi kollha regolarment.

KUMMISSJONI PROMOZZJONI UMANA

Il-Kummissjoni 'PROMOZZJONI UMANA' hi attiva ħafna fil-Parroċċa.

1. Tieħu ħsieb il-ħasil tal-Knisja bosta drabi. Kultant jammetti li l-Knisja Katidrali qatt ma kienet hekk nadifa daqs dawn l-aħħar snin.
2. Tieħu ħsieb il-ġabra tal-Missjoni fix-xahar t'Ottubru. Tigbor il-boroż mid-djar.
3. Tieħu ħsieb il-ġabra djoċesana tal-Karità li tinżamm fix-xahar ta' Novembru.
4. Tieħu ħsieb it-trasport ta' xi xjuħ għall-Katidral meta sa jkun amministrat lilhom is-sagrament tad-Dilka tal-Morda.
5. Din il-kummissjoni tieħu wkoll ħsieb ċerti xjuħ biex jitwasslu ċ-Ċentru għall-quddies fi granet tal-maltemp.

LADIES CIRCLE

1. Bħala norma l-grupp tal-Ladies Circle jiltaqa' darba fix-xahar.
2. Xi drabi din il-laqgħa tkun tikkonsisti fi Prayer Group immexxi minn Dun Ġirgor Grech.
3. Drabijiet oħra dan il-grupp jiddiskuti xi attivitajiet li jkun sa jiġu organizzati minnu.
4. Il-Ladies Circle jieħu ħsieb ukoll l-organizzazzjoni tal-Bazaar annwali b'risq iċ-Ċentru Parrokkjali.
5. Fost ħafna attivitajiet il-Ladies Circle jorganizzaw 'Coffee Monrings', ħarġiet għal Malta u lotteriji bħala 'fund raising'. Fil-fatt din l-aħħar sena mill-Coffee Mornings inġabret is-somma ta' Lm597.54,0

IL-PRESBITERJU PARROKKJALI

1. Il-Presbiterju Parrokkjali matul is-sena katekeika 1992-1993 iltaqa' diversi drabi flimkien mal-Kunsill Parrokkjali u darbtejn għalih waħdu.
2. F'dawn il-laqgħat studja u fassal flimkien il-programmi għal dawn il-festi:

   a) Ġimgħa tal-Parroċċa;

   b) il-Granet tal-Ġimgħa Mqaddsa;

   c) it-Tħejjija għall-Ewwel Tqarbina tat-tfal tal-Parroċċa, kif ukoll għall-amministrazzjoni tas-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof għall-Kandidati ta' dan is-sagrament;

   d) il-Granet tal-Festa ta' Santa Marija;

   e) Pastorali għal żmien is-sajf.
3. Fl-4 ta' Marzu, 1993 il-Presbiterju u l-

Kunsill Parrokkjali ltaqgħu flimkien għall-Assemblea Ġenerali f'Manresa House b'dan il-programm:

a) sarel parti spiritwali;

b) parti ta' diskussjoni u

c) ikla flimkien.

4. Il-Presbiterju wkoll iddiskuta s-suġġett prinċipali għar-rally ta' l-Għaqdiet.

5. Is-saċerdoti tal-Presbiterju wkoll ħadu sehem attiv kemm fiċ-ċentinarju tat-tqegħid ta' l-Ewwel Ġebla tal-Knisja Parrokkjali tal-Fontana kif ukoll fiċ-ċentinarju mit-twaqqif tal-Parroċċa ta' San Lawrenz.

6. Il-membri tal-Presbiterju dejjem offrew l-għajnuna tagħhom fil-ħidmiet pastorali.

RAPPORT TAD-DUTTRINA: KAPUĊĊINI

1. Il-ġranet tat-tagħlim tat-tfal minn Year 1 sa Year 6 huma t-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa mill-5.15 sas-5.45p.m. fix-xitwa u mis-6.15 sas-6.45p.m. fis-sajf.

2. It-tfal huma mqassmin fi tlett klassijiet: fl-ewwel klassi jattendu t-tfal ta' l-Ewwel u t-Tieni Sena; fit-tieni klassi jattendu dawk tat-Tielet Sena, jiġifieri dawk it-tfal li se jagħmlu l-Ewwel Tqarbina u fit-tielet klassi jattendu t-tfal tar-Raba', tal-Ħames u tas-Sitt Sena.

3. Il-klassi ta' l-Ewwel u tat-Tieni sena fiha 26 tifel u tifla: dik tat-Tielet sena fiha 14 u dik ta' l-aħħar tlett snin fiha 25.

4. Il-klassi ta' l-Ewwel Tqarbina jieħdu ħsiebha s-Seminaristi u ż-żewġ klassijiet l-oħra huma mgħallma minn sekulari.

5. Biex it-tagħlim ikun iżjed varjat, interessanti u effikaċi aħna nagħmlu użu minn mezzi viżwali.

6. L-attendenza tat-tfal hi regolari.

LEĠJUN TA' MARIJA - VICTORIA

Matul l-1993, il-Leġjun ta' Marija wettaq Appostolat barra minn Malta, f'Malta u b'mod speċjali f'Għawdex fejn għen f'diversi ħidmiet li saru b'risq il-Parroċċa tal-Katidral. Fost dawn il-ħidmiet ta' min isemmi:

1. Membri nisa jgħallmu d-duttrina lit-tfal fiċ-Ċentru Ragħaj it-Tajjeb.

2. Membru jmexxi l-Librerija fiċ-Ċentru Parrokkjali u jkun megħjun minn xi membri oħra matul il-ġimgħa.

3. F'dan iċ-Ċentru wkoll membru jżomm Lezzjonijiet tar-Reliġjon biex studenti jagħmlu eżamijiet tal-Matrikola f'dan is-suġġett.

4. Żewġ membri jdoqqu l-orgni fil-Quddiesa tas-Sibt filgħaxija u f'dawk il-funzjonijiet li jsiru matul is-sena.

5. Xi Leġjunarji nisa u rġiel huma membri tal-Kor tal-Katidral.

6. Membri rġiel u nisa jagħtu sehemhom fil-Kunsill Parrokkjali u fil-Ladies Circle. Igħinu f'xi attivitajiet bħal fil-bazaar tal-Milied, u oħrajn.

7. Dan l-aħħar membri nisa bdew jagħmlu kuntatti mat-turisti fil-Katidral u jkellmuhom dwar il-Fidi kattolika. Qed isir bosta ġid spiritwali speċjalment ma' 'lapsed catholics'.

8. Isiru wkoll żjajjar lix-xjuħ u morda fi djarhom u anke fl-isptar u ż-żewġ kliniċi.

9. Il-membri jieħdu anke l-Madonna fil-familji fejn iħeġġuhom biex jgħidu r-Rużarju kuljum u biex igħixu ħajja spiritwali aħjar.

RAPPORT TAĊ-ĊENTRU TAL-KATEKIŻMU: SORIJIET FRANĠISKANI

1. Ngħallmu l-Katekiżmu lit-tfal minn Kinder sa Year 6, mit-Tnejn sal-Ħamis.

2. Jattendu madwar 50 tifel u tifla.

3. Matul is-sena jiġu murija xi slides.

4. Barra tagħlim mill-kotba maħruġin mill-Kummissjoni Kateketika isir qari ta' ħajjiet ta' qaddisin u xi diskussjonijiet fil-klassijiet il-kbar.

5. It-tfal li jkunu qegħdin jiġu mħejjija għall-Ewwel Tqarbina jiġu meħuda fil-post fil-kunvent tagħna fejn isiru l-Ostji.

6. Fiż-żmien tal-Milied it-tfal sarilhom party u ngħataw kotba b'tema reliġjuża bħala rigal.

7. Fix-xahar ta' Mejju, ix-xahar tal-Madonna, issir ċerimonja għat-tfal biex inkabbru fihom l-imħabba lejn l-Omm tagħna tas-Sema.

www.stgeorgebasilica.mt

8. Nieħdu sehem attiv fil-Purċissjoni tal-Kwaranturi tal-Parroċċa.

M.U.S.E.U.M. - BNIET

1. Saret id-duttrina għat-tfal mill-Kinder sa Form 3.
2. Saret laqgħa għan-nisa fil-ħin tad-duttrina darba fix-xahar.
3. Darba kull term saret laqgħa għall-ġenituri kollha.
4. Saret ħarġa kull nhar ta' Ħadd filgħaxija għat-tfal minn Year 6 'il fuq.
5. It-tfal kbar u xi katekisti għenu fil-Quddiesa li ssir fiċ-Ċentru Parrokkjali nhar ta' Ħadd.
6. Wara l-quddiesa tal-Ħadd, it-tfal inġabru fil-Museum għal ħin ta' rikreazzjoni.
7. F'Marzu saret il-Parents' Day.
8. Saru Lezzjonijiet tal-kitarra nhar ta' Sibt għall-istudenti minn Form 1 'il fuq
9. Fl-okkażżjoni tal-Griżma saret ġurnata rtir u wara treasure hunt. It-tfal ġew miktuba fil-Ktieb tal-Kammnu.
10. Saret ċerimonja tal-magħżulin.
11. L-istudenti li attendew fis-sajf ġew meħuda tliet ijiem Summer Camp.
12. Il-membri kbar attendew għal-laqgħa ta' formazzjoni permanenti li ssir kuljum għal madwar siegħa.
13. Il-membri l-kbar kellhom irtir kull l-ewwel Ħadd tax-xahar kif ukoll xi laqgħat oħra li jsiru darba fix-xahar minn saċerdoti fuq suġġetti differenti.

RAPPORT AZZJONI KATTOLIKA

1. Bħal snin l-imgħoddija l-A.K. tat il-kontribut tagħha sewwa fejn jidħlu l-attivitajiet tal-parroċċa.
2. Nibda biex insemmi s-sezzjoni ta' l-Irġiel. Apparti l-fatt li f'diversi okkażżjonijiet, din is-sezzjoni kull meta kienet mistiedna biex tieħu sehem, din dejjem aċċettat, imma ta' min isemmi li barra milli noffru li nagħmluha ta' animaturi, f'xi okkażżjonijiet speċjali joffru s-servizz manwali wkoll speċjalment fiċ-Ċentru.
3. Is-sezzjoni Nisa għandhom diversi nkarigi fosthom it-tqassim tal-Bullettin u ċerti avviżi li jistgħu jinqalgħu minn żmien għal żmien.
4. Rappreżentanza mill-A.K. fil-Ladies Society u f'diversi sezzjonijiet oħra fi ħdan il-parroċċa, huma ta' min isemmihom ukoll. Din l-istess rappreżentanza jew xi oħra simili, tagħti l-kontribut tagħha anke meta jittella' xi Bazaar b'risq iċ-Ċentru jew il-Parroċċa.
5. Il-Librerija taċ-Ċentru titlob għajnuna siewja, u anke hawn, diversi membri jgħinu fit-tmexxija ta' dan il-post.
6. Fl-aħħar u mhux inqas, il-quddiesa tat-tfal. Membri ta' l-A.K. nisa joffru s-servizz tagħhom għal waqt din il-quddiesa li ssir fiċ-Ċentru.

RAPPORT TAL-KUMITAT TAL-LIBRERIJA PARROKKJALI GHAS-SENA 1993-1994

Il-Librerija tal-Katidral issa daħlet fil-ħdax-il sena tagħha u kompliet tagħti servizz ta' kultura u tagħlim ta' benefiċċju għad-djoċesi kollha ta' Għawdex. Fil-fatt aktar għandna membri mill-irħula t'Għawdex milli miż-żewġ parroċċi tar-Rabat.

Il-Librerija issa tippossiedi madwar 40,000 ktieb; dan ifisser li mill-jum li fih bdiet il-librerija sal-ġurnata tal-lum il-Librerija akkwistat medja ta' ħdax-il ktieb kuljum.

Din il-Librerija qed tagħmel servizz kbir lill-istudenti Għawdxin kemm post-sekondarju (Sixth Formers) u kemm Universitarji li f'numru kbir jiġu biex jagħmlu r-research għall-assignments, proġetti u anki teżijiet. Xi professuri ta' l-Università u lecturers, kif ukoll il-Bibljotekarju ta' l-Universita' l-Avukat Xuereb kellhom kliem ta' tifħir u sorpriża għal l-assortiment kbir ta' kotba akkademiċi li tippossiedi l-Bibljoteka tagħna.

Żewġ nuqqasijiet għandha l-librerija:-

1. Trid żjieda ta' staff iddedikat u ttrenjat. Bis-sistema preżenti ta' voluntiera intermittenti u mhux imħarrġa, hemm limitu kbir għall-għajnuna li tista' toffri l-librerija;

www.sdportathedral.org.mt

2. nuqqas ta' kotba tal-melitensia li jiswew ħafna flus u benefatturi fiit li xejn.

Din is-sena li jkopri r-rapport saru xi ħwejjeġ importanti fil-Librerija:-

1. Biddilna totalment l-istallazzjoni tad-dawl u għamilniha skond l-aħħar regolamenti tal-Inst. of Elect. Eng. biex b'hekk stajna ninxurjaw il-kotba.

2. Inxurjajna l-kotba għas-somma ta' Lm50,000 bit-tama li s-sena li ġejja inżiduha għal Lm60,000.

3. Żidna xkaffi, slielem u apertura kbira ta' l-aluminium li b'kollox swewlna fuq l-Lm400.

Ma nistax ma nsemmix li bħala librar preżenti, jien inħossni diżappuntat għax s'issa l-parroċċa ma mexxiliex issib assistant librar jew sostitut għalija bil-konsegwenza li xi drabi meta jien inkun marid, imsiefer jew minħabba xi kawża oħra ma nkunx nista' mmur l-librerija, il-librerija ma tetħitx. Din il-ħaġa hemm bżonn tirranġa ruħha mill-aktar fis.

Nagħlaq billi nsemmi li Fr. Tony ta' Florida baqa' l-benefattur ewlieni tal-Librerija li jibgħatilna kotba xelti u magazines għar-reading tables kull ġimgħa.

IĊ-ĊENTRU PARROKKJALI

1. Attivitajiet Reliġjużi:

a) quddiesa ta' kuljum;
b) nhar ta' Ħadd żewġ quddisiet: waħda tat-tfal fid-9.15a.m. u l-oħra għal kulħadd fil-11.30a.m.;
c) prayer group, wieħed f'kull xahar;
d) laqgħat mensili: waħda għan-nisa u l-oħra għall-irġiel;
e) eżerċizzi għall-anzjani;
f) novena tal-Milied għat-tfal;
g) korsijiet tar-Reliġjon fuq livell ordinarju kif ukoll fuq livell avanzat.

2. Attivitajiet Kulturali:

a) ħarġiet kulturali għat-tfal u żgħażagħ bħal żjajjar lill-mużewijiet li jinsabu f'Malta u f'Għawdex;
b) servizz ta' Bibljoteka u Catholic Bookshop;
c) kompetizzjonijiet tal-Milied għat-tfal u ż-żgħażagħ;
d) stampar bl-iskaner ta' Bullettini ta' diversi knejjes, għaqdiet u xi xogħol ieħor għall-Kurja Djoċesana;
e) xi wirjiet istruttivi minn żmien għall-ieħor.

3. Attivitajiet Rikreattivi:

a) parties għal diversi kategoriji tal-Parroċċa;
b) diversi ħarġiet f'Malta u f'Għawdex;
c) videos għat-tfal;
d) serata speċjali tal-Milied bis-sehem ta' magician;
e) servizz ta' Bar.

4. Attivitajiet ta' Promozzjoni Umana:

a) servizz ta' psikologu u psikjatra fil-persuna ta' Fr Dr Shields;
b) servizz ta' counselling;
c) servizz ta' television.

5. Attivitajiet Soċjali:

a) Wine & Pizza Party ta' kull xahar;
b) Coffee Morning ta' kull xahar.

ERRATA CORRIGE

Paġna 33 L-OPRA TAL-PJANETI — Maria Buhagiar kienet waħda fost il-ħames parruċċani li taw is-sehem tagħhom fil-ħjata tal-pjaneti ġodda.
Paġna 58 FLUS GĦALL-KARITÀ — L-ammont mogħti għal Obolo ta' S. Pietru huwa ta' Lm221.00.0. Għalhekk is-somma totali mogħtija mill-Parroċċa għall-Karità kienet ta' Lm2456.04.0.
Paġna 60 GRIŻMA TA' L-ISQOF — Il-ġenituri ta' Amanda Bezzina huma John u Maria.

www.gozocatholicblog.mt

RAPPORT FINANŻJARJU GĦAS-SENA 1993

BILANĊ FIL-BIDU TAS-SENA	Lm	**6273.41**
Sassla, Kaxxi tal-Qaddisin, Turisti u Ġabra tal-Festa	Lm	12088.85
Dħul ieħor		3606.94
Interessi fuq Depożiti fil-Kurja		2881.39
Bejgħ ta' Oġġetti mill-Kurja		193.25
Dħul għall-Quddies u Funerali		2783.54
Dħul mill-Legati		802.90
TOTAL TAD-DĦUL	Lm	**22356.87**
Quddies u servizzi oħra għas-saċerdoti	Lm	8030.82
Servizzi ta' Abbatini u persuni oħra		307.00
Ostji, Inbid u Ħasil ta' Purifikaturi eċċ.		421.55
Depożiti l-Kurja		0.00
Manutenzjoni / Opri Ġodda tal-Knisja		2598.47
Xogħol ta' Stampar, Telephones, Dawl u Ilma		2191.83
Donazzjonijiet		1672.22
Infieq Ieħor (Festa Titulari, eċċ.)		2670.98
Xiri ta' Oġġetti għall-Bejgħ		458.20
Taxxa		585.00
Ħruġ għall-Legati		641.70
TOTAL TAL-ĦRUĠ	Lm	**19577.77**
BILANĊ FL-AĦĦAR TAS-SENA	Lm	**9052.51**

FLUS GĦALL-KARITÀ MILL-PARROĊĊA TAL-KATIDRAL AWWISSU '93 - LULJU '94

MISSJONI FL-INDJA	Lm	185.00
OBOLO TA' SAN PIETRU		214.00
GĦALL-MISSJONI		672.00
ĠABRA GĦALL-KARITÀ		405.00
KAMPANJA TAS-SAGRIFIĊĊJI		75.00
SEMINARJU		770.24
TFAL TA' L-EWWEL TQARBINA		50.80
TFAL TAL-GRIŻMA		77.00
B'KOLLOX	Lm	**2449.04**

www.gozocathedral.org.mt

KRONAKA TAL-PARROĊĊA

1 ta' Awwissu 1993 - 31 ta' Lulju 1994

Magħmudijiet

DATA	ISEM TAT-TARBIJA	ISEM TAL-GENITURI
01-08-93	JOSEPH	Michael Dr u Carol Caruana
01-08-93	MARCIA	George u Sonia Scicluna
01-08-93	SAMANTHA	Anton u Regina Vella
05-08-93	JOSEPH	Manwel u Maria Bonnici
10-08-93	REBEKKA	Raffaele u Doreen Gerardi
10-08-93	ZELIA	Cristopher u Alama Vella
14-08-93	NICHOLAS CHRISTIAN	Joseph u Michelle Vella
18-08-93	MIRIANA	Valentin u Roberta Cassar
19-09-93	GABRIEL	Joseph u Sandra Haber
24-09-93	ADRIAN	Carmel u Anna Scerri
25-09-93	ELAINE	Joseph u Mary Farrugia
09-10-93	MARIA	Rikardu u Jane Xuereb
10-10-93	GABRIEL	Raymond u Susan Hili
17-10-93	TONY	Frank u Giovanna Cini
17-10-93	MAXINE	Joseph u M. Aurora Debrincat
07-11-93	CHRISTIANA M.	Eucharisticu u Jane Grech
14-11-93	EMMA	John u Charmaine Farrugia
20-11-93	NATANANIEL	John u Miriam Camilleri
20-11-93	YURGEN	Reno u Lorenza Zammit
20-11-93	JEAN CLAUDE	Reno u Lorenza Zammit
21-11-93	MARIA CHRISTINA	Anton u M'Rose Scicluna
21-11-93	STEVE	Mario u Rose Cassar
26-11-93	GIOVANNA	Michael Dr u Maria Grech
17-12-93	LARA MARIE	Laurence u Francesca Mizzi
20-12-93	DEBBIE	Joseph u Karen Said
26-12-93	DESIREE MARIE	Joseph u Irene Bajada
02-01-94	LUKE	George u Josette Portelli
23-01-94	JOEL	Mario u Micheline Calleja
04-02-94	RENO	George u Rose Mifsud
06-02-94	ANTON	Aldo u Maria Portelli
06-02-94	MARJANA	Joe u Rita Cauchi
19-02-94	MARYANNE	Joseph u Sandra Portelli
27-02-94	ANDRÈ	George u M'Grace Haber
06-03-94	ALEXANDRA	Atanasio u Marija Degiorgio
13-03-94	JANICA	Max u Josette Xuereb
20-03-94	MARK	Louis u Sylvia Grech
26-03-94	CHRISTOPHER	Peter u Doris Saliba
20-04-94	JOSEPH LUKE	Joseph u Victoria Gauci
24-04-94	GABRIELLE	Joseph u M'Assunta Gauci
08-05-94	JACOB	Mark u Silvana Cini
22-05-94	KATYA	Emanuel u M'Anne Zerafa
22-05-94	NATHON	John u Pauline Abela
26-06-94	ANDRIA	Richard Lian u Anna Maria Bates
03-07-94	MONIQUE	Joseph u Mariella
16-07-94	MARIA	Joseph u Mary Grace

www.gozocathedral.org.mt

L-Ewwel Tqarbina

ISEM	GENITURI	INDIRIZZ
ABELA MARIA	JOE-VIVIENNE	89, Palm Street
ATTARD CAROL	MICHAEL -FRANCES	24, Kercem Road
ATTARD ROBERT	MICHAEL-FRANCES	24, Kercem Road
AZZOPARDI JONATHAN	JOE-GORĠA	'Monita', Wied Sara
BEZZINA FIONA	JOHN-MARIA	c/o 16, Main Gate
BUGEJA MANRICO	EUGENE-ALDA	'Bright Eyes', Dun Pawl Micallef Str
CALLEJA MARIO	FRANK-LINA	"Madonna tal-Grazzja', Capuchins Str
CAMILLERI MARK	JOHN-PACENZIA	70, Mattia Preti Street
CARUANA MARIA	MARIO-AGNES	'Amadeus', Europa Road
CASSAR MARITA	JOHN MARY-FRANCES	'La Colomba', Sump Street
CINI ALAN	JOSEPH-HELEN	'Josel', Karlu Galea Street
D'ANASTASI DANIEL	THOMAS-SYLVIA	'Casa D'anasvell', Borg Gheritu Str
DEGIORGIO DIANE	ATANASIO-MARIA	'Ambrosia', Wied Seqer Street
FARRUGIA CHANTELLE	EMANUEL-THERESE	Bl. G, Fl. 6, Dr Anton Tabone Street
GALEA ANTHONY	RAYMOND-LORA	'Papillon', Forn il-Gir Street
GATT NICHOLAS	JOSEPH-M'DOLORES	'Alba', Sump Street
GRECH ADRIAN	KARISTU-JANE	49, St Mary Street
GRECH CATHIA	EMANUEL-LORA	'Redentur', St. Domenica Street
GRECH MARIA	SALVU-MARY ROSE	18, Providence Street
GRIMA KENNETH	CARMEL-M'JANE	111, Europa Street
KITCHER FRANS	MARIO-VICTORIA	Bl. F.A., Fl. 3, Tac-Cawla
MAGRIN MICHELINE	HENRY-MARY	34, Mattia Preti Street
MERCIECA DEBORAH	GRATIO-MARIA	'Gizimin', Viani Street
MUSCAT MELAINE	FRANKIE-ANITA	'Il-Kenn', Guze` Ellul Mercer Street
REFALO JOSEPH	JOSEPH-RITA	'Rita', Capuchins Street
SALIBA SARAH	BASKAL-FRANCES	Triq il-Municipju Ruman
SCICLUNA MARIA	PAUL-MICHAELINE	130/1, Republic Street
SPITIERI SAVIO N	RAY-EVELYN	'Spiteri Hse.', Pope John Paul II Street
SULTANA MATTHEW	PIO-GRACE	'Sultana', Sump Street
VELLA EARL	GWIDO-MARIA	26, Fortunato Mizzi Street
VELLA LUCIENNE	LORETO-RITA	'Casa Vella', Viani Street
VELLA MARIO	GREZZJU-CARMEN	'Qalb ta' Gesù', Borg Geritu Street

Griżma ta' l-Isqof

ISEM	GENITURI	INDIRIZZ
AZZOPARDI JEANETTE	LUDOVICO U MARIA	17, Foreman Street
AZZOPARDI JOSETTE	JOHN U MARY	'Deer Park' 31st March Street
AZZOPARDI SAMUEL	LUDOVICO	Capuchins Street
BEZZINA AMANDA	JOHN U	Qbajjar Road, Marsalforn
BUGEJA JOSEF	JACK U THERESA	'Jacter' St George's Fief
CALLEJA ANTHONY	FRANK U LINA	'Madonna tal-Grazzja' Capucchins Str
CAMILLERI CHARLENE	VINCENT U RITA	Block G Flat 1, Tac-Ċawla
CAMILLERI JANETTE	JOE U GRACE	Plot 13 Fortunato Mizzi Street

ISEM	GENITURI	INDIRIZZ
CAMILLERI SIMON	SIMON U BERNARDETTE	'Bersim' Sacred Heart Street, Fontana
CORDINA ANTHONY	JOSEPH U ANTONIA	19, By The Bastion Road
CORDINA JOSEPH	JOSEPH U ANTONIA	19, By The Bastion Road
CREMONA ANTHONY- MARIO	GEORGE U MARIA	'Shalom' 4, Exchange Junction
DIMECH KEVIN	FRANK U TESSIE	'Dimech House' Capuchins Street
ENRIQUEZ JOSEPH	JOE U MARY	'Nashville Tennesse' Borg Geritu Str
FARRUGIA ANTHONY	BERTU U GIACINTA	56, St Dominic Street
FARRUGIA JENNIFER	FRANK U DORIS	'Frankdor' A Mallia Street
FARRUGIA ROSE MARIA	MICHAEL U EMERENZIANA	Triesti Flats', Qbajjar Rd, Marsalforn
FARRUGIA SHARON	GEORGE U ANTONIA	15, Wied Sara Street
GATT RUBEN	JOHN U EMILIA	'Emily John' Sta Domenika Street
GAUCI MARIA	TONI U M'RITA	13, St Mary Street
GRECH JOSEPH	ANTHONY U M'ANGELA	7, St Sabina square
GRECH MIRIAM	FELIX U LORA	'Thyme' Triq il-Ġilju
HILI ANTHONY	ANTON U EMMA	'Ave Maria' Dr A Tabone Street
MEJLAQ JOHN	PUBLIUS U TARCISJA	12, Mons Luigi Vella Street
MERCIECA MAX	TARCISJU U DORIS	'St Joseph' Triq Papa Gwanni Pawlu II
MICALLAEF DENISE	GEORGE U GRACE	'Our Dream' Patri M Magri Street
MICALLEF MARIA	CARMEL U REGINA	CRM Capuchins Street
MIZZI CHARLES	KELINU U GUZA	48 Assumption Street
MIZZI SILVAN	ALESSIO U GUZA	BLK. A, FL. 2, Taċ-Ċawla
PACE ELIZABETH	CARMEL U	BLK. D, FL. 8, Taċ-Ċawla
PORTELLI JONATHAN	ROGER U ANTOINETTE	Duke of Edinburgh Hotel, Republic Str
REFALO ENZO	MICHAEL U NADETTE	'Villa Bernadette' Calypso Str, Xagħra
SALIBA PAUL	CARMEL U LUCY	80, Sir Luigi Camilleri Street
SCERRI ALESSANDRO	NOEL U MICHELINA	BLK. KA, FL. 3, Taċ-Ċawla
SCICLUNA JAMES	ALVIN U MARGARET	By the Bastion Road
SULTANA ANDREW	PIO U GRACE	'Sultana' Sump Street
VELLA JOSEF	SUNNY U MARY	'Summer' Archbishop Pietro Pace Str
VELLA RITIENNE	TONI U GRACE	BLK. HA, FL. 8, Taċ-Ċawla
ZAMMIT SEAN	MARIO U INA	'Dahlia' Triq Mattia Preti

Żwiġijiet

DATA	ISEM
01-08-93	Vincent Vassallo - Ruth Camilleri
07-08-93	Louis Calleja - Josette Sultana
21-08-93	Peter Paul Galea - Alexandra Gatt
08-09-93	Joseph Adolf Navarro - Grace Grech
11-09-93	John Vella - Pamela Vella
02-10-93	Mark Azzopardi - Carol Gatt
09-10-93	Saviour Debrincat - Karen Grech
03-12-93	Joseph Bonnici - Joseline Grima
12-12-93	Vincent Borg - Moira Vella
15-01-94	George Attard - Anna Borg
15-01-94	George Sunny Jack - Eucharistica Dimech

DATA	ISEM
19-03-94	Paul Mario Dimech - Simone Abela
09-04-94	Christopher Vella - Geraldine Scicluna
23-04-94	Joe Cremona - Marlene Muscat
01-05-94	Marvic Bajada - esther Cortis
07-05-94	Paul Grech - Mariella Fenech
14-05-94	Mario Borg - Rita Farrugia
04-06-94	Saviour Grima - Marisa Gatt
25-06-94	Joseph Fenech - Anna Maria Grech
09-07-94	Clive Richardson - Catherine Vassallo
31-07-94	Michael Fenech - Carmelina Grech

Imwiet

DATA	ISEM TAL-MEJJET
31-07-93	KELINU PORTELLI
11-08-93	ALEXANDRA TABONE
05-09-93	MARCELLA TABONE
20-10-93	ANTON VELLA MUSCAT
12-11-93	MARIJA ATTARD
09-12-93	PAWLU VENTO
19-12-93	M'ANGELO FARRUGIA
06-01-94	CARMELO BUGEJA
11-12-94	URSOLA MERCIECA

DATA	ISEM TAL-MEJJET
21-03-94	JOSEPH FARRUGIA
24-03-94	PAWLINA AGIUS
05-04-94	KATARINA GUACI
16-04-94	MARIJA PACE
18-04-94	GEORGE ZAMMIT
21-04-94	SALVINA LANZON
25-05-94	GEORGE SCICLUNA
30-05-94	ROZINA DEBONO

www.gozocathedral.org.mt

HAJJA PASTORALI BIR-RITRATTI
1993 - 1994

Fil-Ġimgħa tal-Parroċċa ta' kull sena tinżamm l-Assemblea Ġenerali tal-korpi kollha morali fi ħdan il-parroċċa. Din tinżamm f'Manresa House fejn il-Kunsilli, l-Għaqdiet u l-Kumitati kollha tal-parroċċa jaqraw ir-rapporti rispettivi tagħhom.
Ir-ritratt juri lil Mons. Isqof N. Cauchi flimkien ma' l-Arċipriet jindirizzaw l-Assemblea Plenarja.

Ta' kull sena tinżamm 'OPEN-DAY' taċ-Ċentru li fiha ħafna studenti ta' l-iskejjel sekondarji jżuru l-Bibljoteka Parrokkjali tal-Katidral. Il-librar, is-Sur Anton Farrugia jagħti tagħrif lil dawn l-istudenti kif huma jistgħu jagħmlu 'research work' għall-'assignments' li jista' jkollhom bħala parti mill-istudji tagħhom.

ĦARĠA BIL-HELICOPTER

Saret ħarġa speċjali bil-'helicopter' għall-abbatini u għal xi tfal tal-Parroċċa. Mons. Arċipriet akkumpanja lil dawn it-tfal f'din il-ħarġa.

VESTIZZJONI TA' ŻEWĠ ABBATIN

Fit-8 ta' Mejju, 1994, fil-ftuħ tal-Ġimgħa Ewkaristika-Liturġika saret il-vestizzjoni ta' żewġ abbatini ġodda. U dawn kienu John Gauci u Andreas Camilleri. Il-vestizzjoni saret minn Mons. Arċipriet.

GHOTJIET TA' KOTBA

Matul is-sena mhux l-ewwel darba li xi parruċċani offrew kotba lill-Bibljoteka Parrokkjali tal-Katidral. Din id-darba, dawn il-parruċċani kienu Mr Joe Cordina u Mrs Maria Mercieca.

L-ISQOF FOST IŻ-ŻGHAŻAGH

F'egħluq l-Eżerċizzi spiritwali taż-żgħażagħ f'Marzu li għaddha, Mons. Isqof għalaq dawn l-eżerċizzi b'quddiesa. Ir-ritratt juri xi wħud minn dawn iż-żgħażagħ.

'HAMPERS' FIL-ĠRANET TAL-MILIED

Fil-granet tal-Milied, il-parroċċa toffri *hamper* lill-parruċċani rikoverati fil-*Geriatric Wards* ta' l-Isptar Generali. Ir-ritratt juri lil Mons. Arcipriet joffri wieħed minn dawn il-*hampers* lil Salvu Axiaq.

'PLAY' TAL-MILIED

Fil-granet tal-Milied it-tfal ħadmu 'play' fil-Katidral. Din il-play ma naqsitx li twassal lill-parruċċani preżenti messaġġ ta' ferħ u ta' paċi lill-bnedmin ta' rieda tajba.

It-tfal subien u bniet tal-Parroċċa li din is-sena rċevew l-Ewwel Tqarbina.

It-tfal subien tal-Parroċċa li din is-sena rċevew il-Grizma ta' l-Isqof.

Programm tal-Festa

ĊELEBRAZZJONIJIET FIL-KATIDRAL TA' GĦAWDEX

27 ta' Lulju - 15 ta' Awwissu 1994

L-Erbgħa, 27 ta' Lulju
JUM IL-FAMILJA NISRANIJA

Fis-6.30 pm: Fl-okkażjoni tas-Sena Internazzjonali tal-Familja, Mons Arċipriet Carmelo Scicluna jqaddes għal dawk li żżewġu (a) f'din is-sena, (b) għaxar snin ilu u (c) ħmistax-il sena ilu. Fis-7.00 pm: Serata Mużiko-Letterarja mill-Banda taż-żgħażagħ tas-Soċjetà Filarmonika Leone.

Is-Sibt, 30 ta' Lulju
JUM TA' QDUSIJA SAĊERDOTALI

9.15 am: Sa nofs in-nhar sigħat ta' talb, ta' riflessjoni u tagħlim spiritwali għal membri tal-Kunsill u Presbiterju Parrokkjali. Mons Isqof jattendi għall-aħħar parti. Fil-12.15 p.m.: Ikla flimkien ma' Mons Isqof. Fis-7.00 pm Mons Arċipriet f'quddiesa jagħmel l-omelija ta' l-okkażjoni u l-abbatini jagħmlu t-tiġdid tal-wegħdiet li għamlu dak in-nhar tal-vestizjoni tagħhom.

Il-Ħadd, 31 ta' Lulju
JUM L-EMIGRANTI

Fil-10.00 am: Ħruġ ta' l-istatwa ta' Santa Marija fost il-kant ta' l-innijiet Marjani. Issir il-ġabra tradizzjonali. Fil-5.00 p Mons Isqof jamministra is-Sagrament tal-Konfermazzjoni u l-Ewwel Tqarbina lil xi ulied tal-emigranti li jkunu hawn għall-festa.

It-Tnejn, 1 ta' Awwissu
JUM L-GĦAQDIET

Fis-6.45 p.m: Rużarju minn diversi membri tal-Għaqdiet. Fis-7.00pm: Il-Wisq Reverendu Provinċjal Patri Ġorġ Frendo jqaddes u jagħmel omelija ta' l-okkażjoni. Il-qari fil-quddiesa jsir minn membri differenti ta' l-istess Għaqdiet.

* Mill-1 sas-6 ta' Awissu fil-quddiesa vespertina Patri Provinċjal Ġorġ Frendo joffri fil-qosor marjoloġija sħiħa.

It-Tlieta, 2 ta' Awwissu
JUM L-ISTUDENTI TAD-DUTTRINA NISRANIJA U L-VOKAZZJONIJIET

Fid-9.30 am: Quddiesa għall-abbatini fiċ-ċentru Parrokkjali u wara-fuq ta' wirja dwar il-parroċċa mtellgħa mill-istess abbatini. Din il-Wirja tkun fiċ-Ċentru. Fis-6.45 p.m.: Rużarju mill-istudenti tad-duttrina. Fis-7.00 pm: Patri Ġorġ Frendo, Provinċjal tad-Dumnikani, jagħmel l-omelija ta' l-okkażjoni. Il-qari fil-quddiesa jsir mill-istudenti. Wara l-quddiesa Mons Arċipriet iqassam il-premijiet lill-aħjar żewġ studenti taċ-Ċentri tad-Duttrina tar-Rabat.

L-Erbgħa, 3 ta' Awwissu
JUM L-ANŻJANI

Fid-9.00 am: Fiċ-Ċentru Parrokkjali servizz penitenzjali għall-qrar aħjar. Fid-9.30 am: Quddiesa mill-Vigarju Parrokkjali minn Dun Girgor Grech li fiha jamministra s-Sagrament tad-Dilka Mqaddsa lill-anzjani preżenti. Fis-6.45 pm: Rużarju mill-anżjani. Fis-7.00 p.m. Quddiesa mill-Wisq Reverendu Provinċjal tad-Dumnikani li fiha jagħmel l-omelija ta' l-okkażjoni. Il-qari fil-quddiesa jsir mill-Anżjani.

Fis-6.30 p.m. ikun hemm mini-buses fi Pjazza Savina li jwasslu l-Katidral lil xi anżjani li ma jifilħux jiġu l-Katidral.

Il-Ħamis, 4 ta' Awwissu
JUM IT-TFAL

Fis-6.00 pm: Tluq tat-tfal tal-Parroċċa miċ-Ċentru għall-Katidral. Fis-6.15 pm: Quddiesa għat-tfal minn Fr Joe Vella Gauci. Fl-aħħar tal-quddiesa t-tfal jiġu mogħtija tifkira ta' l-okkażjoni. Fis-7.00 pm: Quddiesa bl-omelija ta' l-okkażjoni mill-Provinċjal Patri Ġorġ Frendo.

Il-Ġimgħa, 5 TA' Awwissu
JUM IL-MORDA

Fid-9.00 am: Mons Nikola Vella jqaddes fil-Klinika tas-Sorijiet Karmelitani. Fid-9.30 am: Mons Teologu Joseph Farrugia jqaddes fil-Klinika tas-Sorijiet Dumnikani. Fl-10.00 am: Mons Girgor Vella jqaddes fis-St Dominic's clinic. Fl-10.15 am: Mons Arċipriet jqaddes fl-Isptar Ġenerali. F'dan il-jum jiġu mqarbna l-morda kollha tal-parroċċa u jiġu mogħtija tifkira ta' l-okkażjoni. Fis-7.00 pm: Quddiesa bl-omelija ta' l-okkażjoni.

Is-Sibt, 6 ta' Awwissu
JUM IL-MISSJONI

Fis-7.00 pm: Quddiesa bl-omelija ta' l-okkażjoni. Issir ġabra għall-Missjoni fil-Guatemala fejn ħadem għal sena sħiħa s-Seminarista tal-Parroċċa tagħna, Anton Grech. Ikla tradizzjonali fil-Pjazz tal-Knisja.

Il-Ħadd, 7 TA' Awwissu
JUM IT-TRABI

Fid-9.00 am: Mons Arċipriet Carmelo Scicluna f'quddiesa jwassal messaġġ ta' l-okkażjoni. Din il-quddiesa ugi mxandra minn fuq ir-Radio 1. Fil-5.00 p.m: Mons Isqof f'quddiesa konċelebrata jbierek it-trabi li twieldu minn Awissu 1993 sas-7 ta' Awissu 1994. Jiġu mtellgħin tlett domni tad-deheb bix-xbieha tal-Madonna fost it-trabi preżenti.

It-Tnejn, 8 ta' Awwissu
JUM IŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Fis-7.00 p.m: Quddiesa għaż-żgħażagħ minn Fr John Curmi tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl. Tieħu sehem il-Banda taż-żgħażagħ tas-Soċjetà Filarmonika Leone. Fil-quddiesa jsir tberik speċjali taż-żgħażagħ. Tiġi mogħtija tifkira ta' l-okkażjoni liż-żgħażagħ. Wara Bar-B-Q fiċ-Ċitadella.

It-Tlieta, 9 ta' Awwissu
JUM IL-FAMILJA NISRANIJA

Fis-6.00 pm: Quddiesa għall-bżonijiet tal-familji kollha tal-Parroċċa. Fis7.00 p.m: Play miktuba minn Anton Scicluna bi produzzjoni ta' Fr Joe Vella u Anton M Saliba.

L-Erbgħa, 10 ta' Awwissu
JUM IS-SOĊJETÀ FILARMONIKA LEONE

Fis-6.45 pm: Ruzarju minn ħames membri tal-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika Leone. Fis-7.00 pm: Quddiesa minn Fr Joe Vella Gauci, Direttur Spiritwali tas-Soċjetà msemmija u koperatur ta' l-Arċipriet. Fiha jagħmel l-omelija ta' l-okkażjoni. L-imsemmija Banda tieħu sehem fil-quddiesa bid-daqq u l-kant ta' innijiet liturġija.

Il-Ħamis, 11 ta' Awwissu
JUM IR-RELIĠJUŻI

Fis-7.00 am: Quddiesa Konventwali mir-Rev.mi Kapitulari. Fis-6.30 pm: Għasar Kanata bil-Malti. Imexxi Mons. Penitenzier Girgor Vella. Kurunella ta' l-Assunta u Funzjoni Ewkaristika bil-Barka Sagramentali minn Mons. Ġorġ Tabone. Fis-7.00 pm: Mons. Teologu Joseph Farrugia jmexxi Ċelebrazzjoni Ewkaristika Solenni. Wara l-Vanġelu il-Wisq Reverendu Patri Vinċenz Portelli O.P., jagħmel l-omelija ta' l-okkażjoni. Il-qari fil-quddies jsir mir-reliġjużi.

Il-Ġimgħa, 12 ta' Awwissu
JUM IL-KUNSILL PARROKJALI

Fis-6.30 pm: Għasar Kantat bil-Malti bis-sehem tar-Rev.mi Kapitulari. Imexxi Mons. Joseph Azzopardi. Immedjatament wara Kurunella u Funzjoni Ewkaristika għall Barka Sagramentali. Jiffunzjona Mons. Rosario Borg, Vigarju Foran Fis-7.00 pm: Mons Ġorġ Tabone jmexxi Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Wara l-Vanġelu diskors taċ-ċirkustanza minn Wisq Reverendu Patri Vinċenz Portelli. Il-qari fil-quddies jsir minn membri tal-Kunsill Parrokjali.

Is-Sibt, 13 ta' Awwissu
JUM IL-BENEFATTURI ĦAJJIN U MEJTIN

Fis-6.30 pm: Għasar Kantat bil-Malti tal-Madonna. Imexxi Mons. Lawrenz Xerri. Wara Kurunella tal-Madonna u Funzjoni Ewkaristika għall-Barka Sagramentali minn Mons. Joseph Gauci. Fis-7.00 pm: Mons. Penit. Girgor Vella jmexxi Ċelebrazzjoni Ewkaristika bl-omelija taċ-ċirkustanza mill-Wisq Reverendu Patri Vincenz Portelli. Il-quddies f'din il-ġurnata jkun għall-bżonnijiet tal-benefatturi ħajjin u għas-suffraġju ta' l-erwieħ tal-benefatturi mejtin. Fid-9.30 pm: Dimostrazzjoni bl-istatwa ta' Santa Marija. Jieħdu sehem il-Banda Ċittadina Leone u l-Bankda Victory tal-Mellieħa.

Il-Ħadd, 14 ta' Awwissu
JUM IL-KOMMUNITÀ PARROKJALI
LEJLET IL-FESTA

Fit-8.00 am: Konċelebrazzjoni mir-Rev.mu Kapitlu. Fi tmiem il-quddiesa jitkanta it-Te Deum ta' għeluq il-Kwindiċina. Fid-9.00 am: Marċ mill-banda Leone. Fin-12.30 pm Xandir ta' marċi mill-Banda Leone fuq ir-Radio. Fil-5.30 pm: Marċ mill-Banda Ċittadina Leone miċ-Ċentru Parrokjali sal-Katidral. Fis-6.00 pm: Translazzjoni Pontifikali tar-Relikwija tal-Madonna minn Mons.Isqof. Wara Għasar Pontifikali u Funzjoni Ewkaristika għall-Barka. Fis-7.30 pm: Quddiesa li tgħodd għall-preċett festiv minn Mons. Arcipriet Carmelo Scicluna. Fis-7.30 pm: F'Misraħ Indipendenza Programm Mużikali mill-Banda Filarmonika 'St Helena' ta' Birkirkara. Fid-9.00 pm: Marċi trijonfali matul Triq ir-Repubblika mill-Banda ċittadina Leone u l-Banda 'St Helen'. Fil-11.30 pm: Il-Banda Ċittadina 'Leone' ddoqq l-Innu A Marija Assunta taħt id-direzzjoni tas-Surmast Colin Attard. Wara logħob tan-nar maħdum minn Benny Farrugia f'Misraħ Savina.

IT-TNEJN, 15 TA' AWWISSU
L-GĦID TA' L-ASSUNTA

Il-Quddies ikun fl-4.30 am, 5.00 am, 5.30 am, 6.00 am, 6.30 am, 7.00 am, 7.30 am, 8.00 am, 10.30 am, 11.00 am, 12.00 u 1.00 pm.

Fit-8.45 am: Kant tat-Terza u Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija minn Mons. Isqof Nikol G. Cauchi bis-sehem tal-Kapitlu Katidrali. Fi tmien il-Pontifikal jitkanta it-Te Deum fl-okkażjoni tad-19-il-sena ta' l-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari ta' l-Assunta. Wara l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Isqof jagħti l-Barka Papali bir-rebħ ta' l-indulġenza Plenarja. Fl-10.00 am: Marċi Briġużi fil-qalba tal-Belt Victoria mill-Banda 'La Victoria' tal-Mellieħa u 'St Joseph' tal-Ħamrun. Fit-3.00 pm: Tiġrijiet Tradizzjonali tal-bhejjem. Premjijiet: tazzi sbieħ jitqassmu mill-Onor. Anton Tabone, Ministru għall-Għawdex. Fil-5.00 pm: Quddiesa bl-omelija minn Mons Salv Borg, Arcipriet tal-Bażilika San Ġorġ. Fis-5.45 pm: Għasar Solenni mir-Rev.mu Kapitlu u wara Funzjoni Ewkaristika għall-Barka Sagramentali. Imexxi Mons. Arċidjaknu Giovanni B. Gauci. Fil-5.30 pm: Sfilata ta' marċi mill-Baned 'Leone' u 'San Ġużepp' tal-Ħamrun. Fis-6.30 pm: Ħruġ tal-Purċissjoni li fiha jieħu sehem ir-Rev.mu Kapitlu flimkien mal-Eċċ. Tiegħu Mons Isqof N. Cauchi. Il-Banda 'Leone' iddoqq l-Innu A Maria Assunta bis-sehem tal-Kor, Tenur u Baritonu. Wara takkumpanja l-Purċissjoni Pontifikali mmexxija mill-Eċċ. Tiegħu l-Isqof t'Għawdex u l-Kapitlu Katidrali. Fis-7.00 pm: Programm f'Misraħ Indipendenza mill-Banda 'San Ġużepp' tal-Ħamrun. Fl-10.00 pm Marċ b'mixgħela Venezjana mill-Banda Ċittadina 'Leone' u b'hekk jingħalqu dawn il-festi tradizzjonali u bil-wisq popolari fost il-poplu Malti u Għawdxi.

Now business people have more time
to get down to what they do best ...



CISK
Light
Premium Lager
BOTTLED BY SIMONDS FARSONS CISK LTD MRIEHEL MALTA
Superbly
light...
...distinctly
Cisk.
OUT
NOW!
CISK
Light
Premium Lager